# RAPPORT ANNWALI
# 2018

# MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
# DRITTIJIET TAT-TFAL
# U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

**MARZU 2019**

**Introduzzjoni Ġenerali**

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet għat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jiffoka fuq it-tisħiħ tal-benesseri tal-familja billi:

jissalvagwardja d-drittijiet tat-tfal u jassigura l-protezzjoni tagħhom;

jipprovdi benefiċċji soċjali li jservu biex imantnu individwi u familji fil-bżonn;

jipprovdi assistenza soċjali ta' kwalità;

jaħdem sabiex il-komunitajiet lokali jingħataw spinta permezz ta' akkomodazzjoni xierqa;

jipprovdi kura xierqa u fit-tul ta' servizzi ta' kwalità għall-anzjani b'konċentrazzjoni qawwija ta' anzjanità attiva u ż-żamma ta' dawn in-nies fil-komunità għall-itwal żmien possibbli;

il-promozzjoni u ż-żamma ta' opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità.

Il-Ministeru jopera b'uffiċjali pubbliċi li jikkoperaw bejniethom biex flimkien jiffaċilitaw il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà filwaqt li jassiguraw inklużjoni soċjali għal kulħadd. L-għan ewlieni tal-Ministeru hu li jtejjeb il-firxa ta' servizzi li huwa joffri bil-għan li b'mod effiċjenti u effettiv jindirizza l-bżonnijiet kontinwi u emerġenti tal-pajjiż.

Dan kollu jsir permezz ta' *networking* kordinat, koperazzjoni u komunikazzjoni tajba bejn id-dipartimenti u d-direttorati tal-Ministeru konċernat, prinċipalment:

1. is-Servizzi Korporattivi;
2. il-Governanza Finanzjarja u Ppjanar
3. l-Imnaġġjar tar-Riżorsi Umani;
4. is-Sigurtà Soċjali
5. l-Osservanza tal-Benefiċċji;
6. l-Istandards fil-Ħarsien Soċjali;
7. il-Politika Soċjali;
8. l-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi;
9. l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità;
10. is-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija; u
11. l-Immaniġjar tal-Informazzjoni Tekonoloġika.

## 1. DIRETTORAT TAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

### Amministrazzjoni Ġenerali

### Safar

Matul is-sena 2018, ipproċessajna 162 safra lejn l-Ewropa kif ukoll lejn l-Istati Uniti, l-Iżvizzera u ċ-Ċina. Fosthom kien hemm 22-il safra fuq delegazzjonijiet Ministerjali jew delegazzjonijiet tas-Segretarji Parlamentari.

Fis-sena ta' qabel ipproċessajna 159 safra lejn l-Ewropa kif ukoll lejn l-Istati Uniti. Fosthom kien hemm 17-il safra fuq delegazzjonijiet Ministerjali u 11–il safra fuq delegazzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari. Safar ieħor li ħadet ħsieb din is-sezzjoni kien relatat mad-Dipartimenti u Direttorati fi ħdan dan il-Ministeru.

### Restawr ta' Palazzo Ferreria

Fis-sena 2018, ingħatat offerta għar-restawrar tal-faċċata ta' Palazzo Ferreria. Il-proġett ġie maqsum fi tnejn: ix-xogħol fuq l-ewwel nofs tal-faċċata; u lejn l-aħħar tal-2018 beda xogħol ta' restawr fuq il-faċċata ta' Triq Nofsinhar

Inħarġet sejħa għall-offerti biex tiġi rrestawrata l-faċċata fuq Triq l-Ordinanza. Il-proġett ġie maqsum fi tliet partijiet u spiċċa x-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-faċċata.

### Manutenzjoni

Matul is-sena 2018 sar *refurbishment* tal-Uffiċċju Distrettwali l-ġdid ta' Ħal Balzan fejn inbena ċint bil-kantun fil-bitħa; sar tikħil u tibjid; *toilets*; *trunking* u dwal; kċina; bibien ġodda; *partitions (gypsum boards*), *parquet* u saru wkoll rampi sabiex il-fond ikun aċċessibbli minn persuni b'diżabilità. Sar ukoll *refurbishment* tal-uffiċini wżati mis-Segretarju Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali *f'Palazzo Ferreria*, liema xogħol kien jikkonsisti f'tikħil u tibjid, saru gypsum boards, inbidlu d-dwal u saret installazzjoni ta' *internet data*.

Fis-sena ta' qabel (2017), kien sar xogħol ta' manutenzjoni u tibdil ta' għamara f'diversi uffiċini. Sar ukoll tibdil totali ta' appartament fi Triq Nofsinhar, il-Belt. Dan l-appartament jagħmel parti minn Palazzo Ferreria. Tneħħew il-wajers tal-elettriku u l-komunikazzjonijiet li kienu neżlin mall-faċċata. Dawn tpoġġew b'mod pulit u temporanju sakemm jitlesta ir-restawr kollu.

Għall-aħħar tas-sena, inbeda l-proċess ta' bdil ta' *toilets* f'Palazzo Ferreria, liema proċess se jitkompla matul is-sena 2018.

### Fergħa tal-Kuntratti u Xiri

Din il-Fergħa ħadmet biex jinħarġu u jingħataw diversi kuntratti / kwotazzjonijiet u jinxtraw oġġetti u servizzi għall-Ministeru, is-Segretarji Parlamentari, is-Segretarju Permanenti, kif ukoll Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru, kif u meta kien il-bżonn.

Dan sar skont il-Ligi u r-Regolamenti tal-*Procurement* biex waqt il-proċessi jkunu ggarantiti it-transparenza, il-ġustizzja u r-responsabbiltà. Sakemm kien possibbli, dejjem intużat l-Electronic Public Procurement System (Epps) fil-ħruġ, fl-evalwazzjoni u fl-għoti tal-offerti tat-Tenders. Il-Kwotazzjonijiet isiru skont il-bżonn u regolarment dawn jiddependu mill-istima tal-oġġetti meħtieġa. Ħafna minn dawn, isiru bl-imejl. Dawn jintbagħtu lil numru ta' aġenti f'daqqa u jagħlqu kollha flimkien. L-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet issir skont il-każ u liema tip intużat però dejjem b'trasparenza skont il-liġi tal-*procurement*.

Fost il-kuntratti li ħarġet din il-fergħa, hemm il-proġett tar-Restawr ta' parti mill-binja ta' dan il-Ministeru Palazzo Ferreria li għadu għaddej u f'din is sena inħareg ukoll tender biex isir ix-xogħol meħtieġ fuq il-faċċata l-oħra.

Din is-sena wkoll, inħareg tender ieħor tar-restawr għall-binja oriġinali ta' din is-sezzjoni kif ukoll ser issir restawr tal-binja tas-sezzjoni kollha fil-futur qarib. Infatti din is-sezzjoni kellha ssib post temporarju alternattiv u nittrasferixxu ruħna hemm bil-provvisti b'kollox sakemm isiru dawn ix-xogħlijiet.

Din is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll biex tiġbor ir-risposti għall-Mistoqsijiet Parlamentari li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' din is-sezzjoni fejn hu possibbli.

Biex isir dan kollu, hemm bżonn ta' ħafna ppjanar sabiex jinħoloq l-aħjar bżonn komplut għad-Dipartiment, b'hekk ma jsirx infiq żejjed u nippjanaw għall-futur bl-aktar mod għaqli.

Is-sezzjoni tax-xiri u provvisti ħarġet dawn għal din is-sena:

| Deskrizzjoni | Ammont 2018 (Kwantità) |
|---|---|
| 'Carriage' tad-Dipartimenti kollha | 260 |
| Kuntratti Dipartimentali | 6 |
| Kuntratti tad-Dipartiment tal-Kuntratti | 3 |
| Kwotazzjonijiet | 110 |
| LPOs bid-DAS | 1901 |
| Stampar u talbiet oħra relatati | 68 |
| Talbiet b'imejl ghall-istock | 1780 |
| Talbiet għall-istock ta' kull 4 xhur | 106 |
| Timbri ordnati (diversi) | 639 |

**Mħażen**

Dan l-uffiċċju jipprepara x-xogħol li jkun ordnat lilu mill-ħafna sezzjonijiet ta' dan il-Ministeru inklużi l-bereġ kollha. Il-proċess biex jiġi ordnat dak kollu li huwa *stock* biex jinżamm livell fejn hu possibli sodisfaċenti għall-qadi ta' kuljum tad-Dipartiment. L-ordnijiet tal-provvisti jiġu ppreparati matul il-ġranet kollha tax-xogħol u kull filgħodu jingħataw lill-aġent tal-*carriage* jew jitqassam minn ħaddiem tagħna kif ikun hemm bżonn.

Tibdil ta' provvisti jsiru mill-aktar fiss biex jibqa' għaddej ix-xogħol ta' kuljum. L-*istock take* ta' kull sena jintbagħat lis-segretarju permanenti u lill-awditur ġenerali.

Isir ukoll skont il-bżonn, ġbir tal-oġġetti li m'għadhomx tajbin għall-użu u dawn jinġabru ġewwa l-uniku maħzen li għandna għal dawn l-affarijiet. Meta jkun hemm kwantità ta' oġġetti, isir eżercizzju biex jitbattlu l-imħażen tal-*unserviceable items* u jintremew oġġetti li m'għadhomx tajbin biex jintużaw. Din issir bis-sejħa ta' bord. Il-Bord jiġu fiżikament u jaraw dawn l-oġġetti fuq il–post, wara isir rapport u jintremew skont il-ligi. Matul din is-sena saru tliet bordijiet ta' stħarriġ ta' dan it-tip li t-total tagħhom kien ta' ftit iżjed minn ħamsa u għoxrin elf ewro. L-imħazen li kellna ttieħdu kollha u baqa' maħżen żgħir wieħed biss. Hemm bżonn ta' mill-anqas ieġor jew inkella jsiru arranġamenti oħrajn għal dawn l-oġġetti għar-rimi.

**Trasport**

Fuq bażi regolari, is-sezzjoni tat-trasport tiġġenera rapporti fuq il-vetturi mis-sistema tal-Fleet Management biex tanalizza l-ispiża kemm fuq tiswijiet, kif ukoll fuq kemm jintuża karburant.

Nieħdu ħsieb it-tiswijiet f'każ ta' wara li jkun sar xi inċident. Din is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji tal-karozzi tal-MFCS kollha.Tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex isiru s-servizzi meħtieġa tal-VRT u l-ispejjeż ta' dawn kollha jiġu irreġistrati fi programmi meħtieġa.

Bħala kwantitajiet,din is-sena saru dawn li ġejjin:

| **Deskrizzjoni** | **Ammont €** |
|---|---|
| | |
| Talbiet għall-fjuwil (karburant) | €29,939.14 |
| | |
| **Deskrizzjoni** | **Ammont (Kwantitá)** |
| Tiġdid ta' liċenzji | 18 |
| Tiġdid tas-sħubija għat-*towing* | 19 |
| Siwi tal-Karozzi | 21 |
| Servizz għall-Karozzi | 19 |
| Inċidenti | 3 |

## 2. ID-DIRETTORAT TAL-GOVERNANZA FINANZJARJA U PPJANAR

### Introduzzjoni

L-Uffiċċju tad-Direttorat għall-Governanza Finanzjarja u Ippjanar huwa hemm biex jagħti sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti, lid-Direttur Generali Osservanza u Investigazzjonijiet, lid-Dipartimenti li jaqgħu taħt dan il-Ministeru u Entitajiet f'dak li għandu x'jaqsam Finanzi, Awditjar u Regulatur tal-proċessar tat-Tenders.

Ir-responsabbiltà ewlenija tad-Direttorat hija li jkun effettiv u efficjenti f'dak li huma risorzi finanzjarji disponibbli għal-Ministeru, kordinament relatat ma immaniġġjar ta' mistoqsijiet magħmula minn l-Awditur Ġenerali lil Ministeru, Dipartimenti tagħna Entitajiet u l-Aġenziji, u kif ukoll kontrolli f'dak li huma Tendering Procurement. Ix-xogħol jinkludu l-ġbir u preparazzjoni tal-Business Plans tal-Ministeru, estimi tal-Finanzi, rapporti annwali, rapporti finanzjarji ta' kull xahar, pagamenti ta' xogħolijiet u servizzi mitluba, proċessar ta' rapport ta' Awditur u proċessar ta' Tenders kollha tal-Ministeru kollu. Ħafna mix-xogħolijiet tal-Direttorat huma kollha bid-deadlines u jiddependu b'miri ġejjin mill-Gvern Ċentrali. Id-Direttorat huwa effettiv billi jagħmilha ta' kordinament fuq il-finanzi bejn id-Dipartimenti tal-Ministeru u l-Gvern Ċentrali bħal-Ministeru tal-Finanzi, Awditur Ġenerali, IAID u d-Dipartiment tal-Kuntratti. Sa l-aħħar tas-sena l-oħra, id-Direttorat mexxa ħafna mill-kazijiet li kellu x'jaqsmu mal-finanzi, l-Uffiċċju ta' Awditur Ġenerali u kif ukoll numru mdaqqas li għandhom x' jaqsmu mal-Procurement.

L-immaniġġjar tal-finanzi dejjem jingħata mportanza kbira għal Governanza tajba. Kull xahar jinġabru reviżjoni tal-estimi għal dak li hu l-vot tal-Ministeru u l-Cost Centres tiegħu. Kif ukoll kien isir monitoraġġ u evalwazzjoni tal-finanzi tad-Dipartimenti l-oħra li jiffurmaw parti mill-Ministeru minn qabel dawn jingħataw lill-Ministeru tal-Finanzi. Saru wkoll il-kitba u konsolidazzjoni tal-Estimi tal-Baġit 2018 tad-Dipartimenti li jagħmlu parti mill-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Il-vot rikorrent u kapitali tal-Ministeru għas-sena 2018 kien qiegħed jiġi segwit kontinwament biex b'hekk jigi utilizzat totalment dawk li huma risorzi finanzjarji u jara li jittieħdu misuri korrettivi fejn jara li estimi finanzjarji ma jkunux suffiċjenti. Għalhekk kienet żgurata li fejn hemm infieq eċċessiv dawn jigu mrazzna u kienu qiegħdin jiġu ndirizzati biex ma jiġux affettwati il-voti l-oħra tal-Ministeru. Matul dan il-proċess, l-Onorevoli Ministru, l-Onorevoli Segretarju Parlamentaji u s-Segretarju Permanenti kienu qed jiġu aġġornati b'dak li hemm bżonn ta' finanzi li gew diskussi mal-Ministeru tal-Finanzi waqt l-Estimi Finanzjarji 2018.

L-istess nista ngħidu għal Uffiċċju ta' Awditur fejn kienu qiegħdin jiġu osservati ir-rapporti kollha li kienu saru is-sena ta' qabel lil diversi Dipartimenti, Entitatijiet u Aġenziji ta' dan il-Ministeru. Direttorat ra li kull risposta nnatgħat fil hinn u kif suppost. Fil-rigward tat-Tenders, it-taqsima tal-MPU għamlet li setgħat biex il-volum kbir ta' tenders li ħargu minn dan il Ministeru nbagħtu fil hinn fejn dan kien possibbli.

### TAQSIMA TAL-FINANZI

Is-Sezzjoni tal-Finanzi hija responsabbli mill-ammistrazzjoni tad-Dħul, tal-Ispiża Rikurenti u tal-Ispiża Kapitali għall-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta` Soċjali, għad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u għad-Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali. Dawn il-Voti huma maqsmin kif murija fit-Tabella A.

Tabella A

| Tabella A | Sena Finanzjarja 2018 | Dettalji |
|---|---|---|
| Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali | Vot 40 | Dan il-Vot jinkludi il-Ministeru, is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Disabilita` u Anzjanità Attiva, għall-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti u għas-Sezzjoni tal-Frodi u Investigazzjoni tal-Benefiċċji. Minn nofs is-sena 2017, gie inwaqqaf is-Segretarju Parliamentari tal-Akkomodazzjoni Soċjali. |
| Dipartiment tas-Sigurità Soċjali | Vot 41 | Dan il-Vot jinkludi it-taqsimiet li jammistraw is-sigurita` soċjali kif ukoll l- uffiċċji distrettwali. |
| Dħul u Spiża fuq Benefiċċji Soċjali | Vot 42 | Dan il-Vot jinkludi il-beneffiċċji imħallsa u d-dħul relata ma' bolla u dħul ieħor. |

Din is-sezzjoni wkoll tikkordina u tagħti assistenza fejn ikun meħtieġ lil tlett Dipartimenti l-oħra, li huma: d-Dipartment fuq l-Ammistrazzjoni tal-Pensjoni tas-Servizz, id-Dipartiment għall-Standards fil-Ħarsien Soċjali u d-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità. Dan tal-ewwel ingħaqad mall-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali matul din is-sena kif murija fuq Tabella B.

Tabella B

| Tabella B | Sena Finanzjarja 2018 | Dettalji |
|---|---|---|
| Dħul u Spiza fuq Penzjonijiet tas-Servizz | Vot 43 | Dan il-Vot jinkludi il-hlasijiet tal-penzjonijiet tas-Servizz u dħul relatat. |
| Dipartiment għall-Standards fil-Ħarsien Soċjali | Vot 44 | Dan il-Vot hu responsabbli għall-Ħarsien tal-Standards Soċjali |
| Dipartiment għall-Anzjanità Attitiva u Servizzi fil-Komunità | Vot 45 | Dan il-Vot għandu ir-responsabbilita` għal kura tal-Anzjani u Servizzi fil-komunità. |

Fl-aħħarnett, din is-Sezzjoni tagħti kontribuzzjonijiet u assistenza teknika lill-entitijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali.

Tabella Ċ

| ENTITÁ | Kontribuzzjoni 2018 f'€ |
|---|---|
| Aġenzija Appoġġ | NIL |
| Awtorita` tad-Djar | 6,178,054 |
| Aġenzija Sedqa | NIL |
| Agenzija Sapport | 13,700,000 |
| Kummissjoni għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` | 1,069,998 |
| Kummissarju għat-Tfal | 220,704 |
| Kummissarju għall-Anzjani | 33,143 |
| Fondazzjoni għal Servizzi fil-Ħarsien Soċjali | 12,590,829 |
| Agenzija għall-Ħarsien tat-Tfal | 2,473,475 |
| LEAP | 2,472,396 |

**Ipproċessar tal-Pagamenti**

Is-Sezzjoni tal-Finanzi għamlet pagamenti kif kien approvat mid-dirrettur tas-Servizzi Korporattivi u mis-Segretarju Permanenti. Il-Pagamenti saru b'ċekk jew b'depożitu bankarju. It-tabella numru D turi n-numru taċ-ċekkijiet/depożiti bankarji u l-ammonti imħallsa rispettivament li saru matul is-sena finanzjarja 2018. It-tabella turi wkoll ammont li tħallas fi flus kontanti u transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor.

Tabella D: Statistika fuq Pagamenti

| Isem tad-Dipartiment | Numru tat-Transazzjonijiet | Ammont ta' Pagamenti f'€ |
|---|---|---|
| | 2018 | |
| **Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali** | | |
| Ċekkijiet maħruġa | 3,507 | 10,779,863 |
| Depożiti Bankarji | 1,166 | 69,308,443 |
| Flus Kontanti | 10 | 9,630 |
| Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor | 170 | 8,133,609 |

Tabella E: Statistika fuq Pagamenti

| Isem tad-Dipartiment | Numru tat-Transazzjonijiet | Ammont ta' Pagamenti f'€ |
|---|---|---|
| | 2018 | |
| **Dipartiment tas-Sigurità Soċjali** | | |
| Ċekkijiet maħruġa | 2,917 | 1,561,982 |
| Depożiti Bankarji | 247 | 692,961 |
| Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor | 145 | 32,698,514 |

Il-pagamenti individwali fuq il-Vot 42, Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali saru ħafna minnhom minn Sezzjoni oħra tad-Dipartiment hekk imsejħa IMU u DAMP. Dan minħabba l-volum kbir ta' beneffiċjarji u l-importanza li jsiru fil-ħin stipulat. L-iproċessar tal-pagamenti hu b'mod awtomatiku kemm jista' ikun. Madankollu is-sezzjoni tal-Finanzi fuq dan il-Vot ħadmet ħafna mill-qrib mat-Teżor u mall-Uffiċċju tal-Baġit biex tassigura li jkun hemm allokazzjoni biżżejjed biex il-pagamenti jsiru fil-ħin u kif stipulat. Għaldaqstant l-istatistika tal-pagamenti fuq dan il-Vot tidher taħt is-sezzjoni tal-IMU u DAMP. Din is-

sezzjoni għamlet ukoll pagamenti oħra b'ċekk, b'depositi bankarji u trasferriment ta' ħlas lid-Dipartimenti oħra.

**Rikonċiljazzjoni**

Din is-Sezzjoni ġiet inwaqqfa għax il-pagamenti (ċekkijiet jew 'Direct Debits') tas-Sigurità Soċjali ma' jsirux mit-Tezor bħal pagamenti oħra imma jsiru mill-Ministeru stess minn żewg kontijiet bankarji apposta. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li t-transazzjonijiet li jgħaddu minn dan il-kont jiġu analizzati. Jekk pagamenti jibqgħu ma' jissarfux wara sentejn dawn jiġu mogħtija lura lit-Teżor. Din is-Sezzjoni wkoll tieħu ħsieb il-ħlasijet lill-'Arms' fuq il-benefficċju relatat mall-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

**Rapporti**

Din is-sezzjoni hija magħmula minn diversi rapporti li huma rikjesti minn l-Uffiċċju tal-Baġit, it-Teżor, l-Awditur Ġenerali u entitijiet oħra. Dawn ir-rapporti huma ta' rutina u dejjem intbagħtu fil-ħin kif stipulat minnhom. Din is-sezzjoni tinkludi ukoll rapporti ġenerati internament biex jiġu użati għal rapportaġġ intern jew għall-Mistoqsijiet Parlamentari.

**Rapporti rikjesti mid-Direttorat tal-Baġit**

Hemm diversi rapporti li jiġu rikjesti mill-Uffiċċju tal-Baġit. Dawn jinkludu:

- Rapporti fuq l-andament tal-Baġit;
- Rapporti fuq l-Att dwar ir-Responsibilita' Fiskali; u
- Rapporti dwar id-dħul mill-Bolla.

F'dan ir-rigward, il-Ministeru, id-Dipartiment tas-Sigurità Soċjali u d-Dipartiment fuq id-Dħul u il-Ħruġ mis-Sigurità Soċjali rnexxielhom iżżommu mall-miri finanzjarji kif stabiliti mill-Uffiċċju tal-Baġit.

**Rapporti rikjesti mit-Teżor**

- Rapporti tal-'Accrual Accounting';
- Previżjonijiet fuq il-Ħlasijiet li ser isiru matul ix-xahar;
- Rapport fuq il-bilanċi fil-kontijiet bankarji tad-Dipartiment;
- Rapport dwar l-Arretrati (Dawn jiġu awditjat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali).

**Rapporti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni**

L-pagamenti mis-Sigurtà Socjali ssir lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, b'koodinament mat-Teżor imma jiġi muri għall-iskop ta' rappurtaġġ finanzjarju fuq id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, id-dipartiment tat-Taxxi Interni jitlob informazzjoni fuq id-dħul ta' kull xahar u d-dħul tas-sena. Dan ir-rapurtaġġ isir b'mod regolari u kif mitlub.

**Rapporti lill-Uffiċċju tal-Istatistika**

- Rapport fuq benefficċji soċjali lil benefficċjarji li m'humiex residenti Malta;
- Rapport fuq nefqa Kontributorja;
- Rapport fuq nefqa mhux Kontributorja;
- Rapport fuq penzjonijiet mnaqqsa lir-residenti li jgħixu fid-djar tal-gvern;
- Rapport fuq penzjonijiet mnaqqsa lir-residenti li jgħixu f'residenzi privati/pubbliċi ('private public partnership'); u
- Rapport fuq taxxi miżmuma mill-penzjoni tal-benefficċjari u mogħdija lid-dipartment tat-taxxi interni.

**MINISTERIAL PROCUREMENT UNIT (MPU) - MFCS**

**Reklutaġġ**

Wara diversi sejħiet għall-post ta' Manager II (Procurement) baqa' ma nstab ħadd bil-kompetenzi neċessarji li jitlob dan il-post. Għaldaqstant, fir-rigward ta' personnel dan il-Unit baqa' jopera b'Assistent Direttur, Senior Procurement Officer u Procurement Support Officer.

Sabiex tiġi rrimdejata temporanjament din is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' riżorsi, saru arranġamenti biex staff minn Contracting Authorities oħra fi ħdan dan l-istess Ministeru, u li hu imrawwem fil-procurement, jibda jingħata xogħol ta' vetting.

**Laqgħat**

L-MPU kellu laqgħat mal-Finance and Procurement Reform Unit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġu diskussi l-andament tal-proċeduri ġodda li ġew implimentati matul l-aħħar sena, kif ukoll biex jitfassal Standard Operating Procedures għall-MPUs. L-MPU ta' dan il-Ministeru, ta l-kontribut tiegħu ukoll waqt laqgħat ta' Fact Finding Mission li għamlet Organisation for Economic Co-operation and Development (OECD) flimkien mal-Finance and Procurement Reform Unit.

Komplew isiru laqgħat regolari bejn l-MPU u uffiċċjali li jaħdmu fis-sezzjonijiet tal-procurement fid-Dipartimenti / Aġenziji / Entitajiet fi ħdan il-ministeru sabiex jingħata tagħrif dwar kif tħejji dokumentazzjoni tajba biex tippublika sejħa għall-offerti u kif għandhom isiru processi oħra relatati mall-ħruġ u l-evalwazzjoni tal-offerti.

**Delega bil-miktub mill-Ministru**

Sabiex il-procedura tal-iffirmar tal-kuntratti li jingħataw mill-MPU tkun skont Artiklu 79 (5) tar-regolamenti prinċipali (Avviż Legali 352/2016), ingħatat delega bil-miktub mill-Ministru ta' dan il-ministeru sabiex il-kapijiet fid-Dipartimenti / Aġenziji / Entitajiet fi ħdan il-ministeru ikunu jistgħu jiffirmaw il-kuntratti għan-nom tal-Ministru.

**Kuntratti Iffinanzjati mill-UE**

Lejn l-aħħar xhur tas-sena ingħatat prijorità sabiex jiġu xprunati u ffinalizati mhux inqas minn tmintax (18) il-kuntratt iffinanzjat mill-fondi Ewropew. Dan sabiex fondi mill-UE jiġu utilizzati kif ippjanat u ma' jintilfux.

**Dettalji dwar Kuntratti li rċieva l-MPU**

Matul is-sena 2018, waslu mija u tmintax (118) sejħa għall-offerti sabiex jiġu pproċessati. Minnhom ħamsa u ħamsin (55) kienu ffinanzjati mill-UE. Dawn is-sejħiet għall-offerti kienu qed isiru mid-dipartimenti / entitajiet kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 14 sejħiet għall-offerti: | Direttorat Servizzi Corporattivi |
| 7 sejħiet għall-offerti: | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità |
| 1 sejħa għall-offerti: | Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persun b'Diżabilità |
| 45 sejħiet għall-offerti: | Awtorità tad-Djar |
| 25 sejħiet għall-offerti: | Aġenzija Sapport |

| | |
|---|---|
| 19 sejħiet għall-offerti: | San Vincenz de Paul |
| 1 sejħa għall-offerti: | Kummissjoni għat-Tfal |
| 1 sejħa għall-oferti: | Welfare Committee |
| 5 sejħiet għall-offerti: | Foundation għall-Ħarsien Soċjali |

Minn dawn is-sejħiet għall-offerti wieħed u tmenin (81) kienu ppublikati matul is-sena li qed ikopri dan ir-rapport, filwaqt li sebgħa oħra (7) oħra ġew ippublikati matul l-ewwel xahrejn tas-sena ta' wara. Għadu għaddej ix-xogħol biex jiġu pproċessati l-kumplament tal-kuntratti.

Matul din is-sena, l-MPU ippubblika total ta' sebgħa u tmenin (87) sejħa għall-offerti. Tmienja (8) minn dawn kienu waslu l-MPU fl-2017 filwaqt li disgħa u sebgħin (79) waslu matul din l-istess sena.

Fost is-sejħiet għall-offerti li kienu ippublikati mill-MPU, matul l-2018 ġew iffirmati mija u sbatax (117) il-kuntratt / call-off. Fost dawn il-kuntratti iffirmati sebgħa u għoxrin (27) minnhom kienu kuntratti li ġew ippublikati fl-2017 filwaqt li disgħin (90) oħra ġew ippublikati fl-2018.

**Awditjar**

Saru diversi spot checks mill-PPCD fuq il-proċess sħiħ ta' numru ta' kuntratti iffinanzjati mill-UE u li ħareġ dan l-MPU. Jidher li d-dokumentazzjoni inġenerali hija miżmuma tajjeb ħafna u fejn kien hemm xi ommissjonijiet, dawn ġew irregolarizzati immedjatament.

**Ġbir u Pubblikazjoni ta' Statistika**

B'referenza għaċ-Cirkolari tad-Dipartiment tal-Kuntratti: 13/2017, l-MPU ħa ħsieb jiġbor l-istatistika dwar ix-xiri kollu ta' 'l fuq minn €5,000 u li sar mid-Dipartimenti / l-Aġenziji / l-Entitajiet kollha fi ħdan il-ministeru bejn Jannar u Diċembru 2017, jirrikonċiljaha u jibgħatha lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan l-eżercizzju sar darbtejn: wieħed kien ikopri l-ewwel sitt xhur tas-sena filwaqt li l-ieħor kien ikopri it-tieni sitt xhur.

Matul din is-sena wkoll, l-MPU ipprepara u ppublika fil-Gazetta tal-Gvern żewġ listi ta' kuntratti li ġew ipproċessati mill-istess Unit u li ingħataw matul is-sitt xhur ta' qabel. L-ewwel lista kienet tkopri kuntratti li ingħataw bejn Lulju u Diċembru 2017, filwaqt li t-tieni lista kienet tkopri kuntratti li ingħataw bejn Jannar u Ġunju 2018.

**Taqsima Ġbir ta' Benefiċċji Mħallsa Żejda**

Is-sezzjoni inkarigata mix-xogħol sabiex jinġabru ħlasijiet ta' benefiċċji żejda matul is-sena 2018 kompliet issegwi u tirkupra pagamenti żejda jew pendenti mill-benefiċjarji debituri varji. Twettaq ukoll xogħol meħtieġ fir-Reġistru Pubbliku biex jinstabu testmenti u werrieta tad-debituri mejtin. Debituri li jaslu għal ftehim li jħallsu d-dejn b'rati fix-xahar huma wkoll immonitorjati perjodikament. L-Uffiċjal Legali fi ħdan l-istess sezzjoni jipprovdi pariri lis-sezzjoni kontra individwi li deliberatament jonqsu li jaslu għal ftehim ta' ħlas b'lura.

Matul 2018 is-sezzjoni bagħtet 5241 ittra ta' intimazzjoni, wettqet 274 tfittxijiet fir-Reġistru Pubbliku u minn Nutar Pubbliku u 636 causa mortis mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Is-sezzjoni kienet kważi kompletament responsabbli għall-irkupru ta' €560,368.43. L-Uffiċjal Legali ħareġ ukoll 210 ittri Ġudizzjarji. Dan kien sa l-aħħar ta' Awissu 2018 għaliex is-serizzi ta' l-Avukat tat-taqsima kien spiċċa u għalhekk matul Settembru 2018 sa l-aħħar ta' Diċembru, 2018 l-ittri Ġudizzjari kienu qiegħdin jinbagħtu mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

## 3. L-IMMANIĠĠJAR TAR-RIŻORSI UMANI

Id-Direttorat għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru sar jifforma parti mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi lejn l-aħħar tas-sena 2016. Is-sezzjoni hi ċ-ċentru ta' kull attivita' relatata mar-riżorsa umana u *people management*. Fost oħrajn jipprovdi sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti, lid-Dipartimenti u Direttorati, organiżżazzjonijiet u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjeta' Soċjali, fosthom il-Faċilita' għal Kura fit-Tul San Vinċenz u d-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità. In-numru ta' impjegati jammontaw għall-aktar minn 2,300. Jassigura wkoll li *policies* u proċeduri tas-Servizz Pubbliku u legislazzjoni relevanti jiġu mħarsa. Barra minn hekk, is-Sezzjoni tassisti b'mod regolari klijenti interni u esterni billi jipprovdi sapport u nformazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' materji relatati mal-HR jew kif ikun mitlub mill-gvern ċentrali. Is-sezzjoni tikkoordina attivatijiet ta' natura korporattiva u tara li tilħqaq miri fl-implimentazzjoni ta' *policies* u direttivi li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mill-*People and Standards Division (PSD)* jew mill-istess Ministeru. Il-viżjoni tas-Sezzjoni hi li tixpruna *policies* u prattiċi ta' HR li jippromovu il-benesseri tal-impjegati u li ttejjeb l-effiċċjenza u s-servizzi mogħtija mill-impjegati u lill-impjegati.

**Reklutaġġ**

Is-sezzjoni iffaċilitat il-kumpilazzjoni tal-pjani tal-HR fid-dawl tad-Direttivi 9 u 10. Minħabba l-iżvilupp kontinwu tas-setgħat delegati fil-proċessi tar-reklutaġġ u minkejja li s-sezzjoni baqgħet bl-istess ammont limitat ta' riżorsi umani, baqgħet issostni, testendi l-għajnuna u tikkoordina skont kif mitlub jew meħtieġ bl-aħjar mod anke billi titlob pariri jew linji gwida minn awtoritajiet kompetenti biex jiġu mħarsa policies u regolamenti maħruġa b'mod ċentrali. Tul l-2018 kien hemm 47 sejħa għal mili ta' vakanzi skont kif approvati fl-HR Plan skont kif jidher fit-tabella hwan taħt.

| Sejħiet Pubbliċi (25) | Sejħiet fis-Servizz Pubbliku (22) |
|---|---|
| 4 SVP | 6 SVP |
| 2 DAACC | 2 DAACC |
| 11 mal-MFH | 1 MFCS-DSS |
| 1 MFCS-MPU | 2 MFCS-OPS |
| 2 MFCS-PDPI (Project Administrator u Project Coordinator) | 4 mal-MFH |
| 1 DSWS | 2 MFCS-BCD |
| 4 MFCS (Calls Issued as MFCS but for SVP) | 2 MFCS-DCS |
| | 1 MFCS-IMU (Call Withdrawn) |
| | 1 Sector Wide (SCSA) |
| | 1 MFCS (Call Issued as MFCS but for SVP) |

Kif jidher mit-tabella, is-sezzjoni ħadmet mill-qrib u kkolaborat mal-Ministeru tas-Saħħa fejn kien hemm sejħiet għall-applikazzjoni biex jimtlew vakanzi li jolqtu liż-żewġ ministeri.

B'mod intern, is-sezzjoni tat s-sapport meħtieġ lid-direttorati u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu tul il-proċess kollu biex jimtlew vakanzi eżistenti. Dan jinkludi wkoll sapport lil Bordijiet tal-Għażla minkejja kull diffikulta'.

Ma' dawn wieħed irid iżid il-proċess segwit f'kaz ta' ingaġġ ta' persuni f'pożizzjoni ta' fiduċja li jirrikjedi kemm kollaborazzjoni intra kif ukoll inter-ministerjali. Is-sezzjoni qieset li l-parametri u l-proċessi kienu segwiti biex ma jkunx hemm problemi la finanzjarji, la proċedurali u lanqas ta' natura oħra fit-tali ingaġġ.

Fil-każ ta' promozzjonijiet u *progressions*, is-sezzjoni ikkollaborat bis-sħiħ kemm b'mod ċentrali mal-PSD, kif ukoll b'mod intern biex l-impjegati fid-dekasteru jieħdu dak li ħaqqhom fil-ħin anke fid-dawl ta' Direttiva 8.

Is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll li tjikkonkludi l-proċess tal-għażla billi wara li jiġi ppubblikat ir-riżultat ta' sejħa għall-applikazzjonijiet skont kif delegat, joħroġ l-itta tal-ħatra applikabbli skont is-sejħa biex ikun konformi mar-regolamenti speċjalment fejn jidħlu time-frames.

Ġew ipproċessati wkoll 194 Vacancy Requests Forms f'isem l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru kif jidher fit-tabella murija hawn taħt:-

| **Isem l-entita'** | **Numru ta' vacancy forms ipproċessati** |
|---|---|
| CfC | 2 |
| CRPD (former KNPD) | 2 |
| Commission for Older Persons | Nil |
| Housing Authority | 5 |
| Social Care Standards Authority | 8 |
| FSWS | 61 |
| Aġenzija Sapport | 37 |
| Social Projects Management Ltd | 1 |
| Housing Maintenance & Embellishment Co Ltd | Nil |

Tali proċess hu segwit b'mod rigoruż skont regolamenti u linji gwida mill-RRAG, il-Ministeru tal-Finanzi u fl-aħħar u mhux lanqas skont kif mitlub mid-Direttiva 7.

**Rekords**

Is-sezzjoni hi responsabbli ukoll għaż-żamma tar-rekords tal-impjegati. Dawn jinkludu l-aġġornar tar-rekords tal-attendenza ta' madwar 532 impjegat minn total ta' 560 membri tal-istaff, rekords tal-vacation leave u sick leave tal-560 membru, aplikazzjonijiet għall-miżuri favur il-bilanċ bejn xogħol u familja/ħajja skont *policie*s interni u ċentrali, assistenza fl-ipproċessar tal-Performance Appraisals, li jintlaqgħu applikazzjonijiet b'rispons għal sejħiet u x-xogħol kollu anness skont kif spjegat fl-SOP, l-aġġornat tal-

Personal Records Sheets, l-aġġornar u l-ħruġ tar-rekords tas-servizz (GP 47) kif suppost u fil-ħin u l-ipproċċessar u l-kumpilazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa għal tweġibiet parlamentari fost l-oħrajn. Ma dan irid jingħad li l-istess informazzjoni fuq SVP u DAACC tinżamm b'mod diċentralizzat minħabba strutturi li jeżiztu b'mod rispettiv għalkemm assistenza b'mod dirett b'mod ġenerali tingħata fuq bażi regolari. Tali nformazzjoni tinżamm b'mod kunfidenzjali kif meħtieġ imma li hi aċċessibli għal membri tal-istaff li jeħtieġ jaħdem b'din l-informazzjoni. Il-prinċipju ta' kunfidenzjalita' hu meqjus bħala wieħed mill-aktar importanti fil-twettiq tad-dmirijiet tal-istaff fi ħdan is-sezzjoni. Minbarra r-rekords tal-impjegati, id-direttorat jirrekordja wkoll proċessi interni kif rikjest minn natura tax-xogħol. Ir-rekords huma miżmumin b'mod elettroniku li jassigura li l-immaniġjar tad-data tkun aktar koordinat u effiċjenti. Fid-diffikultajiet li s-sezzjoni tiltaqa' magħhom isib l-assistenza u l-intervent tal-IMU għalkemm hemm lok għal titjib sabiex l-informazzjoni miġbura tkun rekorjata b'mod sikur għal meta tkun meħtieġa. Is-sezzjoni tieħu ħsieb tipproċessa u tikkordina talbiet għal trasferimenti skont kif kontemplat miċ-Cirkolari UPM 29/2016.

Ma' dawn wieħed irid iżid it-tfassil ta' l-iStandard Operating Procedures (SOPs) bil-miktub skont inizjattiva intra ministerjali u li bihom wieħed jista' jintegra fis-sezzjoni b'mod aktar faċli. Minħabba tibdil f'diversi proċessi u l-aġġornar kontinwu fl-istess, dawn għadhom qed ikunu żviluppati.

**Dixxiplina**

Is-sezzjoni hi nkarigata ukoll mill-amministrazzjoni ta' proċeduri tad-dixxiplina. Sa fejn possibli issir emfasi fuq *people management* b'mod profesjonali billi nippruvaw inrawwmu kultura ta' prattiċi tajba u nqajmu kuxjenza dwar il-ħarsien ta' proċeduri u regolamenti. Proċeduri dixxiplinarji jittieħdu skont parametri u regolamenti stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont direttiva 11. Is-sezzjoni tassisti wkoll lid-Dipartimenti u Direttorati fi ħdan il-Ministeru biex dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa u segwita skont kif stipulat u taġixxi skont linji gwida li jiġu trasmessi fuq każijiet jew sitwazzjonijiet partikolari.

**Salarji u Ħlas dovut lill-impjegati**

Funzjoni importanti oħra fir-responsabbilta' tad-direttorat hi l-ipproċessar, il-komputazzjoni u l-immaniġjar tad-data tal-impjegati fuq il-payroll. Is-Sezzjoni ġabret ukoll informazzjoni varja u ħadmet fuq diversi Mistoqsijiet Parlamentari konnessi mal-ħlas tal-impjegati msemmija. Dan ix-xogħol dejjem sar professjonalment, b'mod effiċjenti u effikaċi u b'konformita mad-Direttiva 8 minkejja r-riżorsi limitati u skont iż-żmien li l-informazzjoni tasal fis-sezzjoni b'mod sħiħ kif kontemplat.

Xogħol ieħor ta' importanza kbira li twettaq minn dan l-Uffiċċju kien l-aġġornament tal-*Personal Record Sheets (PRSs)* b'mod elettroniku. Il-*PRS* li kull impjegat għandu waħda ġiet kontinwament aġġustata b'kull ċaqlieq fid-*data* u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema. Rekords oħra bħal *databases* tal-*allowances* ġew ukoll kontinwament aġġornati.

Dan l-Uffiċċju ikkompila u ħareġ l-*FS3s* tal-membri tad-diversi bordijiet li fl-2017 kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Wara li tlestew, dawn intbagħtu kemm lill-membri msemmija kif ukoll lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Din is-Sezzjoni żammet ukoll kuntatt u ħadmet mill-qrib mat-Taqsima tal-Finanzi ta' dan il-Ministeru. Hija nżammet imgħarrfa u aġġornata bil-komputazzjoni tal-ħlas tal-pagi, bin-nefqa fl-*allowances, overtime, bonuses*, taxxa, bolla u kull remunerazzjoni oħra.

Ix-xogħol ta' din is-Sezzjoni sar fi sfond ta' koordinament kontinwu mat-Teżor ġewwa Għawdex u mat-Taqsima Ċentrali tas-Salarji tal-Gvern ġewwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan kien element kruċjali fil-ħidma ta' din is-sezzjoni u serva biex l-aġġustamenti u emendi fil-pagi ħarġu korretti u kemm jista' jkun fil-ħin.

Għalkemm b'mod inqas dirett u skont kif spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rapport, is-sezzjoni nvolviet ruħha billi ipparteċipat u ffaċilitat il-proċess biex jiġi onorat fost l-oħrajn il-ftehim settorjali li jolqot lin-nurses billi ħadmet u ġabret il-partijiet interessati fi ħdan il-Ministeru b'kolloborazzjoni sħiħa mal-Ministeru tas-Saħħa, eżerċizzjun komprensiv u li kien importanti li ż-żewġ Ministeri jimxu flimkien fl-implimentazzjoni tiegħu.

Ma dan wieħed irid iżid il-kollaborazzjoni sħiħa li is-sezzjoni nvolviet ruħha fihom għall-implimentazzjoni ta' diversi miżuri u inizjattivi li seta' kien hemm fuq eżerċizzji diversi ta' assimilazzjoni (għalemm mhux fuq livel ta' negozjar) f'diversi gradi billi segwiet kull direzzjoni li setgħet ingħatat mill-Amministrazzjoni Ċentrali minkejja in-nuqqas ta' riżorsi umani li s-sezzjoni stess kienet u għadha tiffaċċja.

**L-istaff tad-Direttorat**

Kif ingħad fir-rapport tas-sena 2016 kien hemm tibdil sostanzjali fl-istruttura tas-Sezzjoni anke għaliex il-funzjoni tal-HR għaddiet taħt id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi skont sejħa għall-applikazzjonijiet li saret f'Settembru 2016. Minkejja d-diffikultajiet u ż-żmien ta' transizzjoni is-Sezzjoni baqgħet kommessa li tkompli toffri l-istess servizz li kienet tagħti qabel. Ma dan wieħed irid iżid li tul l-2018 reġa' kien hemm tibdil fit-tmexxija u l-istaff kellu jerġa' jaġġusta ruħu għal sitwazzjoni differenti. Minħabba li il-pożizzjoni ta' Direttur kienet vakanti fit-tieni nofs tas-sena, il-piż baqa' jinġarr mis-sezzjoni bis-sappport us-sostenn kontinwu tas-Segretarju Permanenti. Meta wieħed jikkonsidra dan kollu, wieħed ma jistax ma jirrimarkax li kull ma jmur tinħass il-ħtieġa ta' ngaġġ ta' staff addizzjonali biex l-istandard tas-servizz mogħti jinżamm. Minkejja kollox is-sezzjoni tagħmel ħilitha biex tikompli ttejjeb is-servizz li tjagħti u tieħu ħsieb li taġġorna ruħha kemm billi tkun parteċipi f'seminars u fora li jsiru u kemm billi tattendi taħriġ li jkun organiżżat. Fil-ħin limitat li jifdal il-management jara li jiltaqa' mal-istaff biex jindirizza problemi tax-xogħol li jiltaqgħu magħhom kif ukoll jipprovdi sapport skont il-bżonn. L-istaff minn naħa tiegħu jara li kemm jista' jkun ikun hemm *outreach approach* lejn id-diversi sezzjonijiet, direttorati u dipartimenti biex ukoll jgħin għall-armonija fuq il-post tax-xogħol.

**Taħriġ u Żvilupp**

Is-sezzjoni kompliet tinkoraġġixxi kultura ta' tisħiħ fl-organiżżazzjoni mibnija fuq taħriġ u żvilupp billi tiffaċilita aċċess għal programmi ta' taħriġ u skont il-programm offrut mill-Istitut għas-Servizz Pubbliku. Fejn possibbli anke b'mod intern fis-sezzjoni nippruvaw li nieħdu inizzjattivi bħal train the trainer u sharing of best practices u brainstorming approaches biex ikun massimiżżat il-benefiċċju tat-taħriġ li jingħata u biex il-piż jinqasam bejn kulħadd. Dan madankollu jiddependi ħafna mil-koperazzjoni tal-istaff kolllu u l-idea li tinqasam u tinżamm minn kulħadd li aktar milli s-suċċess ikun ta' persuna partikolari, ikun is-suċċess tas-sezzjoni l-istess bħalma l-falliment aktar milli tal-persuna jkun ta' kulħadd l-aktar tal-persuna responsabbli ta' l-individwu għalkemm il-kunċett ta' akkontabilita' jibqa'.

***Employee Support Programme***

Tul l-2018, is-sezzjoni kompliet tippromwovi dan is-servizz kull meta nħasset il-ħtieġa jew kull meta seta' jkun identifikat li dan seta' jkun ta' benefiċċju għal individwi jew grupp ta' individwi. Għalkemm l-istaff tas-sezzjoni ma kienx involut direttament f'inizjattivi li ttieħdu fi ħdan dan il-grupp, jagħraf il-bżonn li proġetti bħal dan ikunu utilliżżati kemm għal benefiċċju tal-individwu u anke tal-organiżżazzjoni u għaldaqstant kompla sa fejn jista' jippromwovi il-benefiċċji li dan il-programm jestendi lejn min jagħmel użu minnu.

## 4. ID-DIPARTIMENT GĦAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Miżuri ġodda fil-Benefiċċji mhux Kontributorji 2018

**Żieda fil-Pensjoni lill-benefiċjarji tal-Pensjoni tal-Età u Persuni 'il fuq minn 60 sena li jirċievu Assistenza għal Diżabilità Severa u għal Vista Batuta.**

B'effett minn Jannar 2018, ġiet miżjuda r-rata fil-ġimgħa b'€2.00 minbarra l-COLA ta' €1.75 sħiħa, lil pensjonanti kollha.

**Tnaqqis gradwali tal-benefiċċju (Tapering)**

Il-perijodu sabiex persuna li tirċievi Għajnuna Soċjali jkollha dritt għal Tapering tal-Benefiċċji, ġie aġġustat minn **sentejn** fl-aħħar tlett snin għal **sena** fl-aħħar tlett snin.

**Allowance Miżjuda għal Carers (ICRA)**

Fejn familja tkun tirċievi Għajnuna Soċjali u tiġi eliġibbli għall-Allowance Miżjuda għal Carers, skont il-proviżjonijiet tal-Artikolu 90 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, l-intitolament għall-Għajnuna Soċjali jieqaf.
B'effett minn Jannar 2018, f'sitwazzjonijiet simili, il-familja titħallas l-ICRA u €8.15 fuq kull membru addizzjonali f'dik il-familja.
Il-ħlas ta €8.15 fuq kull membru ieħor fil-familja jitħallas f'forma ta' Għajnuna Socjali.

**Għajnuna Medika bla Ħlas (Karta r-roża)**

Il-manteniment imħallas lid-dipendenti mill-klijent, mhux se jibqa' jiġi kkunsidrat fit-test tal-mezzi fil-ġimgħa għall-Karta r-Roża.

**Ħlas lil Residenti ta' Komunità Terapewtika (DAD)**

Ir-rata tal-ħlas telgħet minn €30.00 għal €40.00 fil-ġimgħa.

**Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa – ISDA**
B'effett minn Jannar 2018, ir-rata fil-ġimgħa, żdiedet minn €120.00 għal €140.00 fil-ġimgħa.
B'effett minn Jannar 2018 l-eliġibilità fir-rigward tal-Barthel Index, żdiedet minn 0 – 4 għal 0 – 8.

*Business Intelligence Unit* fi ħdan id-Direttorat Benefiċċji mhux Kontributorji

Id-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali jieħu bis-serjetà l-evalwazzjonijiet li jintbagħtu minn żmien għal żmien mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

Għaldaqstant, fi Frar tal-2016 ġiet imnedija l-*Business Intelligence Unit* sabiex b'kollaborazzjoni mat-Tax Compliance Unit jibdew jiġu evalwati l-applikazzjonijiet ġodda li jirċievi dan id-Direttorat.

Din is-sistema preventiva qiegħda sservi sabiex jiġi evitat frodi potenzjali fil-fażi inizjali tal-applikazzjoni u mhux wara li l-persuna jkun ingħata l-benefiċċju konċernat.

Matul is-sena 2018 kompla x-xogħol utli minn din il-Unit u għaldaqstant qiegħda tiġi riprodotta tabella li tagħti stampa ċara tan-numru ta' applikazzjonijiet li ġew skrutinizzati għall-perijodu Jannar sa Diċembru 2018.

| **Benefiċċju** | **Applikazzjonijet Ġodda/Każijiet oħra** | **Total** |
|---|---|---|
| AP | Applikazzjonijiet Ġodda | 216 |
| | Każijiet oħra | 55 |
| SA | Applikazzjonijiet Ġodda | 466 |
| | Każijiet oħra | 57 |
| SUP | Applikazzjonijiet Ġodda | 226 |
| | Każijiet oħra | 4 |
| DAD | Applikazzjonijiet Ġodda | 1 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| BLD | Applikazzjonijiet Ġodda | 1 |
| | Każijiet oħra | 1 |
| SUA | Applikazzjonijiet Ġodda | 442 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| CRA | Applikazzjonijiet Ġodda | 41 |
| | Każijiet oħra | 1 |
| PW | Applikazzjonijiet Ġodda | 1 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| SKA | Applikazzjonijiet Ġodda | 3167 |
| | Każijiet oħra | 53 |
| MG | Applikazzjonijiet Ġodda | 46 |
| | Każijiet oħra | 1 |
| SDA | Applikazzjonijiet Ġodda | 1 |
| | Każijiet oħra | 4 |
| UA /UAT | Applikazzjonijiet Ġodda | 340 |
| | Każijiet oħra | 21 |
| **Total** | | **5145** |

Skema tal-Pensjonijiet mhux Kontributorji

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja naqsu b'1.30 punti perċentwali matul is-sena 2018 fuq is-sena 2017. Dan it-tnaqqis kontinwu jindika li aktar persuni qegħdin ikunu eliġibbli għall-Pensjonijiet Kontributorji milli għall-Pensjonijiet mhux Kontributorji.

Matul is-sena 2017, ġiet imnedija riforma fl-Assistenza għal Diżabilità. Is-suċċessi ta' din ir-riforma baqgħu jiġu sostnuti fl-2018, fejn ġie reġistrat tnaqqis ta' 1.27 punti perċentwali fin-numru ta' benefiċjarji tal-Assistenza għal Diżabilità Severa, minħabba l-fatt illi numru minn dawn il-benefiċjarji bdew jibbenefikaw mill-Assistenza Miżjuda għal Diżabilita Severa. In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Persuni b'Vista Batuta, kompla jiżdied matul is-sena 2018 b'3.60 punti perċentwali. In-numru ta' Benefiċjarji tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilita Severa, aktar minn irdoppja matul is-sena 2018. B'hekk minn 243 benefiċjarju fl-2017, it-total ta benefiċjarji fis-sena 2018 tela' għal 538 benefiċjarji. Sadattant, in-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilita żdied minn 79 benefiċjarju fis-sena 2017, għal 137 matul is-sena 2018.

Is-sena 2017 rat ukoll riforma fl-*allowances* għal *carers*, fejn ġiet introdotta l-*Allowance* Miżjuda għal Carer b'parametri aktar vantaġġjużi sew għal *carer* u kif ukoll għall-pazjent. L-*Allowance* Miżjuda għal *Carer* issostitwiet dik li qabel konnha nsejħulha Pensjoni tal-Wens. Fil-fatt ir-riforma minnufih tat il-frott, minħabba li n-numru ta' benefiċjarji żdied minn 102 persuni għal 514 –il persuna. In-numru ta' benefiċjarji kompla jiżdied matul is-sena 2018, b'37 punti perċentwali.

Il-persuni li matul is-sena 2018 ibbenefikaw minn *Allowance* għal *Carer* naqsu bi 15.80 punti perċentwali fuq is-sena 2017.

| **Tip ta' Pensjoni / *Allowance*** | **2017** | **2018** | **+ or -** |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 5,179 | 5,112 | -67 |
| Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta | 347 | 360 | 13 |
| Assistenza għal Diżabilità Severa | 3,295 | 3,253 | -42 |
| Asssitenza Miżjuda għal Diżabilità Severa | 243 | 538 | 295 |
| Assistenza għal Diżabilità | 79 | 137 | 58 |
| Allowance Miżjuda għal *Carer* | 514 | 816 | 302 |
| *Allowance* għal *Carer* | 298 | 251 | -47 |
| **TOTAL** | **9,955** | **10,467** | **512** |

Għajnuna Soċjali, Għajnuna għal Mard, Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji u Għajnuna Supplimentari

Wara li esperjenzajna tnaqqis drastiku fin-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg matul is-snin 2015, 2016 u 2017, dan it-tnaqqis pożittiv kompla matul is-sena 2018. Fil-fatt, il-benfiċjarji matul is-sena 2018 naqsu b'28.37 punti perċentwali fuq is-sena 2017. Waħda mir-raġunijiet ta' dan it-tnaqqis hija l-introduzzjoni u t-tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji f'Baġits suċċessivi, 2014, 2015 u fl-2018. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-*In Work Benefit* għin ukoll għal dan it-tnaqqis pożittiv.

Għar-raba' sena konsekuttiva, wara l-esperjenza pożittiva tas-snin 2015, 2016 u 2017, fejn in-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali kien naqas b'mod drastiku, din it-*trend* baqgħet tiġi sostnuta wkoll matul is-sena 2018. Fil-fatt il-benefiċċjarji tal-Għajnuna Soċjali matul is-sena 2018 naqsu b'7.92 punti perċentwali fuq is-sena 2017. Bħalma ġie mfisser fil-paragrafu ta' qabel, dan it-tnaqqis huwa parti minnu dovut għall-introduzzjoni u tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji f'Baġits suċċessivi, 2014, 2015 u fl-2018. L-introduzzjoni tal-*In Work Benefit* huwa fattur ieħor li wassal għal dan it-tnaqqis pożittiv.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuniet għal Mard matul is-sena 2018 naqsu b'1.32 punti perċentwali fuq is-sena 2017. Filwaqt illi l-benefiċċjarji tal-Għajnuna Supplimentari matul is-sena 2018 naqsu b'1.54 punti perċentwali fuq is-sena 2017.

Is-*Subsidiary Unemployemnt Assistance* tingħata lil dawk il-persuni li jitolbu l-ażil u jingħataw l-istatus ta' Protezzjoni Sussidjarja. Dan il-benefiċċju jissejjaħ *core benefit* skont l-Avviżi Legali fir-rigward. F'Novembru tas-sena 2014 kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-benefiċċjarji ta' din ix-xorta ta' assistenza jibdew jitħallsu taħt *benefit type Subsidiary Unemployment Assistance.* In-numru ta' benefiċċarji ta' dan il-benefiċċju matul is-sena 2018 naqsu b'11.05 punti perċentwali fuq is-sena 2017.

L-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji ġiet introdotta matul is-sena 2014, u kompliet tiġi msaħħa matul is-snin 2015 u 2018. Iż-żieda fil-benefiċċjarji li rajna mis-sena 2014 għas-sena 2015 hija nota pożittiva għaliex dan ifisser illi l-persuni li qegħdin jibbenefikaw minn din l-iskema bdew jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol u għalhekk ma baqgħux jiddependu mill-benefiċċji soċjali. In-numru ta' benefiċċjarji matul is-sena 2016 kompla jesperjenza żieda ta' 32.42 punti perċentwali fuq is-sena 2015. Barra minn hekk, in-numru ta' benefiċċjarji għas-sena 2017 kompla jiżdied u ra żieda ta' 15.81 punti perċntwali fuq is-sena 2016. Is-sena 2018 rat tnaqqis fin-numru ta' benefiċjarji fuq is-sena 2017 bi 3.47 punti perċentwali. Dan it-tnaqqis, meta tevalwah mal-benefiċjarji dejjem jonqsu tal-Għajnuna Soċjali, jindika dak li qegħdin jikkonfermaw l-istudji, fejn aktar minn 80% tal-benefiċjarji li daħlu fid-dinja tax-xogħol, żammew l-impjieg tagħhom u ma reġgħux irrikorrew għal xi xorta ta' benefiċċji soċjali.

| **Tip ta' Benefiċċju Soċjali** | **2017** | **2018** | **+or-** |
|---|---|---|---|
| Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg | 1,907 | 1,366 | -541 |
| Għajnuna Soċjali* | 9,294 | 8,558 | -736 |
| Għajnuna għal Mard | 12,717 | 12,549 | -168 |
| Għotja għal Ħalib | 60 | 54 | -6 |
| Għajnuna dwar il-Lebbra | 28 | 24 | -4 |
| Għajnuna dwar it-Tuberkolożi | 0 | 0 | 0 |
| Għajnuna Supplimentari | 25,219 | 24,830 | -389 |
| *Subsidiary Unemployment Assistance* | 1,864 | 1,658 | -206 |
| Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji | 3,604 | 3,479 | -125 |
| **TOTAL** | **54,693** | **52,518** | **-2,175** |

* Għajnuna Soċjali tfisser SA/SUP/DAD

**Appelli lill-Arbitru**

Din it-tabella turi n-numru ta’ appelli li daħlu u nstemgħu anke aktar minn darba fis-sena 2018 meta kkomparati mas-sena ta’ qabel.

| **Appelli** | | **2017** | **2018** |
|---|---|---|---|
| A. | Numru ta' appelli għas-smigħ: | | |
| (i) | Miġjuba mis-sena ta' qabel | 1006 | 1035 |
| (ii) | Appelli mibgħuta din is-sena | 861 | 765 |
| (iii) | Differiti | 186 | 298 |
| B. | Numru ta' appelli deċiżi: | | |
| (i) | Deċiżi kontra l-appellant | 186 | 298 |
| (ii) | Deċiżi favur l-appellant | 55 | 52 |
| (iii) | Irtirati mill-appellant | 195 | 296 |
| (iv) | Ikkanċellati | 24 | 27 |
| (v) | Revokati mid-Dipartiment | 161 | 148 |
| (vi) | Differiti | 153 | 148 |
| (vii) | Sine Die | 25 | 25 |
| (viii) | Eżawriti/Respinti/Deżert | 33 | 85 |
| | | | |
| **Appelli Pendenti** | | **1035** | **721** |

| **Appelli Pensjoni tal-Invalidità** | | **2017** | **2018** |
|---|---|---|---|
| A. | Numru ta' appelli għas-smigħ: | | |
| (i) | Miġjuba mis-sena ta' qabel | 55 | 32 |
| (ii) | Appelli mibgħuta din is-sena | 53 | 49 |
| (iii) | Differiti | 108 | 81 |
| B. | Numru ta' appelli deċiżi: | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | Deċiżi kontra l-appellant | 7 | 7 |
| (ii) | Deċiżi favur l-appellant | 30 | 16 |
| (iii) | Irtirati mill-appellant | 7 | 17 |
| (iv) | Ikkanċellati | 14 | 12 |
| (v) | Revokati mid-Dipartiment | 6* | 2* |
| (vi) | Differiti | 12 | 12 |
| (vii) | Sine Die/Eżawriti/Deżert | 0 | 7 |
| (viii) | Stennija ta' Risposta mill-appellant/Dipartiment | 76 | 63 |
| **Appelli Pendenti** | | **32** | **18** |

* L-appellanti ngħataw il-Pensjoni tal-Invalidità mill-Bord Multi Dixxiplinarju qabel ma kien hemm deċiżjoni mill-Arbitru.

**Staff**

Matul is-sena 2018, in-numru tal-istaff tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali baqa' l-istess meta tqis in-numru li kien hemm fis-sena ta' qabel, inklużi staff mill-IPSL u ERL, skont din it-tabella ta' hawn taħt:

| | **31.12.2018** |
|---|---|
| Gradi fis-Servizz Ġenerali | 230 |
| Industrijali/Messaġġiera | 25 |
| RSSL | 12 |
| ERL | 6 |
| **Total** | **273** |

**<u>PENSJONIJIET KONTRIBUTORJI</u>**

Skont kif jidher mit- tabella izjed 'l isfel, in-numru ta' persuni li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni Kontributorja matul is-sena 2016 kien ta' 88,447 filwaqt li għas-sena 2017 dan żdied għal 91,947. Bħal fis-snin imgħoddija reġa' kien hemm żieda fin-numru ta' pensjonanti u fil-fatt iż-żieda netta għas-sena 2017 fuq 2016 kienet ta' 3.96%. Bħala riżultat tad-diskors tal-baġit għas-sena 2018, il-pensjonanti kollha ġew mogħtija zieda ta' €2.00 fil-ġimgħa minbarra iż-żieda tal-għoli tal-ħajja ta' €1.75 fil-ġimgħa u għalhekk il-pensjonanti kolla ħadu żieda totali ta' €3.75 fil-ġimgħa.

Bħal fis-snin preċedenti, id-dħul pensjonabbli massimu għal skopijiet tas-Sigurtà Soċjali ġie għal darb'oħra miżjud bl-ammont taż-żieda mogħti għall-għoli tal-ħajja sabiex laħaq l-ammont ta' €18,271.

**Pensjonijiet Kontributorji**

| Tip ta' Pensjoni | 2017 | 2018 | + or - |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Irtirar | 7,363 | 6,625 | -738 |
| Pensjoni tal-Irtirar Miżjuda | 880 | 784 | -96 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali tal-Irtirar | 9,644 | 9,663 | 19 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali Mnaqqsa | 104 | 96 | -8 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Irtirar Miżjuda | 2,865 | 2,842 | -23 |
| Pensjoni taż-Żewġ Terzi | 48,316 | 49,016 | 700 |
| Pensjoni tal-Invalidità | 207 | 192 | -15 |
| Pensjoni tal-Invalidità Miżjuda | 106 | 84 | -22 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità | 3,932 | 3,717 | -215 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità Mnaqqsa | 3 | 3 | 0 |
| Pensjoni għar-Romol li għandhom Pensjoni tas-Servizz | 304 | 297 | -7 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għar-Romol | 7,712 | 7,876 | 164 |
| Pensjoni ta' Superstiti *(Early Survivor's)* | 1,844 | 1,891 | 47 |
| Pensjoni ta' Superstiti | 8,387 | 8,932 | 545 |
| Pensjoni għall-Korriment fuq ix-Xogħol | 260 | 248 | -12 |
| *Allowance* tal-Orfni | 20 | 15 | -5 |
| **TOTAL** | **91,947** | **92,281** | **334** |

**Talbiet ġodda għal Pensjoni**

Matul is-sena 2018, is-sessjoni tal-pensjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kompliet tipproċessa talbiet ġodda ta' pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità. Fil-fatt in-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għal min jirtira kien ta' 2,300 li jirrappreżenta tnaqqis ta' 2,038 talba ġdida fuq is-sena 2017. In-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għar-Romol kien ta' 1,165 li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 274 talba ġdida fuq is-sena 2017, filwaqt illi n-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għall- Invalidità kien ta' 390 li jirrappreżenta tnaqqis ta' 59 talba ġdida fuq is-sena 2017.

**Reviżjonijiet tal-Pensjoni**

Matul is-sena 2018 saru wkoll reviżjonijiet marbuta mal-pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità bis-saħħa tal-ftehim kollettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku u tas-settur privat. Bis-saħħa ta' dawn ir-reviżjonijiet, 20,204 pensjonant ibbenefikaw minn żieda fir-rata tal-pensjoni kontributorja. Barra minn hekk, permezz tal-miżura tal-pensjonijiet tas-servizz saru ukoll reviżjonijiet sabiex jiġu injorati €200 għal kull sena mill-pensjoni tas-servizz u li bis-saħħa tagħha total ta' madwar 3,250 pensjonant ibbenefikaw minn rata ogħla ta' pensjoni.

**Miżuri ġodda fil-pensjonijiet kontributorji - 2018**

Reviżjoni lill-pensjonanti li jibqgħu jaħdmu wara l-età tal-pensjoni. Bis-saħħa ta' waħda mill-miżura imħabbra fil-baġit għas-sena 2018, saret reviżjoni fil-pensjoni ta' 1,912-il pensjonant li bbenefikaw minn żieda fir-rata tal-pensjoni tagħhom.

**Benefiċċji Short-Term**

**Ipproċessar ta' talbiet ġodda**

Matul is-sena 2018, is-sezzjoni tal-Benefiċċji *Short-term* (STB) f'Għawdex kompliet bl-ipproċessar ta' talbiet ġodda għall-Benefiċċji tal-Mard, Benefiċċji tal-Qgħad u Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol. It-tabella iżjed 'l isfel turi tnaqqis fin-numru ta' talbiet reġistrati fis-snin imsemmija fir-rigward ta' Benefiċċji għal Diżimpjieg, għal Benefiċċju Miżjud għal Dizimpjieg u għall-Għotja għaż-Żwieġ filwaqt illi turi żieda fit-talbiet għal Benefiċċji għal Mard.

Bħal fis-snin preċedenti, is-sezzjoni ġewwa Għawdex għal darb'oħra irnexxielha toħroġ ir-reviżjonijiet annwali tal-*Allowance* Supplimentari fil-ħin. It-talbiet riveduti għas-sena 2018 kien ta' 26,248 li minnhom 23,331 kienu reviżjonijiet li jaċċertaw dritt għas-sena 2018 filwaqt illi 2,917 kienu talbiet minħabba bidla fl-istatus għas-sena 2017.

Matul is-snin 2018, is-sezzjoni kompliet ukoll bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-Benefiċċju tal-Enerġija fejn daħlu total ta' 1,063-il applikazzjoni ġdida rispettivament, li ġew evalwati fejn it-tnaqqis relattiv kien direttament magħmul minn kontijiet tal-ARMS Ltd. Pagamenti oħra li nħarġu lill-istituzzjonijiet tal-karità kienu jammontaw għal 606 fis-sena 2018. Is-sezzjoni ħadet ukoll azzjoni fuq 90 każ fis-sena 2018 li ġew riferuti mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji matul is-snin imsemmija. Inħarġu ukoll Eżenzjonijiet ta' Ċertifikati għal *Carer* matul is-sena 2018 li ammontaw għal 217-il ċertifikat.

**Benefiċċji Short Term**

| **Tip ta' Benefiċċju** | **2017** | **2018** | **+ or -** |
|---|---|---|---|
| Benefiċċju tal-Mard | 132,716 | 88,614 | -44,102 |
| Benefiċċju għal Diżimpjieg | 3,348 | 2,727 | -621 |
| Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg | 191 | 176 | -15 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 3,135 | 3,220 | 85 |
| Għotja taż-Żwieġ | 3,257 | 3,198 | -59 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **142,647** | **97,935** | **-44,712** |

| **Tip ta' Ċertifikat Mediku** | **2017** | **2018** | **+or-** |
|---|---|---|---|
| Bidu/Tmiem (minn 4 sa 6 ijiem) | 29,394 | 29,706 | 312 |
| Bidu (Miftuħ) | 18,888 | 19,072 | 184 |
| Intermedju | 80,142 | 60,527 | -19,615 |
| Tmiem | 16,579 | 16,462 | -117 |
| **TOTAL** | **229,437** | **165,603** | **-63,834** |

**Skema ta' Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet Arretrati**

Matul is-sena 2018 daħlu total ta' 784 applikazzjoni biex jitħallsu kontribuzzjonijiet arretrati skont l-iskema tal-budget 2015. Min dawn, ġew milqgħuha 508 talba, filwaqt li 77 applikazzjoni ġew miċħuda. Kien hemm ukoll 199 talba li rriżulta li l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet arretrati ma kienx se jagħmel differenza fir-rata tal-pensjoni.

**Allowances tat-Tfal u l-Benefiċċji oħra tal-Familja**: **Allowance għat-Tfal**

Matul is-snin 2018, is-sezzjoni tal-*Allowance* għat-Tfal f'Għawdex irrivediet ir-rata tal-każijiet li kienu qegħdin jitħallsu sabiex jiġu stabbiliti r-rati l-ġodda għall-*Allowance* għat-Tfal għas-sena benefiċjarja ġdida.

Fl-2018 total ta' 26,870 benefiċjarju kienu mħallsa l-inqas rata (CAFR) permezz tal-proċess awtomizzat filwaqt li 16,520 benefiċjarju tħallsu rata ibbażata fuq it-test tad-dħul biex b'kollox tħallsu total ta' 43,390 benefiċjarju. Fil-fatt it-tabelli iżjed 'l isfel, bħal fis-snin preċedenti juru tnaqqis fin-numru ta' benefiċċjarji li jitħallsu rata bbażata fuq it-test tad-dħul filwaqt li juru żieda ta' benefiċċjarji li qegħdin jirċievu l-inqas rata.

| **Numru ta' Familji li bbenifikaw mill-*Allowance* għat-Tfal skont it-Test tal-Mezzi** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2017** | **2018** | **(+ or -)** |
| (a) *Allowance* għat-Tfal biss: | | | |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 9,550 | 9,563 | 13 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 5,310 | 5,224 | -86 |
| (iii) Tlett ulied eliġibbli | 1,385 | 1,329 | -56 |
| (iv) Erbat ulied jew iżjed eliġibbli | 421 | 404 | -17 |
| **TOTAL** | **16,666** | **16,520** | **-146** |

| Numru ta' Familji li bbenefikaw mill-inqas rata ta' *Allowance* għat-Tfal | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2017** | **2018** | **(+ or -)** |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 13,947 | 14,232 | 285 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 10,336 | 10,656 | 320 |
| (iii) Tlett ulied eliġibbli | 1,706 | 1,740 | 34 |
| (iv) Erbat ulied jew iżjed eliġibbli | 226 | 242 | 16 |
| **TOTAL** | **26,215** | **26,870** | **1,216** |

**Benefiċċju tal-Maternità**

Matul is-sena 2018 waslu total ta' 1,581 talbiet għall-Benefiċċju tal-Maternità (MB) u 5 talbiet kienu relatati ma' addozzjoni.

**Leave tal-Maternità Benefiċċju**

Matul l-istess snin it-talbiet għall-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità (MLB) kien ta' 1,972 filwaqt illi ġew ipproċessati wkoll 25-il talba relatati ma' addozzjoni.

**Allowance għal Tfal b'Diżabilità**

Matul is-sena 2018 waslu wkoll 286 applikazzjoni ġdida għal dan il-benefiċċju, u 187 minn dawn it-talbiet ġew aċċettati filwaqt illi 38 ġew rifjutati mill-Bord Mediku. Matul l-istess sena kien hemm ukoll 413 talba minn benefiċċjarji kurrenti sabiex issir reviżjoni mill-Bord Mediku. It-total ta' benefiċċjarji DCA sa tmiem is-sena 2018 kien ta' 1,501.

| Numru ta' familji li jirċievi *Allowance* għal Tfal b'Diżabilità | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2017** | **2018** | **+ or -** |
| *Allowance* għal Tfal b'Diżabilità | 1,363 | 1,501 | 138 |
| **TOTAL** | 1,363 | 1,501 | 138 |

| Numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Benefiċċju tal-Maternità u mill-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2017** | **2018** | **+ or -** |
| Benefiċċju għal-Leave tal-Maternità | 1,914 | 1,972 | 58 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 1,780 | 1,581 | -199 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **3,694** | **3,553** | **-141** |

**Foster Care Allowance**

Matul is-sena 2018 kien hemm 113 talba ġdida għal Allowance għall-Foster Care. It-total tal-benefiċjarji FCA (istituzzjonijiet/djar/familji li jiffosterjaw) għas-sena 2018 jammonta għal 175.

**Uffiċċini Distrettwali**

Il-għan ewlieni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa li joffri kemm assistenza kif ukoll informazzjoni dwar dak kollu li joffru d-dipartment lill-komunità kollha. Dan is-servizz jingħata minn 22 Uffiċċju Distrettwali mferrxin madwar Malta u Għawdex. L-uffiċini huma: Birkirkara, il-Fgura, il-Ħamrun, Ħal Luqa, Ħal Lija (wara l-għeluq tal-uffiċċju ta' Ħal Balzan, il-Birgu (Servizz.gov) il-Mosta, l-Imsida, in-Nadur (Għawdex), in-Naxxar, Raħal Ġdid, Ħal Qormi (Servizz.gov), ir-Rabat, ir-Rabat (Għawdex), tas-Sliema, il-Qawra, San Ġwann, il-Belt Valletta, Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u ż-Żurrieq. L-uffiċċju tal-Marsa ġie magħluq din is-sena minħabba li s-sid ried il-post lura. L-uniku uffiċċju distrettwali li jaħdem bħala uffiċċju satellita (jiftaħ mit-8:00 sas-13.00 kuljum) huwa ta' San Ġwann. Minn Mejju, erbà uffiċini distrettwali bdew jagħtu servizzi lill-pubbliku nhar ta' Sibt filgħodu. Dawn l-uffiċini huma Raħal Ġdid, il-Belt Valletta, Birkirkara u l-Qawra. Apparti dawn, nhar ta' Sibt ikun hemm miftuħa wkoll l-uffiċini ta' Ħal Qormi u l-Birgu. Dawn tal-aħħar jagħmlu parti minn Servizz.gov. Minn Mejju ukoll, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis l-uffiċini distrettwali qed jiftħu mit-8.00 sas-13.00 u waranofsinhar jagħlqu għall-pubbliku. Wara nofsinhar qed jiġi użat għal xi xogħol tal-uffiċċju kif ukoll għall-għoti ta' taħriġ. Tajjeb wieħed jinnota li wieħed mit-taħriġ kien kors l-MCAST f'Diploma f'livell MQF 4 fil-Customer Care fejn il-Managers u l-Kordinaturi temmew b'suċċess.

Matul is-sena 2018 **darba fil-ġimgħa medja ta' 'l fuq minn 1000 persuna** bi status ta' Subsidiary Protection imorru jiffirmaw fl-uffiċini distrettwali. Dan nagħmluh sabiex id-dipartiment ikun jista' jżomm kontroll fuq il-ħlasijiet tal-benefiċċji li dawn il-persuni jirċievu kull ġimgħa. Id-Dipartiment ħareġ **total ta' 12,500 Karta Roża** – **5867** għall-persuni li jkunu qed jirċievu l-Assistenza Soċjali (wara li jkun sarilhom test ta' mezzi mill-*Head Office*) u **6633** karta roża oħra għal dawk il-persuni li jkun sarilhom test ta' mezzi fl-uffiċċju distrettwali stess. Il-karta roża għad-dijabetiċi ħarġet waħda indefinita, b'hekk spiċċa l-bżonn u l-iskariġġ li persuna tmur iġġedded il-KR kull sena ġewwa distrett. Matul din is-sena wkoll, iżjed minn **6000** persuna marret f'wieħed mill-uffiċini distrettwali sabiex iġeddu l-applikazzjoni għall-iskema hekk magħrufa 'tal-Korpi', kif ukoll kien hemm medja ta' 200 applikazzjoni oħra ġodda. 'Il fuq minn **165,000** ċertifikat mediku daħal id-dipartiment li l-maġġoranza tagħhom jiġu 'keyed' fid-distretti apparti li kien hemm **69018** 'walk in' fl-uffiċini distrettwali. Is-Servizz 153 matul 2018 irċieva **220256** telefonata u minnhom irnexxielu jirrispondi **198658**, jiġifieri **90%** tat-telefonati ġew imwieġba. Il-153 irċieva **41858** ittra elettronika fejn minnhom ftit inqas minn **150** ma ġewx imwieġba. Dan kien servizz li bis-saħħa tiegħu il-pubbliku qed ikun moqdi mill-kumdità ta' daru u bis-saħħa ta' hekk tnaqqas b'mod konsiderevoli l-ammont ta' pubbliku mill-uffiċċini distrettwali. L-intenzjoni tat-tmexxija ta' dan id-dipartiment hi li dejjem intejbu s-servizz lill-klijenti u għal din is-sena sejrin inkomplu naħdmu ħalli titnaqqas il-burokrazija sabiex il-klijent jinqeda aħjar fl-iqsar żmien possibli.

## It-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU)

### Introduzzjoni

Matul is-sena 2018, it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) kompliet taġixxi bħala punt ta' referenza fi ħdan id-DSS għall-affarijiet internazzjonali; kemm dawk b'dimensjoni tal-UE kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali ratifikati minn Malta tul is-snin. L-IRU hija responsabbli kemm għall-parti operazzjonali tal-implimentazzjoni tat-tali ftehimiet kif ukoll għall-aspett ta' politika. F'dan il-kuntest, is-sena 2018 kienet sena produttiva oħra għall-

IRU li kompliet taħdem fuq numru ta' kompiti importanti kif imniżżel hawn aktar 'l isfel. Ir-rapport juri biċċar li x-xogħol fuq l-IRU żdied speċjalment b'konsegwenza taż-żieda ta influss ta' ħaddiema barranin.

### Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament (u tal-Ħajja)

Minħabba li n-numru ta' pensjonanti li joqogħdu barra dejjem jikber, id-Dipartiment jimplimenta sistema ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament bħala salvagwardja kontra każijiet li jistgħu jkunu qarrieqa. Din is-sistema qed tipprovdi lid-DSS bl-għodda neċessarja biex iżomm kuntatt ma' pensjonanti li ma jgħixux Malta, li magħhom id-Dipartiment m'għandux komunikazzjoni diretta biex jivverifika li tali pensjonanti għadhom ħajjin, kif ukoll biex iżomm rekord aġġornat bid-dettalji tal-qraba.

Permezz ta' din is-sistema, l-IRU hija f'pożizzjoni li tkun taf bit-tibdiliet sinifikanti fiċ-ċirkostanzi ta' kull pensjonant. Formola ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament tintbagħat bil-posta fl-indirizz tal-pensjonant kull sena, li għandu/ha j/tirritornaha bl-informazzjoni neċessarja dwar kull tibdil fl-indirizz u/jew l-istatus u informazzjoni dwar il-qarib li l-IRU għandha tikkuntattja fil-każ ta' bżonn. Iċ-Ċertifikat għandu jkun verifikat u ttimbrat minn xhud uffiċjali. Tali sistema qed tkun utli f'każijiet ta' mwiet mhux irrappurtati ta' pensjonanti għax qed tnaqqas in-numru ta' pagamenti ta' pensjonijiet li mhumiex dovuti. Dawn li ġejjin huma n-numru ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament maħruġa mill-IRU matul l- 2018:

*Tabella 1. Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intolament*

| **Pajjiż** | **2018** | |
|---|---|---|
| | **Ammont** | **Każijiet Sospiżi** |
| **Il-Kanada** | 892 | 57 |
| **L-Awstralja** | 4,835 | 755 |
| **Ir-Renju Unit** | 967 | 55 |
| **L-UE (minbarra R-Renju Unit)** | 392 | 47 |
| **Il-Bqija tad-Dinja** | 117 | 36 |
| **Totali** | **7,203** | **949** |

Minbarra din is-sistema ta' ċertifikazzjoni msemmija, l-IRU għandu ftehim mar-Renju Unit fejn din l-informazzjoni dwar il-pensjonanti komuni li joqogħdu kemm f'Malta u kemm fir-Renju Unit, tiġi skambjata aktar spiss b'mod elettroniku. Barra minn hekk, fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/2004 u 987/2009), l-IRU kellha

twessa' l-mandat tagħha biex tipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji għall-mard, benefiċċju tal-qgħad, kwistjonijiet ta' assigurazzjoni, aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard relatat max-xogħol li jinvolvu element transkonfinali, waqt li jagħtu gwida ta' politika lis-sezzjoni tal-*Allowance* tat-Tfal fi ħdan id-DSS meta jkun hemm każijiet li jikkonċernaw il-benefiċċji tal-familija u ta' maternità. Fid-dawl tar-responsabbiltaijiet imsemmija hawn fuq, matul dawn l-aħħar tliet snin, l-IRU pproċessat it-talbiet li ġejjin:

*Tabella 2. Talbiet Ipproċessati*

| Formola | 2016 | 2017 | 2018 |
|---|---|---|---|
| **U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Qgħad)** | 614 | 973 | 1,618 |
| **U004 (Dokument Elettroniku Standard għall-komunikazzjoni tal-Informazzjoni dwar is-Salarju)** | 345 | 446 | 141 |
| **U017 (Dokument Elettroniku Standard għall-Komunikazzjoni tar-Rekord tal-assikurazzjoni – Ħaddiem Transkonfinali** | 339 | 446 | 143 |
| **U009 (Dokument Elettroniku Standard għall-konferma tar-reġistrazzjoni)** | 101 | 93 | 93 |
| **U013(Dokument Elettroniku Standard għall-konferma mensili tar-reġistrazzjoni)** | 85 | 84 | 76 |
| **E104 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Mard)** | 328 | 499 | 497 |
| **E205 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għal Raġunijiet ta' Pensjoni)** | 421 | 417 | 347 |
| **E210 (Notifika tad-Deċiżjoni Dwar Talba għal Pensjoni)** | 57 | 71 | 38 |

Minn din l-informazzjoni jidher ċar li n-numru ta' talbiet ipproċessati fuq iċ- Ċertifikati ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-qgħad (U1) żdied b'mod sostanzjali matul l-aħħar tliet snin. Fil-fatt matul is-sena 2018, it-taqsima pproċessat numru rekord ta' 1,618 (żieda ta 1,587 mis-sena 2016). L-aktar talbiet li ntlaqgħu mill-2016 sa l-2018 skont iċ-ċifra t'hawn taħt (40%) huma fil-fatt fuq iċ-Ċertifikati ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-qgħad (U1).




*Figura 1. Talbiet ipproċessati fuq Ċertifikazzjoni*

**Talbiet għall-Pensjoni pproċessati mill-IRU**

Il-maġġoranza tal-każijiet li ħadet ħsiebhom l-IRU huma każijiet dwar pensjonijiet (tal-Irtirar, tar-Romol u tal-Invalidità). F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda ta' pensjonanti li joqogħdu barra (6,691 pensjonant sa 31.12.2018) u għaldaqstant id-dimensjoni internazzjonali tad-DSS żdiedet u qiegħda ssir dejjem iktar relevanti tul is-snin. F'dan ir-rigward, id-dritt għall-moviment ħieles b'konsegwenza tas-sħubija ta' Malta fl-UE hu fattur determinanti. Għaldaqstant hemm probabbiltà kbira li din it-tendenza tkompli tikber fil-futur. Skont l-aħħar statistika rrappurtata hawn isfel, fis-sena 2018 l-IRU pproċessat in-numru ta' talbiet għall-pensjoni fejn: a) in-numru ta' talbiet li daħlu tirreferi għat-talbiet li waslu minn persuni li joqogħdu barra minn Malta; b) in-numru ta' talbiet li ħarġu tirreferi għal talbiet minn persuni li joqogħdu lokalment li qegħdin jitolbu pensjoni minn barra.

*Tabella 3. Talbiet għall-pensjoni*

| Pajjiż | 2018 | |
|---|---|---|
| | **Li daħlu** | **Li ħarġu** |
| **L-UE** | 292 | 75 |
| **L-Awstralja** | 214 | 166 |
| **Il-Kanada** | 29 | 70 |
| **Oħra** | 24 | 0 |
| **Totali** | **559** | **311** |

**Determinazzjoni tal-Leġiżlazzjoni Applikabbli**

Waħda mir-responsabbiltajiet tal-IRU hi d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli f'każijiet meta l-ħaddiema jkunu f'sitwazzjoni transkonfinali. Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 jipprovdu serje ta' dispożizzjonijiet biex tiġi determinata liema hija l-leġiżlazzjoni applikabbli f'każijiet bħal dawn. Matul is-sena 2018, it-taqsima rċeviet numru rekord ta' 2,670 applikazzjoni f'dan ir-rigward. Jidher ċar kif tindika miċ-ċifra t'hawn taħt, li kull sena n-numru ta' applikazzjonijiet qiegħdin jiżdied b'mod sostanzjali. Wara li saret l-analiżi ta' dawn it-talbiet kollha skont ir-regoli applikabbli, ġie deċiż li dawn l-applikazzjonijiet għandhom ir-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex jiġu aċċettati u għalhekk inħarġu total ta' 2,670 formola A1 (Ċertifikat dwar il-liġi tas-Siġurtà Soċjali li tapplika) għal kull każ li kien aċċettat kif mitlub mil-liġi. Ma kienx hemm applikazzjonijiet li ġew rifjutati minħabba li ma kinux jissodisfaw il-kriterji mitluba mil-liġi.

Ċifra 1. Applikazzjonijiet A1 riċevuti




Barra minn hekk, b'rabta mal-obbligi ta' assigurabbiltà msemmija hawn fuq li jitwettqu mill-IRU, matul l-aħħar sentejn din it-Taqsima kienet involuta f'diversi laqgħat ma' kumpaniji barranin u lokali, partikolarment kumpaniji fis-settur marittimu u tal-avjazzjoni, u individwi oħra biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE msemmija hawn fuq. L-IRU wettqet ir-riċerka neċessarja u analizzat il-każijiet ippreżentati. Wara li sar dan l-eżerċizzju, il-partijiet interessati u l-entitajiet involuti ngħataw il-pariri xierqa, fir-rigward tal-pożizzjoni ta' assigurazzjoni tal-individwi impjegati jew li jaħdmu għal rashom li se jkunu impjegati fi Stat Membru tal-UE ieħor u ċittadini tal-UE li se jkunu involuti f'attività ta' impjieg f'Malta.

### Ħruġ ta' Numri tas-Sigurtà Soċjali permezz tas-sistema onlajn

Matul l-2018, kompliet il-ħidma fuq l-applikazzjoni onlajn għall-ħruġ ta' numri tas-Sigurtà Soċjali. Matul l-2018, total ta' 12,985 applikazzjoni waslu permezz tas-sistema onlajn. Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet, b'kollox kienu mingħand persuni ta' nazzjonalità barranija. Ma kien hemm ebda applikazzjoni li ġiet rifjutata minħabba informazzjoni ħażina jew minħabba li t-talbiet ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. Mit-total ta' 12,985 applikazzjoni kien fadal 590 li baqgħu pendenti u ġew ipproċessati fis-sena sussegwenti.

*Tabella 4. Numri tas-Sigurtà Onlajn*

| | applikazzjonijiet onlajn | mingħand persuni ta' nazzjonalità barranija | mingħand ċittadini Maltin | applikazzjonijiet rifjutati | applikazzjonijiet pendenti |
|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 10,803 | 9,654 | 1,102 | 5 | 42 |
| **2017** | 11,051 | - | - | - | - |
| **2018** | 12,986 | 12,986 | 0 | 0 | 590 |




*Ċifra 2. Applikazzjonijiet għal ħruġ ta' Numri tas-Sigurtà onlajn*

**Numru ta' domandi li trattat l-IRU**

L-IRU hija responsabbli wkoll milli tittratta domandi mill-pubbliku. Matul din is-sena, l-IRU rċeviet madwar 10,000 domanda mingħand il-pubbliku ġenerali (żieda ta' madwar 2,000 domanda mis-sena 2017) li waslu għand it-Taqsima jew personalment jew fil-maġġoranza tagħhom permezz ta' imejl. Domandi oħra waslu wkoll permezz ta' ittri jew permezz tas-servizz.gov.

**Trasferiment tad-Drittijiet għall-Pensjoni**

Kompitu ieħor importanti mwettaq mill-IRU hu l-ipproċessar ta' talbiet minn impjegati ta' istituzzjonijiet tal-UE li jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fis-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija, u kif previst mir-Regolament tal-Kunsill 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, huma offruti l-possibilità li jittrasferixxu d-drittijiet għall-pensjoni akkumulati fl-iskema Maltija għall-iskema tal-UE. Fis-sena 2018, ġew ipproċessati l-applikazzjonijiet li ġejjin:

*Tabella 5. L-Ipproċessar ta' talbiet minn impjegati ta' istituzzjoniet tal-Impjieg*

| | Applikazzjonijiet riċevuti | Każijiet trasferiti | Każijiet irtirati | Każijiet pendenti |
|---|---|---|---|---|
| **2018** | 7 | 3 | 3 | 1 |

Fl-2018, il-każijiet trasferiti kienu jammontaw għal €16,193,50; liema ammounti ġew trasferiti fl-iskema tal-UE.

**Rifużjoni ta' Benefiċċju tal-Qgħad lill-pajjiż tar-Residenza**

L-artiklu 65 tar-Regolament (KE) 883/2004 jipprovdi għal rifużjoni ta' Benefiċċju tal-Qgħad imħallsa lil persuni li, wara perjodu ta' xogħol f'Malta, minflok talbu għall-benefiċċju tal-qgħad minn Malta, irritornaw lura għall-pajjiż tar-residenza tagħhom u għamlu talba hemmhekk. F'każijiet bħal dawn, biex ikun hemm bilanċ fl-ispiża, il-pajjiż fejn saret l-attività tax-xogħol huwa obbligat jirrifondi lill-pajjiż tar-residenza l-ekwivalenti ta' 3 xhur benefiċċju (li jista' jitla' għal 5 xhur) bir-rata tal-benefiċċju lokali. Matul is-sena 2018, 107-il talba biss ġiet aċċettata u b'hekk ġew imħallsa total ta' € 59,429.59 lil diversi pajjiżi tal-UE.

**Xogħol ta' politika mwettaq fl- 2018**

Minbarra l-impenji operattivi, l-IRU hija involuta wkoll b'mod attiv fil-qasam tat-tfassil ta' linji politiċi relatati mal-qasam tal-koordinament tas-sigurtà soċjali fl-UE kif ukoll aspetti internazzjonali oħra ta' sigurtà soċjali. Membri tal-IRU rrappreżentaw lil Malta f'diversi laqgħat fuq livell tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Amminstrattiva għall-Koordinament tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, Gruppi ta' Ħidma u Forums ta' Riflessjoni oħra, laqgħat tal-MISSOC u bħala esperti tan-netwerk Moves. Apparti mill-attendenza għall-laqgħat, il-parteċipazzjoni f'dawn il-gruppi tinvolvi wkoll il-kumpilazzjoni ta' statistika u informazzjoni fuq bażi annwali u f'ċertu każijiet bi frekwenza kontinwa (MoveS u MISSOC).

L-IRU segwiet ukoll id-diskussjonijiet dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mil-UE li ilhom għaddejjin mill-2016. Filwaqt li l-preparamenti inizjali kienu jikkonċernaw qbil fuq perjodu ta' tranżizzjoni, lejn l-aħħar tal-2018, in-negozjati bdew juru biċ-ċar li l-prospetti li jintlaħaq ftehim bdew jonqsu drastikament. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma kellhomx triq oħra ħlief li jippreparaw għal xenarju differenti li jfisser li mit-30 ta' Marzu 2019 'il quddiem, ir-Renju Unit jibda jitqies bħala pajjiż terz. Fid-dawl ta' dan ix-xenarju l-ġdid, l-IRU għamlet analiżi dettaljata tar-riperkussjonoijiet li dan jista' jkollu, kemm fuq l-operat tad-Dipartiment, kif ukoll fuq persuni li diġà jirċievu pensjoni mir-Renju Unit u pensjonanti prospettivi. Għal dan il-għan, l-IRU ippreparat linji gwida għall-istaff ibbażati fuq iż-żewġ xenarji. Fl-istess ħin, l-UE ħarġet proposta ta' liġi li tipprovdi għal trattament uniformi fil-qasam tas-sigurtà soċjali mill-Istati Membri lejn persuni li tul ħajjithom ħadmu fl-UE u fir-Renju Unit. Din il-proposta kienet tinvolvi negozjati li għal darb'oħra ġew segwiti mil-IRU. Għal dan il-għan l-IRU fasslet serje ta' analiżi f' dan ir-rigward u għamlet numru ta' rakkomandazzjonijiet kemm lis-Segretarju Permanenti kif ukoll lill-Kabinett.

Fl-istess ħin, l-IRU kienet impenjata fir-reviżjoni tar-Regolament (UE) 883/2004 u 987/2009 liema regolament jifforma l-bazi tal-operat tal-istess taqsima. Il- Grupp ta Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) tlaqqa' 5 darbiet taħt il-Presidenza Bulgara fejn ġew trattati l-oqsma tal-benefiċċji tal-Qgħad u emendi oħra li kienu jkopru diversi oqsma. Matul dan il-perjodu l-IRU kienet tanalizza t-test ta' kompromess maħruġ mill-Presidenza darbtejn fix-xahar u tħejji nota ta' istruzzjoni qabel kull laqgħa. F'Ġunju tal-2018 uffiċjal tal-IRU akkumpanja lill-Ministru għall-laqgħa tal-Ministri Ewropej tax-Xogħol u l-Politika Soċjali fejn ġie diskuss dan il-fajl u ntlaħaq qbil ġenerali. Ix-xogħol fuq l-istess fajl tkompla mill-Presidenza Awstrijaka li kienet responsabbli biex tibda n-negozjati mal-Parlament fuq l-istess fajl. Peress li dawn in-negozjati ma ġewx konklużi taħt il-Presidenza Awstrijaka, id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

Matul is-sena, kompliet ukoll l-azzjoni legali fil-qrati Maltin imnedija minn uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej minħabba l-mod kif jiġi implimentat it-Trasferiment tad-Drittijiet għal Pensjoni preskritt taħt ir-Regolament tal-Kunsill 259/68. L-IRU kienet assenjata l-kompetenza f'dan ir-rigward peress li tali trasferimenti jaqgħu taħt il-mandat tagħha kif irrappurtat iktar kmieni. Fl-2018, kien hemm 3 seduti fil-Qorti ta' Malta dwar dan il-każ. F'Diċembru 2018 il-Qorti ddeċidiet favur id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali iżda tali sentenza ġiet appellata u l-każ ser jitkompla jinstema' tul is-sena kurrenti.

**Proġett EESSI**

L-IRU hija responsabbli wkoll mit-twettiq tal-proġett tal-EESI li permezz tiegħu kull komunikazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri ser javvanza b'mod elettroniku. Dan il-proġett, li fih huwa wkoll involut il-Ministeru tas-Saħħa, kien eliġibbli għal fondi mill-'Connecting Europe Facility' u għaldaqstant involva ħafna xogħol biex tfasslet l-applikazzjoni għal dawn il-fondi. L-applikazzjoni kienet intlaqgħet pożittivament u l-ħidma kompliet biex jiġi ppreżentat pjan dettaljat tal-proġett li beda f'Ġunju tas-sena 2017. Kienu nħarġu diversi sejħiet sabiex jiġi ffurmat it-tim magħmul minn *Project Administrator, Technical Administrator, Project Executive u t-Technical Coordinator* li bħalissa qed ikompli jaħdem fuq dan il-proġett. Huwa magħruf li l-IRU bbenefikat minn madwar nofs miljun Euro għat-twettiq ta' dan il-proġett li huwa mistenni li jiġi implimentat fiż-żmien qarib. Is-sena 2018 kienet waħda impenjattiva għall-aħħar fir-rigward tal-istess proġett. Matul din is-sena, wara diversi sejħiet ta' interess, ġew ingaġġati il-kuntratturi privati fejn flimkien mal-MITA ħadmu bla heda sabiex is-sistemi tal-Applikazzjoni Nazzjonali kif ukoll dik tar-RINA jiġu installati. Min-naħa tal-IRU beda wkoll ix-xogħol ta' integrazzjoni bejn is-SABS u r-RINA sabiex iktar 'il quddiem meta tidħol fis-seħħ l-EESSI, l-informazzjoni tkun tista' tiġi astratta b'mod awtomatiku. Matul din is-sena saru diversi laqgħat b'uħud minnhom isiru kull xahar, bejn l-IRU u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-EESSI. Matul din is-sena waqt Grupp ta' Ħidma tal- Kummissjoni Amminstrattiva għall-Koordinament tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali uffiċjal mill-IRU ippreżenta rapport dwar l-importanza tal-EESSI f'Malta u kif din ser tkun qed tassisti u tiffaċilita il-ħajja taċ-ċittadini Maltin. Impenn ieħor għall-IRU matul din is-sena kien dak li jibda joħloq miri finanzjarji għas-sena 2019 fejn tidħol is-sistema tal-EESSI.

## 5. DIRETTORAT GĦALL-OSSERVANZA TA' BENEFIĊĊJI (DOB) FI ĦDAN ID-DIVIŻJONI GĦALL-OSSERVANZA U INVESTIGAZZJONIJIET

Id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji (DOB) huwa fdat bir-responsabbiltà li jinvestiga kull rapport fejn jiġi allegat li hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali, imħallsa taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318).

Filwaqt li dan id-Direttorat jaħdem mill-qrib ħafna mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), dan ma jagħmilx parti mid-DSS iżda huwa Direttorat separat. Id-DOB juża r-riżorsi kollha tiegħu biex jinvestiga fid-dettall kull rapport li jirċievi fejn hu allegat nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li jkun sab wara li jkun investiga l-każ sew.

F'każijiet fejn l-eżitu tar-Rapport Investigattiv ikun li l-benefiċjarju/a mhux qiegħed/qegħda, fil-fehma tad-DOB, jitħallas/titħallas skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, ir-Rapporti bir-rakkomandazzjonijiet tad-DOB, jiġu mgħoddija lid-DSS biex jiddeċiedi x'għandu jsir f'kull każ. Id-DSS wara li jwettaq ħidmietu fuq dawn il-każijiet jirreferi lura r-riżultat ta' kull każ lid-DOB.

**Sorsi ta' Informazzjoni**

Bħal fis-snin li għaddew, ir-rapporti ta' każijiet fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fit-teħid ta' benefiċċji soċjali skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jaslu għand id-DOB b'diversi mezzi u minn diversi sorsi, fosthom mingħand il-pubbliku u mid-DSS. Il-pubbliku huwa konxju tal-operat effettiv tad-DOB u għaldaqstant kompla sena wara sena jissottometti numru ta' rapporti, li l-parti l-kbira minnhom ikunu anonimi. Dawn ir-rapporti jaslu fid-Direttorat l-iktar permezz tat-telefon, inkluż il-*freephone* (80072345), permezz tal-imejl (benefitscompliance@gov.mt), permezz ta' ittri u ta' midja oħra. Il-paġna tal-internet tad-DOB tipprovdi wkoll il-faċilità lil min ikun jixtieq jissottometti rapport għall-investigazzjoni *online* kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Fl-aħħar snin, id-Direttorat nieda wkoll paġna tal-*Facebook* tiegħu li toffri wkoll l-opportunità lill-pubbliku biex jirraporta każijiet fejn allegatament hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji soċjali skont il-provvedimenti tal-Att dwar Sigurtà Soċjali. L-*istaff* tad-DSS kompla matul is-snin iwassal numru sostanzjali ta' Talbiet għall-Investigazzjoni fuq it-*Template* li jipprovdi d-DOB. Id-Direttorat jagħmel ukoll użu mill-informazzjoni finanzjarja li tiġi mtellgħa fuq is-Sistema Amministrattiva Benefiċċji Soċjali (SABS) li hija sistema kompjuterizzata operata mid-DSS. Din l-informazzjoni li tinkiseb minn istituzzjonijiet finanzjarji lokali tintuża biex id-DOB isegwi mill-qrib l-iżvilupp li jkun hemm f'kull każ fejn il-benefiċjarji ta' benefiċċji mhux kontributorji jkollhom kapital li jeċċedi t-test tal-mezzi.

**Koordinazzjoni**

Matul is-sena 2018, id-DOB kompla jsaħħaħ l-operat tiegħu billi kkoordina ma' numru ta' dipartimenti u entitajiet governattivi kif ukoll mas-settur privat sabiex jiġbor kull informazzjoni li tkun ikkunsidrata kruċjali biex jiġu konklużi l-investigazzjonijiet tiegħu. Kompla jaħdem ukoll fuq inizjattivi biex jidentifika sorsi oħra ta' fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Matul l-aħħar xahrejn tas-sena 2018, inbdew il-preparamenti sabiex id-DOB jinvestiga każijiet ta' benefiċċjarji li jirċievu benefiċċji mhux kontributorji fir-rigward ta' dħul minn interessi li jeċċedu l-iskala skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

**Operat**

Id-DOB, permezz tal-Ispettorat tiegħu wettaq 1,771 spezzjoni fuq is-sit matul is-sena 2018. Mill-ispezzjonijiet fuq is-sit u mill-investigazzjonijiet kollha magħmula minn dan id-Direttorat, 788 każ ġew konlużi matul din l-istess sena. Mill-każijiet kollha investigati matul l-istess perjodu, instab li 520 każ kienu mħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

Il-DOB irrakkomanda lid-DSS 244 każ fejn irriżulta li ma kienx hemm osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sabiex dawn jiġu sospiżi jew riveduti skont il-każ u

sabiex kull ħlas li kien imħallas żejjed jinġabar lura. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018, id-DOB kien irċieva jew ġabar informazzjoni sħiha jew parzjali mingħand id-DSS fuq 739 każ li kienu jkopru 1,196 benefiċċju soċjali (ara t-tabella). Uħud minn dawn il-każijiet kellhom iktar minn benefiċċju wieħed li kien qed jiġi mħallas.

Mill-informazzjoni li d-DOB irċieva jew ġabar mingħand id-DSS fuq każijiet li kienu ġew investigati minnu, huwa stmat li matul is-sena 2018 ġew iffrankati €3,986,257.

| **Benefiċċji li ma kinux imħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali** | |
|---|---|
| Pensjoni tal-Invalidità | 2 |
| *Allowance* Supplimentari | 72 |
| *Allowance* tat-Tfal | 132 |
| Assistenza għall-Mard | 298 |
| Assistenza Soċjali | 278 |
| Assistenza għall-Qgħad | 49 |
| Pensjoni tal-Età | 93 |
| Assistenza Soċjali – Ġenitur Singlu | 127 |
| Assistenza Soċjali – *Carers* | 34 |
| *Allowance* għal *Carers* | 5 |
| Benefiċċju Speċjali tal-Qgħad | 2 |
| Assistenza għal Diżabilità Severa | 2 |
| Benefiċċju għall-Enerġija | 83 |
| Assistenza għall-Qgħad *Tapering* | 6 |
| Assistenza għall-Qgħad Sussidjarja | 9 |
| *In-work benefit* | 2 |
| *Senior Citizen Grant* | 2 |
| **Total** | **1196** |

Sal-aħħar tas-sena 2018, il-DOB kien għad baqagħlu 72 każ għall-investigazzjoni jew biex jiġu konklużi.

Huwa stmat li matul il-perjodu 2006 u 2018, id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, permezz tal-operat tiegħu, għen biex ġew iffrankati **€47,207,394,** Dan sar b'*Cost/Savings ratio* ta' **€8.05:€100**.

## 6. ID-DIPARTIMENT TAL-ISTANDARDS FIL-ĦARSIEN SOĊJALI

**(L-informazzjoni ta' hawn taħt tkopri l-perjodu minn l-ewwel ta' Jannar sa l-aħħar ta' Mejju 2018, meta id-Dipartiment sar Awtorità.)**

### Standards għas-servizzi residenzjali għall-Persuni b'Diżabilitá

### Nippromwovu l-Istandards

L-Uffiċċjal tal-*'Monitoring'* flimkien mal-Manager tal-istandards tad-diżabilitá fi ħdan id-dipartiment organiżżaw appuntamenti għal matul is-sena 2018. Is-sezzjonijiet ġew indirizzati fid-djar residenzjali għall-amministrazzjoni u l-istaff li jagħti s-servizz ta' kura fis-sitt Fundazzjonijiet li rreġistraw l-interess tagħhom mad-dipartiment.

### Spezzjonijiet/ġbir ta' informazzjoni dwar l-istaff data

*'Il-Welfare Standards Assessing Unit'* (WSAU) wettaq eżerċizzju biex wieħed jidditermina l-livell ta' kwalifiki/taħriġ għall-impjegati illi fil-preżent qed jaħdmu fid-djar residenzjali kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. L-assessuri tal-WSAU wettqu spezzjonijiet fejn ġabru dokumentazzjoni mis-sitt Fondazzjonijiet, liema informazzjoni nġabret skont dak li titlob l-Att tal-Protezzjoni tad-Data. Għal kull Fondazzjoni l-assessuri analiżżaw id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni miġbura skont l-Istandard numru 4 tal-Istandards Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita'.

### Eżerċizzju ta' Gap Analysis – '*Disability workforce*'

Id-Dipartiment wettqet eżerċizzju ta' 'gap analysis' fejn ġie assessjat l-eżerċizzju tal-livell ta' kwalifiki/taħriġ tax-xogħol illi l-ħaddiema kollha qegħdin jaħdmu fid-djar residenzjali għall-Persuni b'Diżabilitá. Skont ir-riżultati ta' din ir-riċerka (gap analysis), d-Dipartiment ikkordina mal-Job Plus fuq kif l-istaff li jagħti l-kura fid-Djar Residenzjali għall-Persuni b'Diżabilitá jistgħu itejjbu it-taħriġ tagħhom fil-qasam tas-settur tad-Diżabilita'. Jobplus ser joffri taħriġ u opportunitajiet ta' *'trade testing'* għall-ħaddiema.

### Abbozz ta' Standards Nazzjonali għall-Jum u Servizzi ta' kura għal Respite għal persuni b'Diżabilita'

F'kollaborazzjoni ma' MCCAA, d-Dipartiment fforma u ffaċilita grupp ta' ħidma (working group) biex wieħed jaġġorna l-istandards tal-Jum u Servizzi ta' kura għal Respite għall-Persuni b'Diżabilita'. Il-grupp ta' ħidma jinvolvi diversi stakeholders/organiżżaturi li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilita' u kif ukoll persuni bid-diżabilita'. Verżjoni iktar aġġornata ta' Standards ta' Kura ta' Jum kienet ppreżentata lill-Ministeru.

### Spezzjonijiet fuq il-Post.

Pjan ta' tnedija għall-ispezzjonijiet fuq il-post ġie mifthiem fil-bidu tas-sena 2018. Tim ta' 7 assessuri mis-settur tad-Diżabilità minn-WSAU wettqu spezzjonjiiet mal-Amministrazzjoni tad-Djar residenzjali. L-għan ta' dawn l-ispezzjonijiet kien li jiġbru informazzjoni fuq l-operat ta' kull Fondazzjoni f'konformità mal-Istandards Nazzjonali. Il-mira ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu ppreżentata l-analiżi ta' dawn ir-riżultati minn kull Fondazzjoni sa l-aħħar tas-sena 2018.

### Taħriġ, opportunitajiet u binja għall-kapaċitajiet għall-Assessuri fi ħdan DSWS

L-assessuri li jaħdmu fit-tim u fil-qasam tad-Diżabilità ngħataw diversi opportunitajiet ta' taħriġ kif ukoll esperjenza ta' job shadowing ma' regolaturi Ewropej fil-qasam tal-kura soċjali. Dan it-taħriġ kien ta' benefiċċju għat-tim sħiħ hekk kif ġew osservati u mgħallmin inizzjattivi u prattiċitajiet tajba ta' kif regolaturi Ewropej jaħdmu f'pajjiżhom. Tul dan it-taħriġ, it-tim tal-assessuri li jaħdmu fuq l-istandards tad-diżabilità fformulaw numru ta' għodda għall-assessjar f'konformita' ma' prattiċitajiet tajbin fl-Unjoni Ewropea. Dawn l-għodda ta' Assessjar (*assessments tools*) huma importanti għaliex jipprovdu proċess ta' spezzjoni b'mod strutturat (*standardized)* adottat mill-assessuri tad-Dipartiment.

***'Out of home residential childcare'***

**Reġistrazzjoni tat-tfal fid-djar residenzjali**

Ġie żvilluppat dokument tar-reġistrazzjoni għat-tfal fid-djar residenzjali kif ukoll ġew reġistrati id-djar kollha residenzjali mad-Dipartiment. L-informazzjoni kollha ġiet imniżżla fuq '*database'*. Sar ukoll kuntatt mad-diretturi tad-djar sabiex '*l-istaff files'* jiġu *'updated'* b'informazzjoni nieqsa.

**Manwal ta' Politika u Proċeduri**

Seminars ġew provduti '*lill-managers'* tad-djar dwar il-manwal tal-politika u proċeduri fuq id-djar residenzjali tat-tfal. Ġiet żviluppata għodda sabiex wieħed jirrevedi il-manwal tal-politika u proċeduri tad-djar residenzjali tat-tfal. Ma jonqosx l-iżvilupp ta' gwidi ta' operat u kif ukoll gwidi ta' politika u proċeduri tad-djar residenzjali tat-tfal. Ġie rivedut il-manwal tal-politika u proċeduri tad-djar residenzjali u ingħatat l-informazzjoni meħtieġa dwar il-manwal.

**Il-Kwalifiki tal-istaff (Standard 9)**

Id-Dipartiment żviluppa sistema ta' kodiċi għall-impjegati ta' kull dar residenzjali waqt li nġabret informazzjoni /data tad-djar residenzjali u ġiet analiżata skont l-istandard numru 9 tal-istandards nazzjonali tad-djar residenzjali għat-tfal.

**Assessjar – *'Compliance to Standards'***

Id-Dipartiment ħoloq *'checklist'* sabiex wieħed jeżamina jekk id-djar residenzjali humiex konformi mal-istandards nazzjonali tal-*'out of home care'*. Saret ukoll evalwazzjoni tat-toolkits/checklists sabiex kontinwament l-assessjar u l-moniteraġġ mid-Dipartiment ikun wieħed għall-aħjar.

**Sistema ta' Rapporti**

Kontinwament saru rapporti ta' kif il-progress fid-djar residenzjali qiegħed jiġi imwettaq filwaqt li jiġu ukoll identifikati limitazzjonijiet speċifiċi. F'dan ir-rapport ġie ukoll rrakomandat x'wieħed jista' jbiddel sabiex tittieħed l-azzjoni mixtieqa.

**L-Awtorità Ċentrali**

**Adozzjonijiet**

**Akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-adozzjoni**

Bejn 1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju 2018, l-Awtorità Ċentrali akkreditat tliet (3) aġenziji tal-adozzjoni għall-perjodu 2018-2020 sabiex dawn tal-aħħar joffru lill-ġenituri adottivi prospettivi s-servizzi relatati

mal-proċess tal-adozzjoni. Matul l-istess perjodu nbeda wkoll proċess sabiex żewġ aġenziji oħra tal-adozzjoni li l-perjodu ta' akkreditazzjoni tagħhom kien wasal biex jiskadi, jerga' jkollhom l-akkreditazzjoni tagħhom mġedda biex ikunu jistgħu jkomplu joperaw matul il-perjodu 2018-2020.

**Ko-Operazzjoni ma' Pajjiżi Terzi**

F'dak li għandu x'jaqsam ma' ko-operazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-adozzjoni, l-Awtorità Ċentrali Maltija ħadet ħsieb li jissaħħu r-relazzjonijiet eżistenti mal-Albanija, l-Indja, il-Portugal u l-Islovakkja. Intlaħaq ukoll qbil mal-Bulgarija, il-Kolombja, iċ-Ċili, il-Moldova, il-Latvja u l-Polonja.

**Talbiet Ġenerali Varji**

L-Awtoritá Ċentrali assistit numru ta' klijenti, fosthom: ġenituri adottivi prospettivi Maltin li jgħixu barra minn Malta; ġenituri adottivi prospettivi barranin li jixtiequ jadottaw minn Malta; talbiet diversi minn għand aġenziji akkreditati biex joffru servizzi ta' adozzjoni; każijiet ta' relative adoptions; talbiet minn għand il-media; u wieġbet diversi mistoqsijiet Parlamentari.

**'*Tracing of Birth Families*'**

Matul l-2018, l-Awtorità Ċentrali assistit ukoll numru ta' persuni li ġew adottati fi snin preċedenti, u li llum għandhom iżjed minn tmintax (18) –il sena, sabiex jippruvaw isibu l-ġenituri bijoloġiċi tagħhom.

**Statistika**

L-Awtorità Ċentrali ġabret minn għand l-aġenziji tal-adozzjoni l-istatistika relatata mal-istadji differenti matul il-proċess tal-adozzjoni sa Mejju 2018. Inġabret ukoll statistika simili minn għand ir-Reġistru Pubbliku.

***Fostering***

L-Awtorità Ċentrali kompliet tirregola wkoll is-servizzi offruti mill-unika aġenzija lokali li hija akkreditata biex toffri servizzi relatati ma' fostering, kemm dak ġeneriku, kif ukoll dak speċjalizzat.

**Ħtif tat-Tfal u Aċċess Trans-Konfini**

Matul l-2018, l-Awtorità Ċentrali trattat diversi każi f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħtif tat-tfal kif ukoll każijiet ta' aċċess skond il-liġijiet Internazzjonali, Ewropej, kif ukoll dawk lokali.

***Cross-Border Family Maintenance***

Matul l-2018, l-Awtorità Ċentrali trattat ukoll diversi każi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *Cross-Border Family Maintenance*. Dan il-każijiet ġew ittrattati skond kif rikjest mill-liġijiet Internazzjonali, Ewropej, u anke dawk lokali.

**Protezzjoni tat-Tfal Trans-Konfini**

Matul is-sena 2018, l-Awtorità Ċentrali rċeviet numru ta' talbiet għall-informazzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Ħajja tal-1996.

**Laqgħat f'Pajjiżi Barranin**

Uffiċjali fi ħdan l-Awtorità Ċentrali ipparteċipaw f'numru ta' laqgħat barra minn xtutna fosthom fil-*United States International Visitor Leadership Programme* kif ukoll attendew għall-*European Seminar*

- *Cooperation between the EU Member States for the purposes of solving the civil cases regarding the wrongful removal or retention of a child"* ġewwa r-Rumanija.

**Kwestjonarji u Talbiet Oħrajn**

L-Awtorità Ċentrali wieġbet għal diversi kwestjonarji u mistoqsijiet oħra mibgħuta minn entitajiet diversi, fosthom Ministeri Maltin kif ukoll barranin, Awtortajiet Ċentrali Internazzjonali kif ukoll ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-Permanent Bureau fi ħdan *il-Hague Conference on Private International Law.*

## 7. ID-DIRETTORAT ĠENERALI (POLITIKA SOĊJALI)

### Ir-rwol tad-Direttorat

Id-Direttorat Ġenerali (Politika Soċjali) jiffoka fuq diversi realtajiet soċjali sabiex dejjem jifhem aħjar il-ħtiġijiet dinamiċi tas-soċjetà f'Malta, b'mod partikolari ta' dawk il-persuni li huma l-iżjed vulnerabbli, u b'hekk ikun f'pożizzjoni li jagħraf l-oqsma li jirrikjedu prijorità, jistħarreġ dawn l-oqsma iżjed fil-fond permezz ta' riċerka, jesprimi opinjonijiet, jagħmel rakkomandazzjonijiet u jfassal *policies* u strateġiji li huma relevanti fi sfond soċjali li kontinwament qed jinbidel. Sabiex jilħaq il-miri tiegħu, id-Direttorat jaħdem mill-qrib ma' diversi Ministeri, Dipartimenti u entitajiet biex il-bżonnijiet soċjali jiġu mifhuma u indirizzati b'mod komprensiv.

### Ix-xogħol li sar matul is-sena 2018

Fid-dawl tal-impenn tiegħu biex jikkontribwixxi għal titjib fil-qasam soċjali, matul l-2018, id-Direttorat:

- impenja ruħu f'riċerka
- ħadem mill-qrib ma' Ministeri, Dipartimenti u entitajiet oħra
- ipparteċipa f'konferenzi lokali kif ukoll f'laqgħat Ewropej
- ħa sehem attiv f'kumitati u gruppi ta' ħidma
- analizza dokumenti u rapporti li jittrattaw temi ta' natura soċjali
- investa fl-iżvilupp tal-impjegati tiegħu

### Riċerka

Matul l-2018, id-Direttorat ta bidu għal riċerka dwar l-użura f'Malta kif ukoll dwar prattiċi li jagħtu spazju lit-tfal biex jipparteċipaw f'oqsma u deċiżjonijiet li jikkonċernaw lilhom. Id-Direttorat fittex ukoll li jifhem aħjar l-opinjonijiet tal-ġenituri dwar servizzi li jirċievu uliedhom minħabba xi diżabilità li għandhom. Permezz ta' din ir-riċerka, id-Direttorat ifittex li jifhem aħjar il-bżonnijiet u l-aspettativi tas-soċjetà biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod possibli.

### Xogħol ma' Ministeri, Dipartimenti u Entitajiet Oħra

Id-Direttorat issokta bil-ħidma inter-ministerjali tiegħu sabiex isegwi l-implimentazzjoni ta' *policies* nazzjonali maħruġa mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Għaldaqstant, matul l-2018 id-Direttorat kompla jissorvelja l-implimentazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali (2014-2024)*, filwaqt li beda jagħti s-sehem tiegħu fil-moniteraġġ tat-twettiq tal-*Politika Nazzjonali għat-Tfal* u ta bidu għat-twaqqif ta' struttura inter-ministerjali biex isegwi l-implimentazzjoni tal-*Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol* li ġiet mnedija f'Novembru 2018.

Rigward il-qasam tad-diżabilità, permezz tal-Kumitat Inter-ministerjali Amministrattiv fuq id-Diżabilità (*Inter-minsterial Administrative Committee on Disability - IACD*), f'isem il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, id-Direttorat kompla jaħdem mill-qrib mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kif ukoll mal-Ministeru għas-Saħħa sabiex jingħata bidu għat-twettiq ta' metodu ġdid ta' kif jiġu proġettati s-servizzi meħtieġa fil-qasam tad-diżabilità u jiġi ppjanat l-provvediment tagħhom. Fl-istess waqt, il- bord inter-ministerjali, interdixxiplinarju u professjonali (*Inter-ministerial Inter-disciplinary Professional Board on Disability - IIPBD*) kompla bil-ħidma tiegħu sabiex jiġu stabbiliti *benchmarks* bażiċi tas-servizzi diversi meħtieġa minn tipi ta' diżabilità differenti.

Bħas-snin preċedenti, id-Direttorat kompla jaħdem ukoll mill-qrib mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika sabiex dejjem isejjes ir-rapporti u r-rakkommandazzjonijiet tiegħu fuq statistika aġġornata.

Minbarra l-kollaborazzjoni inter-ministerjali, id-Direttorat ħadem ukoll fuq livell intra-ministerjali fejn permezz ta' kollaborazzjoni ma' dipartimenti u entitajiet oħra fi ħdan il-Ministeru għall -Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, ikkoordina l-kumpilazzjoni ta' miżuri ġodda biex jiġu inklużi fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2018 kif ukoll biex jaġġorna ruħu dwar l-progress milħuq minn miżuri eżistenti.

**Konferenzi Lokali u Fora Ewropej**

Sabiex iżomm ruħu aġġornat ma żviluppi u realtajiet ġodda fil-qasam soċjali kif ukoll jagħti l-kontribut tiegħu f'diskussjonijiet li jittrattaw titjib għas-soċjetà kollha iżda b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, matul l-2018 id-Direttorat attenda u ħa sehem f'diversi *seminars* u konferenzi nazzjonali organizzati, fost oħrajn, mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, mill-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, mill-Forum kontra l-Faqar, mill-Fondazzjoni Richmond, mill-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta, mill-Aġenzija Żgħażagħ, minn Dar Kenn għal Saħħtek, mill-Fondazzjoni Karl Vella, mill-Kummissjoni Vjolenza Domestika u mill-*Guardian for Future Generations*.

Fuq livell Ewropew, id-Direttorat, f'isem il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, issokta bil-ħidma tiegħu fuq l-*Indicators Sub Group* (ISG) u fuq il-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali (*Social Protection Committee - SPC*). Minbarra li ħa ħsieb il-koordinament inter-ministerjali u inter-dipartimentali ta' ġbir ta' informazzjoni nazzjonali mitluba minn dawn iż-żewġ strutturi ewropej, id-Direttorat regolarment attenda u ipparteċipa fis-sessjonijiet rispettivi. Minbarra l-impenn tiegħu f'dawn l-istrutturi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttorat ħa sehem ukoll fit-tielet Konferenza annwali dwar *Inclusive Growth* li saret fi Brussel kif ukoll f'*Peer Review* li sar fil-Kroazja fejn ġew diskussi ż-żgħażagħ b'diżabilità. Il-parteċipazzjoni tad-Direttorat f'dawn l-istrutturi u konferenzi Ewropej jipprovdulna l-opportunità li naqsmu u niddiskutu esperjenzi tagħna filwaqt li nitgħallmu minn dawk ta' pajjiżi oħra.

**Kumitati u Gruppi ta' Ħidma**

Id-Direttorat jirrikonoxxi l-fatt li l-qasam tal-politika soċjali huwa vast, kumpless u dinamiku u għaldaqstant jagħraf u jifhem l-importanza li jagħmel parti minn kumitati u gruppi mwaqqfa minn Ministeri oħrajn. Fil-fatt, matul is-sena 2018, id-Direttorat irrappreżenta lill-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali fuq *l-Advisory Council on Healthy Lifestyles u* fuq il-grupp inter-ministerjali li qed jaħdem biex titwaqqaf pjattaforma nazzjonali biex tindirizza is- *social determinants of health*, it-tnejn koordinati mill-Ministeru għas-Saħħa, kif ukoll fuq l-*Autism Advisory Council* ko-ordinat mill-Ministeru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u fuq l-grupp ta' ħidma bejn il-Ministeru għall-Familja u l-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà li qed jaħdem biex tiġi implimentata l-għodda *Child Participation Assessment Tool* (CPAT), żviluppata mill-Kunsill tal-Ewropa sabiex tkejjel l-parteċipazzjoni tat-tfal fis-soċjetà.

Minbarra l-impenn tiegħu f'dawn il-Kumitati u gruppi ta' ħidma, id-Direttorat dejjem attenda u pparteċipa f'laqgħat li jġibu flimkien l-kapijiet tad-diversi dipartimenti u direttorati fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Dawn il-laqgħat jgħinu biex ikun hemm għarfien aħjar tal-miri milħuqa u tal-isfidi li għad iridu jiġu indirizzati u għaldaqstant jikkontribwixxu għal titjib soċjali fl-aħjar interess ta' kulħadd, l-aktar ta' dawk meqjusa bħala l-iżjed vulnerabbli.

**Analiżi ta' Dokumenti u Rapporti**

Matul l-2018, id-Direttorat kompla jipprovdi diversi analiżijiet u reazzjonijiet għal dokumenti nazzjonali, Ewropej u internazzjonali li direttament jew indirettament jittrattaw temi ta' natura soċjali. Permezz ta' dan il-kontribut, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali kellu l-opportunità li jesprimi l-veduti tiegħu dwar diversi oqsma soċjali kif ukoll ikkontribwixxa għat-tfassil ta' opinjonijet u tħejjija ta' *policies* u strateġiji kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll fuq dak Ewropew u internazzjonali.

**Żvilupp tal-Impjegati**

Id-Direttorat dejjem għaraf li r-riżorsa ewlenija tiegħu hija l-impjegati li bl-istudju u l-impenn tagħhom jikkontribwixxu lejn titjib fil-qasam tal-politika soċjali. F'soċjetà dinamika huwa importanti ferm li din ir-riżorsa umana tingħata kull opportunità biex iżżomm ruħha aġġornata fil-kapaċitajiet neċessarji sabiex tkun tista' tibqa' tagħti sehem effiċjenti u effettiv. Għaldaqstant, l-impjegati ġew mgħarrfa, mħeġġa u megħjuna biex isegwu korsijiet *post-graduate* relatati mal-qasam soċjali u jattendu diversi laqgħat, konferenzi, *seminars* u taħriġ, kemm f'Malta u barra minn Malta, li jitrattaw diversi temi soċjali kif ukoll temi tekniċi u amministrattivi. Minbarra li permezz ta' dawn l-opportunitajiet l-impjegati jakkwistaw iżjed tagħrif dwar suġġetti varji, huma jirnexxilhom ukoll jiltaqgħu ma nies oħra b'responsabbilitajiet u interessi simili u b'hekk jiffurmaw *networks* li sussegwentement tant jgħinuhom fix-xogħol tagħhom.

**Inħarsu 'l quddiem**

Id-Direttorat huwa impenjat li jżomm ruħu aġġornat mal-bżonnijiet u r-realtajiet li dejjem qed jevolvu f'soċjetà dinamika sabiex b'hekk ikun jista' jagħraf il-prijoritajiet attwali, ikompli jipprovdi opinjonijiet tekniċi relevanti u jiżviluppa *policies* u strateġiji li effetivament jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali attwali.

## 8. DIRETTORAT GĦALL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI

### Introduzzjoni

Fl-2018, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi kien fdat bil-kompitu li jikkordina r-rispons tal-Ministeru fl-Unjoni Ewropea u fil-fora internazzjonali oħra, kif ukoll biex jikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika fir-rigward ta' materji li għandhom x'jaqsmu mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali. Barra minn hekk, id-Direttorat ikkordina il-parteċipazzjoni ta' uffiċjali tal-Ministeru f'konferenzi varji, laqgħat, u avvenimenti oħra, li seħħew barra mill-pajjiż.

Id-Direttorat jinkorpora wkoll fi ħdanu l-Implimentazzjoni tal-Programmi. Dan primarjament jinvolvi l-kordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea u programmi u inizjattivi oħra, filwaqt li jikkordina wkoll ma' partijiet interessati oħra biex jiżgura implimentazzjoni bla xkiel ta' dawn il-proġetti u l-inizjattivi.

### Affarijiet tal-Unjoni Ewropea

Bħal fis-snin ta' qabel, id-Direttorat abbozza jew ikkordina l-abbozzar ta' pożizzjonijiet tal-Ministeru, kif ukoll noti ta' interventi għal-laqgħat tal-Unjoni Ewropea. Dan id-Direttorat ipprepara memorandum ta' spjegazzjoni rigward il-pożizzjoni tal-Gvern dwar miżuri ta' kontinġenza fl-ambitu tal-kordinazzjoni tas-sigurta soċjali fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Ta' min jgħid ukoll li l-Ministeru kkontribwixxa wkoll għall-abbozzar ta' diversi memoranda ta' spjegazzjoni mħejjija minn Ministeri oħra u li għalihom il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali kien nominat bħala Ministeru parteċipant.

Barra minn hekk, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni ta-Programmi mmonitorja l-iżviluppi u pprovda l-fehmiet tiegħu rigward l-kontribut ta' Malta lejn id-diskussjonijiet tas-Semestru Ewropew. Id-Direttorat ikkordina wkoll ir-rispons tal-Ministeru fir-rigward tal-formulazzjoni tal-pożizzjoni ta' Malta għal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru fl-2018.

Matul l-2018, id-Direttur (Żvilupp tal-Politika u l-Programm ta' Implimentazzjoni) ħa sehem f'laqgħat li saru fi Brussel relatati ma' xogħol ieħor tal-Unjoni Ewropea li kien jolqot b'mod partikulari lill-Ministeru, Uffiċjali mid-Direttorat, fil-kapaċità tagħhom ta' membri jew membri alternattivi nominati minn Malta, attendew regolarment laqgħat tal-Unjoni Ewropea tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), u l-Grupp/Kumitat tal-Esperti tal-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD).

Xogħol ieħor li twettaq matul l-2018 kien l-aġġornament tar-Regulatory Database fejn jidħlu rogalamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea u li jippartjenu lil Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, kif ukoll l-akkreditazzjoni ta' uffiċċjali tal-Ministeru ghal laqgħat tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

### Affarijiet Internazzjonali

Fl-2018, id-Direttorat ikkoordina ukoll ir-rispons tal-Ministeru għat-talbiet għall-informazzjoni mibgħuta mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ dwar diversi Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll istituzzjonijiet internazzjonali oħra li tagħhom Malta hija Stat Membru, bħall-Commonwealth u l-Kunsill tal-Ewropa, u li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet soċjali, bħad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali, servizzi ta' ħarsien soċjali, diżabilità, id-drittijiet tat-tfal, kwistjonijiet tal-familja, it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Id-Direttorat ipprovda wkoll ir-rispons tiegħu lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ dwar avvenimenti li għalihom jattendu rappreżentanti ta' dan Ministeru. Barra minn hekk, id-Direttorat ipprovda l-appoġġ tiegħu fir-rigward ta' diskussjonijiet bilaterali li saru ma' pajjiżi terzi.

Ħidma oħra importanti li wettaq id-Direttorat matul it-tieni parti tas-sena kienet tirrigwardja kwestjonarju rigward il-miżuri li ħa pajjiżna sabiex jelimina l-vjolenza fuq it-tfal. Il-Ministeru permezz tal-istess Direttorat qiegħed jipparteċipa u jgħin fil-koordinazzjoni taċ-'Child Participation Assessment Tool'.

**Żvilupp tal-Politika**

Matul l-2018, it-taqsima tal-iżvilupp tal-politika fi ħdan id-Direttorat ikkordinat ir-rispons tal-Ministeru lejn il-monitoraġġ ta' miżuri inklużi fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' Malta fir-rigward tal-mira nazzjonali għall-Inklużjoni Soċjali u t-Tnaqqis tal-Faqar kif ukoll aġġornamenti ta' rappurtaġġ fuq rakkomandazzjoni speċifiċi għall-pajjiż (CSRs).

**L-Implimentazzjoni tal-Programmi**

Matul l-2018, it-taqsima tal-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan id-Direttorat kompliet bil-ħidma tagħha fejn għandhom x'jaqsmu s-sottomissjoni ta' applikazzjonjiet għal proġetti ko-finanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Din il-ħidma kienet tikkonsisti f'tixrid ta' informazzjoni, sapport u għajnuna teknika meħtieġa, lid-dipartimenti u entitajiet konċernati. Fl-istess waqt, 'grant agreement' ġie iffirmat rigward proġett li se jkun iffinanzjat minn 'EEA/Norway funds'.

L-istess taqsima ħadmet ukoll dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), strument ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea stabbilit għall-perjodu 2014-2020, bl-għan li b'mod esklussiv tagħti appoġġ lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' assistenza materjali. Fil-fatt, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali hija l-entità intermedjarja fdata bil-kompitu li timplimenta dan l-programm f'Malta. Permezz tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), l-organizzazzjoni msieħba biex tieħu ħsieb it-tqassim tal-kaxxi tal-ikel madwar Malta u Għawdex, matul is-sena li għaddiet kompla t-tqassim ta' dan l-ikel lil dawk il-familji eliġibbli li jibbenfikaw minn dan il-programm. It-tqassim sar fi tlett darbiet u minnu bbenefikaw 3686 familja li jikkomprendu 13282 persuna.

**Materji Oħra**

Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi huwa responsabbli li jissorvelja l-progress li jkun qed isir fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-baġit li jappertjenu lill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għall-istess sena. Dan seta jsir permezz tal-kumpilazzjoni ta' aġġornamenti kull xahar ippreparati wara konsultazzjoni mwettqa mad-dipartimenti u l-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri rispettivi.

## 9. DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ

Matul l-2018 id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità kompla jevolvi u jimmodernizza s-sistemi sabiex ikun f'pożizzjoni li jindirizza l-isfidi relatati mat-tibdil demografiku u t-tibdil soċjali. Dan filwaqt li jippromwovi anzjanità attiva u l-kwalità mtejba tal-ħajja għall-persuni anzjani.

L-istatistika turi biċ-ċar li l-poplu Malti qed igħix iktar, b'dan is-suċċess jissarraf ukoll f'żieda fl-ammont ta' persuni li jeħtieġu forom differenti ta' appoġġ, kura u servizzi. Fl-istess waqt din is-sitwazzjoni tirrappreżenta opportunità li d-dipartiment jesplora mudelli u servizzi innovattivi li bihom nipprovdu kura u benefiċċji lil dawk li verament għandhom bżonn. Servizzi stabbiliti u tradizzjonali ġew imġedda u msaħħa, kif ukoll oħrajn ġodda ġew miżjuda biex b'hekk saret qabża fl-għażla u kwalita' tas-servizz offrut lill-anzjan u lil dawk ta' madwaru. Dan kollu kien possibbli bil-ħila, dedikazzjoni u impenn tal-impjegati tad-dipartiment u ta' għadd ta' persuni oħra li għandhom dan is-settur għal-qalbhom.

Diversi inizjattivi ntlaħqu matul l-2018, li jinkludu:-

- Żieda fl-ispiża, karigi ġodda, operat ġdid, pjanar għal riforma sħiħa fil-mod kif jinagħtaw servizzi fit-tul;
- Żieda fin-numru ta' sodod residenzjali fi djar fil-komunità għal 2,307 sodda sa' Diċembru;
- Migrazzjoni tad-Dipartiment fil-binja ġdida
- Ġiet finalizzata għodda ġdida msemmija 'Home Profiling Qaulity Matrix' biex jitkejjel il-livell ta' servizzi pprovdut ġewwa d-djar li joffru kura residenzjali

### Amministrazzjoni

### Finanzi

Matul is-sena 2018, din it-taqsima kompliet tipproċessa l-ħlasijiet tat-taqsimiet kollha tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità, inkluż ir-residenza ta' San Vinċenz de Paul. Barra mill-ipproċessar tal-pagamenti, it-taqsima kienet ukoll responsabbli għall-ħruġ tal-ordnijiet kollha tax-xiri lill-partijiet terzi għall-akkwisti kollha meħtieġa. L-uniċi ordnijiet ta' xiri li ma kinux maħruġa minn din it-taqsima kienu relatati mall-proġetti kapitali f' SVPR.

Matul din is-sena, bdejna l-proċessi biex immexxu l-kontabilità kollha lit-taqsima l-ġdida tal-Kontijiet f'SVPR. Dan kien jinkludi kemm il-ħruġ tal-ordnijiet tax-xiri kif ukoll il-ħlasijiet. Sa tmiem din is-sena, il-proċessi kollha ngħataw lil SVPR. L-allokazzjoni tal-baġit fid-DAS għall-2019 ġiet separata f'żewġ voti differenti.

Matul is-sena l-oħra, il-verifika tal-fatturi rigward l-okkupanza fi djar privati bdiet titwettaq mis-sezzjoni tal-kontijiet ukoll.

Hawn taħt huwa sommarju tal-allokazzjoni tal-baġit għall-2018 u kwalunkwe reviżjoni mwettqa matul is-sena biex tirrifletti fondi addizzjonali mogħtija kemm mill-MFIN, mill-MFSS u internament. Dawn kienu prinċipalment f' Item 30 - Servizzi Kuntrattwali u Item 5029 - Djar Privati tal-Kura Residenzjali. Kien hemm ukoll fondi addizzjonali fit-Taqsima tal-Emolumenti Personali biex jirriflettu fondi insuffiċjenti fl-overtime u l-allowances. Finanzjament addizzjonali mill-MFIN intuża biex jipproċessa ħlasijiet għal materjali operattivi u tiswijiet, prinċipalment fir-rigward tar-Residenza ta' San Vinċenz de Paul.

**Rapport dwar Finanzi 2018**

| | Attwali | Baġit Rivedut | Fondi Miżjuda |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Personal Emoluments | € 45,246,000 | € 47,246,000 | € 2,000,000 |
| Operational & Maintenance | € 27,934,000 | € 37,834,000 | € 9,900,000 |
| Programmes & Initiatives | € 36,939,000 | € 44,189,000 | € 7,250,000 |
| **TOTAL** | **€ 110,119,000** | **€ 129,269,000** | **€ 19,150,000** |

**Sezzjoni Xiri**

Dmirijiet

- Immaniġjar kif suppost ta' attivitajiet ta' xiri fid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, b' sistemi u proċeduri li jassiguraw il-provvista fil-ħin u effettiva ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi neċessarji fit-twettiq b'suċċess tal-ħidma tad-Dipartiment li jinkludi wkoll Ċentri ta' Matul il-Jum (21) u Djar Residenzjali tal-Anzjani (4). Dawn l-attivitajiet ta' xiri u mmaniġjar ta' faċilitajiet jiġu mwettqa skont ir-regolamenti finanzjarji pubbliċi u dawk ta' xiri u akkwist pubbliku, il-linji gwida u Procurment Policy Notes maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kif ukoll skont il-gwidi ekoloġiċi.
- Titħaddem u tiġi amministrata s-sistema tal-epps li tintuża għax-xiri onlajn u tiġi pprovduta assistenza matul iċ-ċiklu tax-xiri lin-nies nominati fuq il-bordijiet tal-evalwazzjoni.
- Tassisti lid-Dipartiment u l-Awtoritajiet tal-Kuntratti fil-preparazzjoni tal-proċessi neċessarji kollha għall-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti u tassisti biex tiċċara u twieġeb għall-mistoqsijiet li jistgħu jinqalgħu waqt il-perjodu tas-sejħa tal-offerti u l-perjodu tal-evalwazzjoni.
- Parteċipazzjoni f'laqgħat organizzati mid-dipartiment fuq bażi regolari fejn jingħata rendikont tal-attivatijiet tax-xiri li jkunu qed isiru jew li huma ppjanati għall-futur.
- Tmexxija u kordinament ta' bordijiet tal-evalwazzjoni, rwol ta' Segretarju tal-Kumitat għas-sejħiet li jkunu ħarġu, kif ukoll jinkitbu r-rapporti wara li tkun saret l-evalwazzjoni.
- Jimtlew rapporti, procurement returns u statistika ewropea li tiġi rċevuta mingħand il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali rigward sejħiet għall-kwotazzjonijiet u sejħiet għall-offerti li jkunu saru: kemm dawk iffinanzjati lokalment kif ukoll mill-Unjoni Ewopea.
- Jimtela u jintbagħat rapport fil-ġimgħa lill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali rigward is-sejħiet għall-offerti li jkunu se jiġu ppublikati dik il-ġimgħa.

Rendikont ta' xiri li sar matul is-sena 2018

| Proċeduri ta' Xiri | Stadju | Nru. ta' files | Stima mingħajr Vat miżjud | Spiża mingħajr Vat miżjud |
|---|---|---|---|---|
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet bl-epps | Ippubblikati | 74 | €540,236.80 | - |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar tal-2018 | 5 | €40,800.00 | - |
| | Fi stadju ta' publikazzjoni sal-aħħar tal-2018 | 2 | €20,000.00 | - |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2018 u ġew mogħtija fl-2018 | 44 | €314,701.80 | €228,097.76 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2018 | 5 | €47,550.00 | €42,634.63 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2018 | 1 | €3,678.00 | €1,510.30 |
| | Kanċellati | 23 | €164,735.00 | - |
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet bl-ittri | Ippubblikati | 87 | €116,458.82 | - |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar tal-2018 | 1 | €50.00 | - |
| | Fi stadju ta' publikazzjoni sal-aħħar tal-2018 | - | - | - |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2018 u ġew mogħtija fl-2018 | 66 | €90,477.04 | €68,322.93 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2018 | 2 | €5,000.00 | €5,000.00 |
| | Kanċellati | 20 | €25,931.78 | - |
| Sejħiet għall-offerti (dipartimentali) bl-epps | Ippubblikati | 4 | €322,849.60 | - |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar tal-2018 | 1 | €249,849.60 | - |
| | Fi stadju ta' perjodu ta' oġġezzjoni | - | - | - |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Tenders għand l-MPU għall-assessjar u publikazzjoni | 1 | €16,800.00 | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2018 u ġew mogħtija fl-2018 | 2 | €60,000.00 | €47,149.30 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2018 | 2 | €254,675.35 | €235,534.86 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2018 | 1 | €13,500.00 | €17,189.20 |
| | Kanċellati | 1 | €13,000.00 | - |
| Sejħiet għall-offerti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti | Ippubblikati | 1 | €4,173,658.29 | - |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-<br>aħħar tal-2018 | 1 | - | - |
| | Tenders għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-assessjar u publikazzjoni | 1 | €422,373.96 | - |
| Espressoni ta' Interess | Ippubblikati | 7 | - | - |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2018 u mogħtija fl-2018 | 3 | €274,335.60 | €346,380 |
| | Kanċellati | 4 | €200,150.00 | - |
| Direct Orders mingħajr sejħa għall-offerti | | 10 | - | €616,828.80 |
| Negotiated Procedure mingħajr notifika | | 7 | - | €16,627,197.52 |
| Talba għal-LPOs/Letter of Acceptance | 533 | | | €345,745.95 |
| Kitba ta' Kuntratti | 64 | | | €6,447,910.47 |
| Service Agreements | 3 | | | €17,390.00 |
| Addendums ta' Kuntratti | 9 | | | €1,556,250.99 |
| Evalwazzjonijiet | Laqgħat | 80 | | |

| | | |
|---|---|---|
| | Kitba ta' rapporti | 117 |

**Sezzjoni tar-Riżorsi Umani**

Matul is-sena 2018, is-sezzjoni tar-Riżorżi Umani ġiet immexxija minn HR Manager, wara li dan il-post kien ilu vakanti għal ftit aktar minn sena. B' hekk, ix-xogħol li għandu x'jaqsam ma' dixxiplina, sejħiet, u HR Plans, fost xogħol amministrattiv ieħor, għadda mill-ewwel għand l-HR Manager.

Fost is-sejħiet li ħareġ id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, nsibu dawk għall-Senior Nursing Manager, Charge Nurses, Junior Legal Officer, Practice Nurse (Speċjalitajiet Varji), u Supervisors. Apparti minn hekk, ġew ipproċessati appuntamenti, promozzjonijiet, talbiet għall-transferimenti, proċeduri dixxiplinarji, diversi applikazzjonijiet għall-leave speċjali u applikazzjonijiet għall-miżuri favur il-familja fost oħrajn.

Għall-aħħar ta' din is-sena, preċiżament fit-22 ta' Novembru, 2018, ġie ffirmat l-ftehim settorjali bejn il-Gvern ta' Malta u l-MUMN rigward l-infermiera u l-qwiebel li huma mpjegati mal-Gvern. Dan il-ftehim kien jinvolvi diversi laqgħat u xogħol intensiv f'ħin qasir li kien ta' sfida kbira għal din is-sezzjoni. Ix-xogħol relatat ma' dan il-ftehim tlesta kollu fil-ħin minkejja l-pressjoni ta' xogħol ieħor li taffaċja din is-sezzjoni ta' kuljum bħal għoti ta' nformazzjoni għal diversi mistoqsijiet parlamentari u rapporti oħrajn.

Fl-aħħar tal-2018, id-dipartiment kellu 147 impjegat raġel u 457 impjegat mara li jammontaw għall- total ta' 604 impjegat. Dawn il-ħaddiema tħallsu skont ma jistipulaw il-ftehim kollettivi rispettivi tagħhom fejn jidħlu salarji, premiums, allowance, eċċ. Ġew proċessati 4 każijiet serji ta' dixxiplina u każ wieħed kriminali. Apparti minn hekk, ġie proċessat xogħol ieħor relatat mar-Riżorsi Umani kif indikat fit-tabella t'hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Appointments | 56 |
| Progressions | 18 |
| Re-employed | 3 |
| Trasferimenti Interni | 16 |
| Trasferimenti barra mid-Dipartment | 22 |
| Irtirar | 8 |
| Riżenji | 8 |
| Medically Boarded Out | 2 |

Fl-2018, ġew proċessati 172 applikazzjoni għall-bilanċ bejn xogħol u l-familja li kienu maqsuma skont it-tabella t'hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Cultural leave | 1 |
| Parental leave | 4 |
| Maternity leave | 9 |
| Career break | 3 |
| Marriage leave | 2 |
| Paid leave to work with Trade Union | 1 |
| Flexi-time | 3 |
| Unpaid leave for Study Leave | 2 |
| Reduced hours | 91 |
| Telework | 52 |
| Alternative Employment | 2 |
| Responsibilty Leave | 2 |

**Salarji**

Wara li ntlaħaq ftehim bejn il-Gvern u l-Unions dwar il-Ftehim Kollettiv għall-Impjegati tas-Settur Pubbliku, kull impjegat tad-Dipartiment ingħata żieda fis-salarju skont il-grad tiegħu.

Ir-Ration Money jiġi mħallas fi Frar ta' kull sena. Infermiera li jaħdmu xift ta' bil-lejl tħallsu l-ammont mhux taxxabbli ta' 0.93 Euro kull lejl filwaqt li l-Health Assistants u n-Nursing Aides thallsu 0.41 Euro.

F'Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru tħallas in-Nursing Premium lill-infermiera kollha skond il-ftehim settorali bejn il-gvern u l-MUMN ta' l-2013.

L-Allied Health Profession Allowance ġiet mħallsa f'Jannar, April, Lulju u Ottubru lill-impjegati tal-Allied Health. Hekk ukoll sar fir-rigward tal-btajjel pubbliċi li ġew imħallsa fl-istess perjodu lill-impjegati kollha li jaħdmu bix-xift.

F'Mejju u Novembru nħareġ il-Management Allowance u t-Training Allowance liċ-Charge Nurses, lid-Deputy Charge Nurses u lill-Practice Nurses rispettivament, filwaqt li f'Ġunju u Diċembru l-E.N. Allowance tħallas lill-Enrolled Nurses.

Il-Food Allowance jiġi maħdum u mħallas kull tliet xhur lill-impjegati tas-Sezzjoni tal-Commcare kif ukoll lil dawk tad-Dar tal-Anzjani tal-Mellieħa.

Fl-aħħar paga ta' Diċembru tħallas ghall-ewwel darba il-Management Allowance liċ-Charge Nurses, lill-Practice/Senior Practice Nurses, lis-Senior Nursing Managers u liċ-Chief Nursing Manager skond il-ftehim Sektorali l-ġdid bejn il-gvern u l-MUMN.

Bħal kull sena, skont il-proċeduri tad-Dipartiment tat-Teżor, f'Jannar, April, Lulju u Ottubru inħarġu l-increments għal dawk l-impjegati li jkun imisshom żieda fil-paga.

F'Marzu u Settembru tħallas l-Income Supplement, filwaqt li f'Ġunju u Diċembru tħallas il-Bonus.

L-estimi ġew ikkalkulati f'Ottubru sabiex ikun assigurat li jkun hemm fondi biżżejjed għall-pagi ta' l-aħħar tliet xhur.

Kull xahar isiru emendi fil-pagi tal-impjegati skont kif jiġu rappurtati mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani. Dawn jiġu mgħoddija lis-Sezzjoni tas-Salarji t'Għawdex permezz ta' Form A fejn ikun jista' jsir tibdil fil-paga bażika. Emendi oħra jsiru minn din is-Sezzjoni u mdaħħla fl-EPS.

**Sezzjoni Kontribuzzjonijiet**

Is-sezzjoni tal-kontribuzzjonijiet taħdem ir-rati li r-residenti li jgħixu f'xi dar tal-anzjani jew li jagħmlu użu minn sodda tal-gvern f'dar privata ikunu jridu jħallsu. Ir rati jinħadmu skont kif regolat fl-avviż legali 259/2004. Il-klijenti tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità huma meqjusa bħala klijenti ta' livel 1, jiġifieri mhux ta' dipendenza għolja u jħallsu 60 fil-mija tad-dħul kollhu tagħhom. Meta persuna tikwalifika biex tidħol f'wahda mid djar tal-gvern jew għal sodda li taqa taħt l-iskema PPP (Private Public Partnership) is-sezzjoni tirċievi l-applikazzjoni u jiskatta l-proċess biex tinħadem ir-rata ta' ħlas. Meta jinħadem il-kont tintbaghat kopja lill-klijent u jiġi nfurmat id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jieħu ħsieb li jibda jsir it-tnaqqis meħtieġ mill-penzjoni tal-persuna. F'każijiet fejn ir-rata ta' ħlas tkun għola mir-rata tal-penzjoni jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex il-klijent ikun jistà jħallas l-ammont dovut lill Welfare Committee. Kull sena ssir reviżjoni tal-kont ta' kull resident u r-rata tinħadem mill-ġdid wara li l-anzjani jkunu mlew dikkjarazzjoni tad-dħul tas- sena ta' qabel li tkun intbgħatet lilhom mid-dipartiment fil-bidu tas-sena.

Fil-preżent jinħadmu l-kontijiet ta' madwar 2384 resident li għandna mferxin fi 22 dar madwar Malta. Għawdex hemm dar waħda li hija dar San Lawrenz u l-kontribuzzjonijiet tar-residenti ta' din id-dar jinħadmu Għawdex stess.

Totali għas sena 2018

- Total ta' residenti ġodda: 645
- Total ta' residenti li ħarġu minn jeddhom minn dar tal-gvern: 40
- Total ta' residenti li ċċaqilqu minn dar għal oħra: 68
- Total ta' residenti li mietu: 368
- Każijiet li nħadmu ġodda u riveduti: 4944
- Mistoqsijiet/emejls: 2700
- Klijenti li ġew personali l-uffiċju: 764
- Telfonati: 2013
- Fajls pendenti fl-aħħar tas-sena 2018: 80

Lista ta' djar u numru ta' residenti sa Diċembru 2018:

| Dar | Numru ta' Residenti |
|---|---|
| Holy family Home | 42 |
| Casa Leone | 62 |

| | |
|---|---|
| Central Home | 101 |
| Casa San Paolo | 197 |
| Mtarfa Home | 121 |
| Zejtun Home | 229 |
| Roseville | 96 |
| Casa Serena | 94 |
| Cospicua Home | 134 |
| Villa Messina | 147 |
| Zammit Clapp | 129 |
| Casa Arkati | 141 |
| Floriana Home | 46 |
| Saura Home | 40 |
| Mellieħa Home | 181 |
| Casa Francesco | 52 |
| Mosta Home | 69 |
| St Elizabeth Home | 199 |
| Msida Home | 66 |
| Dar Sant’ Antnin | 33 |
| Casa Paola | 110 |
| Residenza San Gużepp | 96 |

| | |
|---|---|
| Dar San Lawrenz Ghawdex | 40 |

**Saħħa u Sigurtà**

**Skop**

L-għan ewlieni tal-uffiċjal tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol hu li tiġi promossa kultura posittiva kif ukoll sistema maniġerjali sikura (safe system of work); dan sabiex tiġi assigurata s-saħħa tal-impjegat u ta' dawk kollha li jistgħu jiġu affetwati bl-attività tax-xogħol. Ovvjament, dan kollu jissarraf f'benefiċċji – kemm mil-lat uman (inqas inċidenti) kif ukoll mil-lat finanzjarju (reputazzjoni, multi, waqfien mix-xogħol eċċ).

Sommarju tax-xogħol li sar matul is-sena 2018

- Diskussjonijiet estensivi li servew sabiex jiġu stabbiliti l-miri tad-Dipartiment.
- Evalwazzjoni tar-riskju (risk assessment): Flimkien mar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-post / settur, saru evalwazzjonijiet tar-riskju fiċ-ċentri ta' matul il-jum, preċiżament ġewwa: B'Buġia, Birkirkara, Ħal-Luqa, Ħal-Qormi, Siġġiewi, Sliema, Santa Lucia, Santa Venera, Żejtun u Żurrieq.
- Taħdidiet / spezzjonar ma' maniġment u / jew rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà ġewwa l-post tax-xogħol, bħal: Djar ta' l-anzjani ġewwa l-Furjana, Mtarfa, Mellieħa u Mosta. Postijiet oħra bħal - Ċentru Servizz Anzjan u s-Sezzjoni tal-Handyman. Ċentri ta' matul il-jum bħal: Santa Venera, Ħamrun, Naxxar, Luqa, Qormi, Siġġiewi u Żurrieq.
- Taħriġ lin-nies fuq prevenzjoni u tifi tan-nar. Dan it-taħriġ qiegħed jiġi mogħti mit-taqsima tal-Protezzjoni Ċivili. Saru b'kollox erbatax (14) il-sezzjoni ta' taħrig, ġewwa CPD Ta' Kandja.
- Eżerċizzju ta' evakwazzjoni ġo kull dar tal-anzjani. Saru wkoll laqgħat jiem qabel bħala taħriġ.
- Laqgħat mal-konsulent tal-prevenzzjoni tan-nar flimkien ma' sessjonijiet oħra fid-Dipariment sabiex jiġu stabbiliti miri u kjarifiċi. Laqgħat mal-konsulenti sabiex isiru evalwazzjoni tar-riskju tan-nar fil-bini Amministrattiv tad-Dipartiment ġewwa Ħal-Qormi.
- Diversi laqgħat oħra bħal: diskussjoni sabiex jiġi organizzat taħriġ ieħor għal maniġment fuq saħħa w sigurtà. Laqgħat mal-maniġment fejn ġie diskuss is-saħħa w sigurtà. Laqgħa rigwardanti proċedura ta' prevenzjoni mill-inċidenti ikkaġunati minn 'injezzjoniet' (needle stick injuries).
- Iltaqgħu l-kumitati tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; kemm dak intern tal-maniġment u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, kif ukoll dak estern tal-maniġment u unions tal-ħaddiema.
- Programm ta' prevenzjoni mill-inċidenti relatati mill-irfigħ manwali: Taħriġ lill-ħaddiema rigward irfigħ manwali u introduzzjoni fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Saru b'kollox tnax (12) is-sessjoni ġewwa d-dar ta' l-anzjani Mtarfa. Dan it-taħrig sar b'mod konġunt ma' sezzjonijiet oħra fid-dipartiment. Il- 'cleaners' ġew provduti b'żewġ karrijiet erġonomiċi.
- Taħrig: Evalwazzjoni tar-riskju u saħħa w sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Is-Social Workers ingħataw dan it-taħriġ kif ukoll ġiet introdotta u spjegata r-risk assessment tool. Il-ħaddiema ġewwa ċ-Ċentru Servizz Anzjan ingħatalhom taħriġ rigwardanti saħħa w sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan wassal sabiex il-ħaddiema setgħu jagħżlu rappreżentant tas-saħħa w sigurtà minn fosthom. Fuq proposta sabiex il-ħaddiema tal-Handyman jingħatalhom taħrig tekniku, saret laqgħa mal-maniġment tal- MCAST.
- Ġiet introdotta s-sistema ta' evalwazzjoni tar-riskju ta' nisa tqal, hekk kif tistipola l-liġi. Saru b'kollox żewg (2) evalwazzjonijiet tar-riskju.

- Parteċipazzjoni fuq bordijiet tal-għażla.
- Sar eżerċizzju tar-riskju rigwardanti r-raġġi 'U.V'. Dan wassal sabiex tqassmet krema protettiva.
- Prevenzzjoni minn waqgħat mill-għoli: ġew mixtrija slielen ġodda f'kull dar tal-anzjani u ċentri ta' matul il-jum.
- Inċidenti fuq il-post tax-xogħol (Occupational Accidents): Seħħew tlett (3) incidenti fuq il-post tax-xogħol kif muri hawn taħt.

| Tip ta' Inċident | Ammont | Azzjoni |
|---|---|---|
| Injections (needle stick injury) | 2 | Ġew sottomessi rapporti (needle stick injury prevention). |
| Agressjoni minn Anzjani | 1 | Diskussjoni mill-maniġment ikkonċernat mal-Anzjani. |

**Proġetti u Mmaniġjar ta' Propjetà**

Din is-sezzjoni ġiet imwaqfa f'April tal-2018 fejn fiha tiġbor diversi servizzi fosthom is-Sezzjoni tal-Handyman kif ukoll ħaddiema oħra li jaħdmu fuq proġetti tad-djar tal-anzjani kif ukoll fuq iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum. B'kollox din is-sezzjoni tikkonsisti fi sbatax-il ħaddiem.

Apparti dawn il-ħaddiema hemm ukoll handyman f'kull dar tal-anzjani li hija mmexxiha mill-Gvern (il-Mosta, l-Imsida, l-Imtarfa u l-Furjana). Dawn il-ħaddiema jaqgħu wkoll taħt din is-sezzjoni però dawn iwieġbu għax-xoghol li jiġu mqabda minn kull kap ta' kull dar rispettivament.

Matul dawn l-aħħar snin dawn il-ħaddiema ġew assessjati għall-ħiliet differenti li kull wieħed minnhom għandu u b'hekk inħolqu żewġ timijiet. It-tim tal-handymen li jmorru ġod-djar privati tal-anzjani u t-tim l-ieħor li huwa iktar speċjalizzat u b'hekk bis-saħħa ta' dawn il-ħaddiema d-dipartiment seta' beda jaħseb biex jaħdem ukoll ċertu proġetti żgħar u medji.

Il-persuna responsabbli minn din is-sezzjoni li huwa fi grad ta' Operations Manager jara li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb, isir xogħol ta' kwalità kif ikoll fl-inqas ħin possibli. Jieħu wkoll sehem fl-ippreparar ta' specifications, kif ukoll jieħu sehem fl-evalwazzjonijiet ta' tenders u call for quotations li jkunu ħarġu f'isem d-dipartiment.

Wara li ssir l-evalwazzjoni u jiġi awarded it-tender/call for quotation, l-Operations Manager jieħu ħsieb li x-xogħol ikun qiegħed isir skont il-kundizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt, fil-ħin miftiehem bejn iż-żewġ partijiet u li l-kuntrattur/supplier rebbieħ jagħti l-aqwa servizz biex b'hekk ix-xogħol ikun ta' kwalità għolja. Wara li x-xogħol jitlesta, jiġi vverifikat li x-xogħol sar kif suppost u titmexxa l-invoice li tkun intbagħtet mill-kuntrattur/supplier għall-pagament.

Il-persuna responsabbli minn din is-sezzjoni jgħin ukoll fl-operat tal-binja fejn jinsabu l-uffiċini l-ġodda ġewwa Ħal Qormi.

Il-maniġer jieħu wkoll sehem f'laqgħat mall-amministrazzjoni tad-dipartiment biex jiġu diskussi proġetti ġodda kif ukoll biex jiġu studjati proġetti ta' tisbieħ ta' binjiet eżistenti.

Din is-sena intlaħaq ukoll ftehim biex jibdew isiru xi xogħlijiet ma' Social Projects Management Ltd. (S.P.M.L). Bdejna niddiskutu fuq diversi proġetti kif ukoll bdejna nużaw is-servizz tagħhom fejn jidħlu l-inġiniera u l-periti. Fost affarijiet li bdejna ma' din il-kumpanija hemm il-bdil ta' żewġ chillers li jdawru l-arja kkundizzjonata ġewwa d-dar tal-anzjani fiż-Żejtun. Bdejna wkoll diskussjonijiet għal preparazzjoni ta' condition reports ta' Żammit Clapp Hospital kif ukoll bdejna naraw condition reports li saru minn periti u inġiniera oħra biex dawn jiġu aġġornati. Bdew ukoll diskussjonijiet fuq in-nurse call għad-dar tal-anzjani

ġewwa ż-Żejtun kif ukoll għal preparazzjoni ta' tender għall-arja kkundizzjonata għaċ-Ċentru ta' matul il-jum ġewwa ż-Żejtun.

Din is-sezzjoni fis-sena 2018 għamlet dawn ix-xogħlijiet:

- Xogħol ta' injam
- Xogħol ta' kisi u tibjid
- Xogħol ta' ilma foshom tiswijiet ta' sistemi u bdil ta' mixers
- Xogħol ta' dawl fosthom tiswijiet u testjar ta' sistemi
- Ġarr ta' affarijiet
- Tkompla x-xogħol fl-uffiċini l-ġodda tad-Dipartiment ġewwa Ħal Qormi. Fost ix-xogħlijiet hemm il-qsim tal-uffiċini bil-gypsum, kisi, żebgħa, dawl, ilma, għamara eċċ..
- Upgrading and referbishing taċ-Ċentru ta' matul il-Jum ġewwa ż-Żurrieq.
- Xogħol ta' manutenzjoni ġewwa d-Dar tal-Anzjani l-Imtarfa – fosthom il-manutenzjoni ta' wħud mill-gallariji li jinsabu fuq wara tad-dar.
- Tibdil ta' kamra tal-banju kif ukoll tibdil ta' sistemi tal-ilma tal-kċejjen u l-kmamar tal-banju ġewwa d-Dar tal-Anzjani, l-Imsida.
- Ħloqna Night Shelter fl-istess binja taċ-Ċentru ta' matul il-Jum ġewwa Żejtun.
- Il-Proġett ta' MMMU ġewwa l-binja tad-Dar tal-Imtarfa – il-preparazzjoni u x-xogħol ta' ġebel, kisi, tibjid, dawl, ilma, madum u għamara sar kollu minn din is-sezzjoni.

**Servizzi**

**Servizzi ta' Kura Residenzjali**

**Skop tas-Servizz**

Id-Departiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (DAAKK) huwa kommess li barra s-servizzi fil-komunità jipprovdi wkoll servizz ta' faċilitajiet residenzjali u kura fit-tul lil dawk l-anzjani li verament jeħtieġuh.

**Kisbiet 2018**

Matul l-2018 id-Dipartiment kompla bl-inizjattivi tiegħu biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' dawk li verament jeħtieġu kura residenzjali. Ingħalqu numru ta' kuntratti ma' diversi operaturi li permezz tagħhom kien hemm żieda fin-numru ta' sodod u l-kwalita' ta' servizzi mogħtija. Id-Dipartiment din is-sena rċieva 1649 applikazzjoni għall-kura residenzjali, filwaqt li ddaħlu 645 resident ġdid ġewwa djar tal-gvern jew sodod mixtrija. Matul is-sena 2018, id-dipartiment żied 120 sodda bħala parti mill-iskema ta' xiri ta` sodod u għalhekk in-numru ta' sodod li għandu d-Dipartiment tela' għall-2,307. Fl-2018 diversi proċeduri ddaħlu u oħrajn komplew jiġu implimentati sabiex nassiguraw l-użu effettiv tas-sodod. Fl-2018 komplew l-isforzi sabiex dawk il-każi li talbu relocation minn residenza għall-oħra, speċjalment dawk li kellhom bżonn sodda fin-naħa t'isfel ta' Malta. Dan filwaqt li qed isir assessment professjonali f'kull każ sabiex ikun żgurat li t-talba hija ġenwina, u li r-residenza mitluba hija skond il-bżonn ta' l-applikant.

Fl-2018, ġiet finalizzata għodda ġdida msemmija 'Home Profiling Quality Matrix' biex jitkejjel il-livell ta' servizzi pprovduti ġewwa d-djar li joffru kura residenzjali. Din l-għodda mistennija tintuża wkoll sabiex id-Dipartiment ikollu nformazzjoni koretta fin-negozjar għax-xiri ta' sodod u biex eventwalment id-djar kollha jiġu kklassifikati. Fil-fatt matul din is-sena ġew assesjati sitt id-djar permezz ta' din il-għodda.

Diversi attivitajiet u ħruġ ġew organizzati kull ġimgħa għar-residenti kollha fid-djar. Dawn l-attivitajiet kienu jvarjaw minn ħarga għal Għawdex għal Betlehem f'Għajnsielem sa mawra ġewwa Sqallija. Komplejna

nibnu fuq il-proġett pilota 'Lets Make Homes Fun' mtella' ġewwa l-Imsida billi din l-inizjattiva ġiet introdotta ġewwa d-djar kollha tal-Gvern permezz ta' taħriġ lill-carers rispettivi u allokazzjoni ta' iktar carers sabiex ikun hemm carer li tieħu ħsieb l-attivitajiet f'kull dar. Għat-tieni sena konsekuttiva, saret l-inizjattiva 'Let's Dance' organizzatta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità, fejn id-Dipartment assista fl-organizzar biex kull dar, inkluż dawk privati, jkollhom serata ta' zfin u daqq fi żmien il-Milied.

**Sodod taħt l-Iskema ta' PPP**

Matul is-sena 2018, id-dipartiment żied 120 sodda.

**Statistika 2018**

| | **2018** |
|---|---|
| Sodod fi Djar tal-Gvern | 950 |
| Sodod fuq skema ta' PPP | 1,357 |
| Numru ta' Sodod Totali (Gvern u PPP) | 2, 307 |
| Applikazzjonijiet ġodda għal-Dħul fid-Djar tal-Anzjani | 1,649 |
| Dħul fid-Djar tal-Anzjani | 645 |

| **Dħul fi Djar tal-Anzjani** | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Komunità** | **Respite** | **MDH** | **RHKG** | **SVP** | **Privati** | **MCH** | **Total** | **Rilokaz-zonijiet** | **Irrifjutaw** |
| Jannar | 43 | 0 | 22 | 18 | 0 | 0 | 0 | 83 | 12 | 2 |
| Frar | 25 | 1 | 18 | 24 | 0 | 0 | 0 | 68 | 14 | 3 |
| Marzu | 29 | 0 | 7 | 14 | 0 | 2 | 0 | 52 | 4 | 2 |
| April | 26 | 1 | 14 | 2 | 0 | 9 | 0 | 52 | 7 | 3 |
| Mejju | 21 | 2 | 2 | 7 | 1 | 9 | 4 | 46 | 4 | 2 |
| Ġunju | 20 | 1 | 5 | 7 | 0 | 7 | 1 | 41 | 2 | 0 |
| Lulju | 13 | 2 | 8 | 11 | 0 | 4 | 0 | 38 | 2 | 0 |
| Awissu | 17 | 0 | 3 | 3 | 0 | 3 | 1 | 27 | 1 | 0 |
| Settembru | 14 | 0 | 3 | 4 | 0 | 1 | 5 | 27 | 0 | 0 |
| Ottubru | 18 | 1 | 5 | 4 | 0 | 0 | 2 | 30 | 3 | 0 |
| Novembru | 38 | 2 | 19 | 23 | 0 | 13 | 0 | 95 | 11 | 3 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Diċembru | 30 | 1 | 25 | 19 | 0 | 10 | 1 | 86 | 4 | 2 |
| Total | 294 | 11 | 131 | 136 | 1 | 58 | 14 | 645 | 64 | 17 |

**Maniġment tal-Infermiera fid-Djar Residenzjali**

Matul is-sena 2018 il-maniġment tal-infermieri kellu numri ta' sfidi sabiex itejjeb l-kwalità ta' kura u servizzi li qegħdin jingħataw fid-djar tal-anzjani u fil-komunità. In-numru ta' anzjani ta' età kbira qiegħed dejjem jiżdied. Dawn l-anzjani għandhom bżonn forom differenti ta' sapport u servizzi ta' saħħa. Il-maniġment kontinwament jieħu miżuri biex itejjeb il-kura ta' dawn l-anzjani biex jilħaq il-ħtiġijiet kollha ta' dawk li qed jgħixu fid-djar ta' l-anzjani u fil-komunità.

Fil-bidu tas-sena kellna ngaġġ ta' Chief Nursing Manager ġdid. Il-maniġment kompla jiġi msaħħah b'ingaġġ ta' Charge Nurse u Deputy Charge Nurse. Il-Practice Nurse Tissue Viability bdiet tagħti s-servizz tagħha kemm fid-djar ta' l-anzjani kif ukoll fil-komunità. Persuni ġew identifikati fl-oqsma tal-Infection Control u Clinical Nutrition biex jagħtu servizzi f'dawn l-ispeċjalitajiet sakemm jiġu magħżula Practice Nurses f'dawn l-oqsma.

Il-maniġment tad-Djar tal-Anzjani Governattivi ġie msaħħah b'ingaġġ ta' Deputy Charge Nurse. Infermieri ġodda ġew introdotti fir-Relieving Pool u dan irriżulta fi tnaqqis ta' overtime. Sistemi ġodda ta' dokumentazzjoni ġew introdotti fid-djar tal-anzjani governativi.

Matul is-sena, numru ta' laqgħat ġew miżmuma mill-iimpjegati u l-Kapijiet tad-Djar tal-Anzjani. Numru ta' awditjar ġew magħmula mill-Audit Team f'diversi djar tal-anzjani sabiex titjieb il-kwalità ta' kura kif ukoll is-servizzi li jingħataw fid-djar.

Minħabba l-fatt li din is-sena n-numru ta' residenti fl-skema ta' Xiri tas-Sodod żdied, dan ġab miegħu sfidi maniġerjali. Ilmenti dwar ikel, nuqqas ta' komunikazzjoni fil-lingwa, u distanzi twal ta' vjaġġar għal qraba biex iżuru r-residenti tagħhom fid-djar kienu fost l-ilmenti li rċieva il-maniġment. Dawn l-ilmenti ġew investigati w azzjonijiet korrettivi ttieħdu. Numru ta' apparat mediku ġie mixtri biex ikopri t-talba tal-ħtiġijiet tar-residenti fid-djar.

Iż-żieda fin-numru ta' sodod fis-skema ta' Xiri tas-Sodod ġab miegħu sfidi ġodda biex inlaħħqu mad-domanda li dejjem qed tiżdied fit-twettiq ta' awditjar, viżti w investigazzjonijiet ta' lmenti.

**Servizzi tal-Allied Health**

Is-Servizzi t'Allied Health fl-AACCD, jingħataw minn:

- Occupational Therapists (OT),
- Podiatrists,
- Physiotherapist (PT) u
- Speech Language Pathologists (SLP).

Dawn is-servizzi jingħataw kemm fil-komunità kif ukoll fi-23 Djar Residenzjali, hlief is-servizz tal-SLP li jinagħata biss fid-djar residenzjali. F'din is-sena rajna żieda sostanzjali t'ingaġġ ta' professjonisti tal-allied health. Dawn iż-żidiet fil-professjonisti seħħu b'mod kontinwu bejn April u Settembru 2018. Il-Units tal-Podiatrists u Physiotherapists kellhom żiedet sostanzjali fin-numru ta' staff u dan għin ħafna biex il-Units għalqu l-lacunae li kellhom minħabba nuqqas ta' staff. Fis-sena 2018, ingħaqdet mat-tim Social Care

Assistant li ġiet imħarrġa fi duties klerikali u llum taqdi dan ir-rwol importanti b'kunfidenza kbira. Assigurajna li l-istaff jattendi għal Seminars, Konferenzi u t-Training Programmes.

Il-Units għalqu b'suċċess id-dokumenti dwar Standard Operating Procedures. Ikkollaborajna ma' l-Active Ageing Unit fi ħdan id-dipartiment fil-programmi 'Nibqgħu Attivi'. Ħadna sehem fuq programmi fuq ir-radju u TV. Komplejna naħdumu wkoll sabiex jinxtara l-equipment meħtieġ fil-komunità u d-djar residenzjali. Il-Units ħarġu bl-ideja li jiġi organizzat Induction Course fejn il-professjonisti residenti tad-dipartiment jagħmlu preżentazzjonijiet fuq id-diversi servizzi lill-impjegati ġodda. Dan il-programm ġie estiż għal l-istudenti Universitarji li jattendu d-Dipartiment tal-Ġerontoloġija u Ġerjatrija fl-Universita' ta' Malta. Ikkolaborajna f'In house training għall-infermiera u carers li jaħdmu f'Orange Grove ġewwa l-Mellieħa Home. Il-PTs tal-komunità organizzaw sensila ta' taħdidiet mat-tobba u konsulenti gewwa l-Admission & Emergency Department, Mater Dei. Ħadna sehem attiv fil-Career Convention. Il-Units, kienu nvoluti fit-taħriġ ta' studenti li jattendu L-MCAST.

**Matul din is-sena:**

- l-SLPs taw 1004 sessjoni fi 15 il-djar residenzjali,
- il-Podiatrists taw 15692 sessjoni f'Malta u 462 sessjoni f'Għawdex,
- l-OT fid-djar residenzjali taw 4197 sessjoni f'Malta u 87 sessjoni f'Għawdex, filwaqt li fil-komunità ingħataw 4359 sezzjoni f'Malta u 177 sessjoni f'Għawdex,
- l-PT fid-djar residenzjali taw 6921 sessjoni f'Malta u 315 sessjoni f'Għawdex, filwaqt li fil-komunità ingħataw 4546 sessjoni f'Malta u 103 sessjoni f'Għawdex.

**Servizzi fil-Komunità**

**Servizz tal-Ispeċjalista tal-Anzjani fil-Komunità**

Dan huwa servizz li beda fis-sena 2017. Is-servizz tal-Ispeċjalista tal-Anzjani fil-komunità joffri servizz ta' speċjalista li jiddedika parti mill-iskeda tiegħu għal viżti fid-djar ma' membri tal-Commcare Assessment Unit u d-Dementia Intervention Team.

**Għan tas-servizz**

Is-servizz jimmira li jtejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għall-anzjani li m'humiex kapaċi joħorġu minn djarhom. Problemi mediċi jiġu ndirizzati fid-dar tal-anzjan sa fejn hu possibbli.

**Kisbiet**

Matul is-sena is-servizz kien riklamat permezz ta' 'lecture' mogħti lill-membri tad-dipartiment tall-Ġerjatrija fl-isptar Karin Grech, kif ukoll lil grupp ta 'GP Trainees'. Kien hemm ukoll żewġ episodji fejn is-servizz kien reklamat waqt dehriet fuq it-televiżjoni. Il-proċess ta' iffiltrar tar-riferti tjieb, minħabba f'hekk kienu limitati viżti mhux neċessarji kemm mad- 'Dementia Intervention Team' kif ukoll mal-Commcare.

**Statistika**

Total ta' 23 persuna ibbenefikaw minn 28 żjara fid-dar matul l-2018. Ħames persuni kellhom bżonn ta' żjarat ta' segwitu fid-dar wara l-valutazzjoni inizjali tagħhom. 9 referrals oriġinaw mid-Dementia Intervention Team, 4 minn Commcare, 7 minn Ġerjatriċi, u 3 minn tobba tal-familja.

**Carer at Home**

**Skop tas-servizz**

Dan is-servizz jipprovdi għajnuna finanzjarja lil persuni anzjani li jimpjegaw Carer kwalifikat/a sabiex jassistuhom ġewwa darhom. Huwa wieħed mis-servizzi fil-komunità li l-għan tiegħu huwa li jżomm kemm jistà jkun anzjani jgħixu fil-komunità.

**X'sar fl-2018**

Matul is-sena intlaqgħu u ġew ipproċessati erbgħa mija u tmienja u tletin applikazzjoni. It-total ta' benefiċjarji fl-aħħar tal-2018 kien ta' mitejn u sitta u sebgħin. Tul din is-sena ġie deċiż li dawk l-applikanti li fl-assessjar ikollhom marka ta' 74 jew anqas fuq l-iskala tal-Barthel, jiġu approvati mingħajr il-bżonn li l-każ tagħhom jiġi diskuss.

Kull applikant jiġi kkuntattjat sabiex jiġi stabbilit illi dan huwa s-servizz mitlub. Dan qed ikollu jsir għaliex numru ta' applikanti jitfixklu dan is-servizz ma' oħrajn; l-aktar mal-Homehelp. Din il-proċedura tirrikjedi ħafna ħin. Ħafna applikanti jimpjegaw ħaddiema barranin li jkollu jinħarġilhom permess minn ID Malta. Dan il-proċess jieħu bejn erbgħa u sitt ġimgħat. Issa, l-istess entita' qed toħroġ permess temporanju u għalhekk konna qed niġu mitluba nagħtu l-benefiċċju mill-ewwel. Wara diskussjoni ma' uffiċċjali tal-ID Malta, ġie stabbilit illi l-permess propju jinħareġ bl-istess data ta' dak temporanju. Għaldaqstant, ġie deċiż li nibqgħu nżommu l-prattika li kellna u nistennew li jinħareġ il-permess propju, la l-benefiċjarji ma jkunu se jitilfu xejn. Kellna każi fejn il-permess tax-xogħol kien jonqoshom id-dettalji ta' min iħaddem; u mid-dehra ikun hemm bżonn li l-impjegat japplika mill-ġdid sabiex jinħariġlu permess korrett. Sabiex jiġi evitat telf ta' benefiċċju, f'dawn il-każi bdejna nitolbu dokument ta' mpjieg mill-Jobsplus.

**Statistika**

| CARER AT HOME | JAN | FRA | MAR | APR | MEJ | ĠUN | LUL | AWW | SET | OTT | NOV | DIĊ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' applikazzjonijiet ġodda | 32 | 49 | 31 | 34 | 28 | 36 | 29 | 32 | 45 | 49 | 47 | 26 |
| Numru ta' każijiet pendenti li qed jistennew l-assessment | 22 | 30 | 15 | 12 | 14 | 21 | 4 | 26 | 20 | 15 | 5 | 10 |
| Numru ta' terminazzjonijiet matul ix-xahar | 5 | 1 | 4 | 6 | 7 | 2 | 7 | 1 | 6 | 15 | 5 | 8 |
| Numru ta' benefiċjarji fl-aħħar tax-xahar | 165 | 171 | 179 | 190 | 203 | 212 | 223 | 230 | 240 | 251 | 270 | 276 |

**Respite at Home**

Ir-Respite at Home tipprovdi sostenn formali għall-carer fir-residenza tal-persuna anzjana stess. Il-mistrieħ fis-servizz tad-dar joffri carers kwalifikati li jibqgħu fid-dar mal-persuna anzjana, sabiex il-kustodju informali jista' jinħeles mill-piż tal-kura. Il-mistrieħ fis-servizz tad-dar għandu jipprovdi: kumpanija,

soċjalizzazzjoni u / jew kura personali fir-residenza tal-persuna anzjana. Dan is-servizz iżomm milli l-persuna li tieħu ħsieb tiġi dipendenti potenzjalment hi nnifisha minħabba l-istress tal-kura.

Dan is-servizz huwa offrut lil persuni ta' l-fuq minn 60 sena, iżda każijiet oħra jistgħu jiġu kkunsidrati fuq il-merti tagħhom stess. Qed tingħata prijorità lil dawk il-persuni anzjani li qed jgħixu waħedhom, li mhumiex involuti f'attivitajiet soċjali u li jistgħu jkunu f'riskju meta jagħmlu sigħat twal waħedhom.

Is-servizz ta' mistrieħ fid-dar beda f'Mejju 2017. Dan is-servizz ġie pprovdut lil 224 klijent fis sena 2018. In-numru totali ta' sigħat mogħtija kien ta' 15,173 siegħa.

Tipi ta' pakketti ta' kura mogħtija:

L-applikant jista' jagħżel wieħed mill-pakketti ta' kura taħt il-kura li jissodisfa l-bżonnijiet ta' mistrieħ tagħhom.

- Pakkett ta' kura i (Ġimgħa sħiħa: It-Tnejn sal - Ħadd 24 siegħa)
- Pakkett ta' kura ii (Ġimgħa sħiħa: mit-Tnejn sal-Ħadd 8am - 5pm)
- Pakkett ta' kura iii (jumejn fil-ġimgħa ghal- sebgha gimghat )
- Pakkett ta` kura iv ( 3 tijiem fis sena )

| Tip ta' pakkett ta' kura | Numru ta' klijenti |
|---|---|
| Pakkett ta' kura i | 1 |
| Pakkett ta' kura ii | 13 |
| Pakkett ta' kura iii | 462 |
| Pakkett ta' kura iv | 15 |

Kull każ li qed jiġi offrut is-servizz qed jiġi rivedut minn Assistant Care Workers. Dawn il-ħaddiema qed jagħmlu rwol ta' superviżjoni, jimplimentaw il-pjan ta' kura provdut lil klijent biex is-servizz għandhom isegwu. Il-ħaddiema tal-CommCare huma obbligati li jżuru kull klijent tliet darbiet matul il-proċess tas-servizz; qabel il-bidu tas-servizz, matul is-servizz u meta s-servizz jiġi mitmum. Żjara oħra ġiet inkluża waqt is-servizz, meta l-kuntrattur ma jkunx preżenti, sabiex jekk ikun hemm ilmenti dwar is-servizz, dawn jistgħu jinstemgħu u jintbagħtu kif xieraq.

In-numru totali ta' żjarat magħmula minn Commcare carers għas-sena 2018 kien ta' 786 vista.

**Sfidi 2018**

Dan is-servizz ġie ntrodott is-sena li għaddiet, u d-domanda tiegħu qed tiżdied drastikament. Is-servizz żdied fil-popolarità tul il-perjodu ta' din is-sena b'numru akbar ta' dawk li jieħdu dan is-servizz kif ukoll ta' anzjani li staqsew sabiex jużaw dan is-servizz. Din is-sena kien hemm sforz kontinwu tat-tim sabiex titjieb il-proviżjoni tas-servizz. Saru diversi laqgħat mal-kuntrattur tas-servizz sabiex titjieb il-kwalità tal-kura u l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ partijiet.

Dokumenti u mudelli ġodda ġew strutturati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijent, u b'hekk tjiebet il-kura lejn il-klijenti. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, kordinatur ta' servizz beda jopera u jamministra dan is-servizz, flimkien ma' tliet assistenti tal-kura. Il-komunikazzjoni mal-kuntrattur tas-servizz tibqa' għaddejja kuljum.

**Sezzjoni CommCare**

Il-CommCare Assessment Unit jassigura li l-pazjenti kollha li jirċievu kura fil-komunità ikunu mgħejuna kif inhu xieraq, filwaqt li jaġixxi ukoll bħala konnessjoni bejn is-servizzi tas-saħħa u l-kura soċjali. It-tim tal-CommCare huwa magħmul minn infermiera, fiżjoterapisti, 'occupational therapist', 'carers' u persuni amministrattivi. Dan it-tim jassigura li flimkien jagħti s-sapport neċessarju lil dawk kollha li għandhom bżonn l-għajnuna fid-djar tagħhom u li bl-ebda mod ma jistgħu joħroġu minn djarhom. It-tim kollu flimkien kapaċi jindirizza l-ħtiġijiet tal-individwu b'mod effettiv.

Il-CommCare bħalissa qed tirċievi talbiet u referenzi mill-entitajiet tal-Gvern kollha kif ukoll dawk volontarji bħal: sptarijiet, ċentri tas-saħħa, tobba privati, entitajiet ta' kura soċjali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u oħrajn. It-tim iwettaq valutazzjonijiet ġewwa d-djar ta' l-individwi wara li l-applikazzjoni tgħaddi minn proċess ta' ivvetjar fil-'unit'. Dawn iż-żjarat jiddeterminaw kif l-assistenza meħtieġa tiġi pprovduta lil kull individwu. It-tim jiddiskuti u jappoġġa lil xulxin f'dan ir-rigward. Il-proċess jiddetermina ukoll jekk il-kura meħtieġa għandhiex tiġi riferuta għal interventi ta' 'domicilliary care' li tiġi mgħoddija lis-'service provider'. Il-CommCare jieħu ħsieb ukoll l-assessjar ta' servizzi oħra mogħtija fil-komunità bħal 'Respite/Respite at Home, Meals on Wheels, Carer at Home, Night Shelter u Dementia Activity Centre'.

**Statistika 2018:**

| | |
|---|---|
| Talbiet ġodda rċevuti mill-CommCare | 2678 |
| Talbiet segwiti rċevuti mill-CommCare | 5769 |
| Reviżjonijiet bit-telefonati (telephone reviews) | 5043 |
| Interventi li saru mis-'Service Provider' | 824,850 |

**Kisbiet fis-sena 2018:**

- Is-servizz 'Respite at Home' kiber tajjeb ħafna matul is-sena 2018 u huwa wieħed mis-servizzi li qed jintużaw regolarment, u ġeneralment l-istess klijenti jerġgħu japplikaw biex jagħmlu użu minn dan is-servizz.
- Il-formola l-ġdida tal-applikazzjoni tal-AACCD qed tintbagħat lill-professjonisti qabel ma jsiru l-valutazzjonijiet kollha. Dan qed jiffaċilita' biex jiġi ipprovdut servizz iktar ħolistiku.
- Il-professjonisti kellhom l-opportunità li jieħdu sehem fil-Fiera tal-Karrieri għal studenti li qegħdin jagħżlu l-karriera tagħhom.
- Minn din is-sena, zewġ infermiera li kienu interessati li jassistu fil-Valutazzjonijiet tal-Kontinenza bdew jivvalutaw il-klijenti li jirċievu s-Servizz ta 'Kontinenza u li applikaw għal żieda fin-nappies.
- Infermier tat-TVU ssieħeb mat-tim
- Kaxxi tal-ewwel għajnuna ġew ipprovduti u mqassma fil-karozzi kollha użati mill- professjonisti. Kutri għall-kontroll tan-nar ġew ipprovduti għas-sigurtà. 'Sun lotion' ġie imqassam lill-professjonisti kollha li jaħdmu barra mill-bini.
- Il-formoli kollha użati minn CommCare ġew ikkodifikati. Formoli duplikati ġew eliminati.

**Tim ta' Ntervent għad-Dimensja - Dementia Intervention Team**

**Skop tad-'Dementia Intervention Team' (DIT)**

Id-'Dementia Intervention Team', ġie imwaqqaf fis-sena 2016, biex jilħaq rakkomandazjoni mitluba fl-iStrateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin (2015-2023). Dan it-tim joffri servizz fil-komunità

lil persuni bid-dimensja, u dawk li jieħdu ħsiebhom. Il-membri ta' dan it-tim għandhom esperjenza u għarfien fil-kura tad-dimensja. It-tim jagħmel valutazzjoni ħolistika tal-persuna bid-dimensja, u ta' dawk li jkunu qed jieħdu ħsiebha. Dan isir fir–residenza fejn tkun qed tgħix il-persuna. Wara, il-carers tal-persuna jiġu ipprovduti b'informazzjoni u edukazzjoni dwar il-kundizzjoni tad-dimensja skond il-bżonn. L-għan ewlieni ta' dan it-tim huwa li, kemm jistgħa jkun, il-persuna bid-dimensja tkompli tgħix b'mod attiv fil-komunità.

**Kisbiet ta' matul is-sena 2018**

Din is-sena d-'Dementia Intervention Team' ta servizz lil 366-il każ ġdid. It-tim fl-aħħar tas-sena 2018 kien qed issegwi 542 każ fuq bażi regolari. It-tim issa qed iservi bħala l-punt ewwlieni għal-għajnuna għal persuni bid-dimensja u dawk li jindukrawhom. Fl-2018, it-tim irnexxielu jgħin lil dawn il-familji biex ikomplu jieħdu ħsieb lil persuni bid-dimensja ġewwa d-djar tagħhom. Din is-sena t-tim zgħir ta' ħames professjonisti (Dementia Care Coordinator, żewġ Practice Nurses u żewġ Occupational Therapists) irnexxielu jsegwi l-każi kollha, u ġew evitati numru ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. Din is-sena sar investiment ta' risorsi umani, fejn żdiedet 'Dementia Practice Nurse' li se tgħin aktar familiji li qed jissiltu mal-problema tad-dimensja.

Il-figuri ta hawn taħt qed juru n-numru ta' każi u interventi li saru fl-2018.

| | Numru ta' interventi | Total f'Units (15mins/unit) |
|---|---|---|
| **Numru totali ta' visti ġewwa d-djar** | 1073 | 7430 |
| **Numru totali ta' interventi bit-telefon** | 4619 | 5303 |
| | | **Numru ta' Każi – 2018** |
| **Numru ta' każijiet ġodda** | | 366 |
| **Numru ta' każijiet fejn kellu jitwaqqaf is-servizz (eż. Imwiet u dħul f'residenzi għal-anzjani)** | | 142 |
| **Numru ta' persuni li fl-aħħar ta' 2018 qed jibbenifikaw mis-servizz** | | 542 |

**Servizz Respite**

Is-servizz Respite huwa wieħed mis-servizzi fil-komunità offruti mill-gvern fi sforz kontinwu biex jappoġġja persuni anzjani li jgħixu fil-komunità biex jiffaċilita l-ħajja, kemm tal-anzjani u kemm ta' dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani.

Is-servizz respite huwa offrut sabiex jipprovdi kemm il-carers u kemm l-anzjani l-opportunità li jieħdu ħin ta' mistrieħ. Dan jintuża spiss f'okkażjonijiet fejn il-carers ikollhom bżonn jieħdu ħin għalihom għal xi raġuni jew oħra.

Is-servizz respite jiġi offrut f'Casa Leone f'San Ġiljan, f'Villa San Lawrenz f'Għawdex u f'St. Elizabeth Rabat Malta.

**Kisbiet fl-2018**

Din is-sena kien hemm sforzi kontinwi biex titjieb is-sistema u b'hekk jiġi ipprovdut servizz aktar sikur u effiċjenti. Ġiet inkluża wkoll il-possibbiltà li jiġi ipprovdut trasport għall-anzjani li huma fil-bżonn ta' servizz ta' trasport professjonali minħabba kwistjonijiet ta' saħħa.

**Diffikultajiet**

Tinħass il-ħtieġa ta' ċentru ġdid minn fejn jista' jiġi offrut is-servizz respite fin-nofsinhar tal-gżira, l-aktar mill-carers u anzjani nfushom li jippreferu kieku jkunu ammessi fil-faċilità eqreb lejn pajjiżhom għal raġunijiet loġistiċi varji. Ħafna mill-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom li jgħixu fin-nofsinhar tal-gżira jitolbu biex jiġu ammessi f'San Vinċenz de Paul, iżda dan mhux dejjem ikun possibbli għall-fatt li din il-faċilità normalment hija riservata għal dawk li għandhom bżonn livell ogħla ta' kura.

**Statistika**

| | Appl. Ġodda | Nr. Ta' Ġranet | Kanċellazzjoni | Estenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Casa Leone | 405 | 4788 | 1893 | 835 |
| St. Elizabeth | 13 | 219 | 91 | 32 |
| San Lawrenz | 45 | 579 | 169 | 45 |

Fis-sena 2018 kien hemm total ta' 463 applikazzjonijiet (Casa Leone, St. Elizabeth u San Lawrenz).

**Servizz ta' Għajnuna fid-Dar – Home Help**

Taħriġ intern: Hiliet bażiċi tal-kompjuter. Matul Marzu supervisor attendiet sebgħa sessjonijiet fil-ħiliet bażiċi tal-kompjuter. Matul Settembru u Ottubru erbgħa supervisors oħra attendew għall-istess taħrig.

*Abiltajiet kif tirrispondi it-telefon:* Dan it-taħriġ beda f'Novembru 2017. Matul Frar 2018 sebgħa supervisors attendew żewġ sessjonijiet ta' taħrig fil-ħiliet fl-użu tat-telefon.

*Taħrig fl-ewwel għajnuna*: Matul Marzu 2018 sebgħa supervisors attendew erbgħa sessjonijiet fil-ħiliet bażiċi fl-ewwel għajnuna.

*Taħrig fil-Fire fighting:* Matul April 2018 taħriġ fil-Firefighting ġie organiżżat. L-impjegati kollha tas-sezzjoni tas-Servizz Għajnuna fid-Dar attendew għal dan it-taħriġ.

*Attività tal-Milied:* Fi żmien il-Milied ġiet organiżżata attività soċjali għall-klijenti li jagħmlu użu minn dan is-servizzz. Din l-attività saret fil-Qawra Palace Hotel fiż-17,18, 19, 20 u 21 ta' Diċembru 2018. Madwar 1250 klijent attendew għal din l-attività. Waqt l-attività ta' din is-sena, l-amministrazzjoni ta' dan is-servizz ħa inizjattiva biex jiġbor donazjonijiet għal Puttinu Cares. €1,964.86 inġabbru waqt din l-attività.

*Laqgħat mal-impjegati*: Matul din is-sena, saru diversi laqgħat għall-impjegati fejn gew discussi diversi temi li jirrigwardaw dan is-servizz. Barra minn hekk, meta kien hemm il-bżonn saru wkoll laqgħat individwali.

*Klijenti mingħajr is-servizz*: Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018 kien hemm 139 kaz jistennew is-servizz jibda u 106 kaz ieħor li kellhom is-servizz sospiż mill-kuntrattur u għadhom bla servizz. Total ta' 245 servizz.

*Numru ta' applikazzjonijiet li daħħlu matul is-sena 2018:* In-numru ta' applikazzjonijiet ġodda li daħħlu matul din is-sena kien ta' 1218. Medja ta' 102 applikazzjoni fix-xahar.

*Numru ta' djar u benifiċjarji li jibbenifikaw mis-servizz:* Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018 kien hemm 2814 dar li qed tibbenifika mis-servizz. Il-benifiċjarji jammontaw għal 3877.

*Sigħat ta' servizz fil-gimgħa:* Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018, 6738 siegħa gew ipprovduti kull ġimgħa. 1935 siegħa minn Assistenti Soċjali mpjegati mad-Dipartiment u 4996 minn helpers tal-kuntrattur.

*Servizzi li ġew terminati matul is-sena 2018:* 541 servizz ġew terminati matul din is-sena. Dawn kienu qed jibbenifikaw minn 1312 siegħa fil-ġimgħa.

*Servizz lill-persuni taħt is-60 sena u bi Special ID:* Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018 182 kaz f'din il-kategorija kienu qed jibbenifikaw minn dan is-servizz.

*Numru ta' Assistenti Soċjali mpjeġati mat-taqsima tas-Servizz Għajnuna fid-Dar:* Sa l-aħħar ta' Diċembru 2018 kien hemm 58 Assistenta Soċjali li jipprovdu dan is-servizz fil-komunità

**Bord tal-Allokazzjoni tas-Servizz Għajnuna fid-Dar**

Fis sena 2018. il-laqgħat tal-bord inżammu regolarment biex jiġi evitat li jkun hemm backlog bla bżonn u fl-istess ħin l-applikanti ma jitħallewx jistennew. Fil-fatt, il-bord iltaqa 30 darba fejn eżamina 1259 każ li minnhom ingħataw 1431 siegħa ta' servizz.

F'Settembru kien it-tmiem tat-terminu ta' sena tal-bord li iżda reġa ġie appuntat bl-istess membri għal sena oħra sa 17 ta' Settembru 2019.

Il-bord jara l-każijiet kollha li jintbgħatu mill-Home Help Unit iżda dejjem jagħti prijorita lill-każijiet li jkunu immarkati bħala urġenti.

| Każijiet Ġodda Approvati | Każijiet Ġodda Mhux approvati | Sigħat Approvati |
|---|---|---|
| 637 | 248 | 1431 |

**Taqsima tas-Servizz Handyman**

**Skop tas-Servizz**

L-iskop ta' din is-sezzjoni huwa illi tiprovdi xogħol ta' handyman lill-anzjani u persuni b'diżabilta' li jgħixu fil-komunità. Dan jinkludi ukoll xogħol fid-djar residenzjali tad-Dipartiment, u fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva. Isir ukoll xogħol meħtieġ fid-Dipartiment stess.

Fis-sena 2018 t-tim ikkonsista fi 15-il ħaddiem, 3 fuq l-amministrazzjoni tas-sezzjoni, 4 ħaddiema li jagħmlu xogħol għand l-anzjani fil-komunità, u t-tmienja l-oħra jagħmlu xogħol ta' proġetti fid-Djar ta' l-Anzjani tal-Gvern kif ukoll fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva.

Dawn huma x-xogħlijiet li għamlu l-ħaddiema fi djar privati tal-anzjani:

| Tip ta' Xogħol | Ammont ta' Xogħol |
|---|---|
| Xogħol ta' njam | 286 |
| Xogħol ta' kisi u tibjid | 44 |
| Xogħol ta' ilma fosthom tiswijiet ta' sistemi u bdil ta' mixers | 705 |
| Xogħol ta' dawl fosthom tiswijiet u testjar ta' sistemi | 373 |
| Manutenzzjoni ta' railing | 43 |
| Ġarr t'affarijiet | 31 |

Dawn ix-xogħlijiet saru f'997 dar privata. Minn dawn ix-xogħlijiet inġabret is-somma ta' €2,462.04

Il-persuni li jibbenifikaw minn dan is-servizz huma persuni b'karta speċjali, karta r-roża, kif ukoll persuni oħra 'l fuq minn sittin sena. Dawn tal-aħħar jridu jħallsu miżata minima skond it-tip ta' servizz li jixtiequ.

Anzjani li qed jagħmlu użu mis-Servizz

| 2018 | Bi Ħlas | Ammont Imħallas | Mingħajr Ħlas | Total | Xogħolijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| | Numru ta' Persuni | € | Numru ta' Persuni | Numru ta' Persuni | |
| **Totali** | 509 | 2,462,04 | 451 | 997 | 1482 |

**Servizz Meals on Wheels**

**Kisbiet**

Fl-2018 intlaħaq in-numru rekord ta' 1,281 klijent li jibbenefikaw minn dan is-servizz. Ingħataw numru totali ta' 169,530 ikla.

Ġie mfassal menu ġdid u aktar inklussiv li jinkludi ikliet mingħajr lattożju, mingħajr glutina u ikel magħmul apposta għal persuni li jbatu mid-dijabete.

**Servizz tal-Inkontinenza**

**SKEMA A**

Sa l-aħħar ta' Diċembru 2017 f'Malta u f'Għawdex, kien hemm 2877 persuna li qed jagħmlu użu minn din l-iskema. Matul din is-sena, kien hemm 704 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 122 waqfu dan is-servizz. Dan ifisser li sa l-aħħar ta' l-2018 kien hemm total ta' 3459 li qed jagħmlu użu minn dan is-servizz.

**SKEMA B**

Sa l-aħħar ta' Diċembru 2017 f'Malta u f'Għawdex, kien hemm 3189 persuna li qed jagħmlu użu minn din l-iskema. Matul din is-sena, daħlu 1042 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 963 waqfu dan is-servizz. Dan ifisser li sa l-aħħar ta' l-2018 kien hemm total ta' 3268 li qed jagħmlu użu minn dan is-servizz.

**Servizz ta' Roħs fuq il-Linja tat-Telefon (telephone rebate)**

Dan is-servizz beda f'Jannar tal-1996, fejn il-klijenti jistgħu japplikaw għar-roħs fuq il-linja tat-telefon meta jkollhom Kartanzjan kif ukoll il-Karta r-Roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

**Statistika**

| | **2018** |
|---|---|
| Applikazzjonijiet Ġodda | 101 |
| Kanċellazzjonijiet | 575 |
| Numru Totali ta' klijenti li għamlu użu mis-servizz | 2368 |

**Sezzjoni Ħidma Soċjali - Social Work**

**Skop**

L-objettiv prinċipali tas-servizz tal-ħaddiema soċjali hu li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni anzjani. Dan l-għan jiġi milħuq billi ngħinu lill-persuni anzjani jifformolaw pjanijiet li jistgħu jgħinuhom fis-sitwazzjoni tagħhom kif ukoll billi ngħinuhom jaraw il-potenzjal tagħhom.

Il-ħaddiema soċjali fi ħdan din is-sezzjoni jagħmlu wkoll l-assessjar tas-servizz tal-Home Help. Dan ifisser illi, meta persuna anzjana tapplika sabiex ikollha l-għajnuna fit-tindif tad-dar, il-ħaddiema soċjali tmur fid-dar tal-applikant/a sabiex tagħmel rapport dwar is-sitwazzjoni u l-bżonnijiet tal-persuna. Dan ir-rapport jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Home Help fejn dan tal-aħħar jiddeċiedi jekk l-applikant/a għandiex tingħata is-servizz jew le. F'sitwazzjonijiet fejn, waqt li l-ħaddiema soċjali qiegħeda fid-dar ta' l-applikant biex tlesti l-assessment tal-homehelp, tara li hemm bżonn ta' iktar interventi, il-ħaddiema soċjali tiftaħ file ta' każ soċjali fuq l-applikanta, sabiex hekk tkun tista' tkompli tassisti lill-persuna bl-aħjar mod possibli.

Fil-preżent hemm 5 ħaddiema soċjali jaħdmu f'din is-sezzjoni kif ukoll il-kap tas-Sezzjoni. Dawn il-5 ħaddiema soċjali jkopru l-każijiet li jidħlu minn kull lokalità ta' Malta. Dan l-ammont ta' ħaddiema soċjali huwa żgħir wisq u għaddejja ħidma sabiex ikun hemm iktar ħaddiema soċjali.

F'dak li jirrigwarda statistika, matul is-sena 2018, il-ħaddiema soċjali ħadmu fuq 785-il każ soċjali u 1326-il każ ta' Home Help.

**Taqsima Anzjanità Attiva**

L-għan prinċipali tat-Taqsima Anzjanità Attiva huwa li tikkoordina l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali għal Anzjanità Attiva 2014-2020. Din it-taqsima għandha ukoll taħt ir-responsabilta' tagħha il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet kollha li jsiru fiċ-Ċentri t'Anzjanità Attiva madwar Malta u Għawdex, kif ukoll attivitiajiet u proġetti relatati mal-anzjani.

**Proġetti fil-komunità**

Fis-sena 2018 saru diversi inizjattivi fil-komunità. It-Taqsima Anzjanità Attiva fasslet skeda ta' tagħlim tul il-ħajja fiċ-Ċentri għal Anzjanità Attiva li jiġu ippjanati skond ix-xewqat ta l-anzjani. Twettaq il-proġett Mill-Anzjan għall-Anzjan biex inħeġġu anzjani jinvolvu ruħhom fil-volontarjat u fl-istess ħin jgħinu anzjani oħra fil-komunità li huma aktar dipendenti. Dan il-programm sar fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ u kien jinvolvi 11-il volontiera u 13 –il benefiċarju. Qed tiġi esplorata il-possibiltà li dan il-programm jiġi estiż f'lokalitajiet oħra. Saru diversi Programmi Interġenerazzjonali li jinvolvi tfal jew żgħażagħ ma' persuni anzjani, forsthom il-proġett Darba Waħda...b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, programm ma' Maria Reġina Wardija Resource Centre, u kollaborazzjoni ma' Giovanni Curmi Higher Secondary School. It-Taqsima Anzjanità Attiva ikkoordinat il-programm Nibqgħu Attivi b'kollaborazzjoni mal-Allied Health Services tad-Dipartiment. Dan il-programm huwa immirat biex iwassal informazzjoni utli dwar kif wieħed iżomm attiv u jevita il-waqgħat. It-Taqsima Anzjanità Attiva ikkoordinat sessjonijiet ta' informazzjoni immirata lill-informal carers ta' persuni anzjani li ġiet imwassla permess ta' mistiedna fi slots waqt programm televiżiv fuq it-televixin.

Ġiet organizzata sports day għall-membri taċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva bil-parteċipazzjoni ta' madwar 500 anzjan u sports day oħra għar-residenti tad-djar għall-anzjani fejn ipparteċipaw madwar 400 anzjan. Bdew diskussjonijiet biex isir Memorandum of Understanding mal-MCAST kif ukoll qed jiġi ippjanat diploma dwar Active Ageing mal-MCAST.

**Proġetti fid-djar residenzjali**

It-Taqsima Anzjanità Attiva wettqet diversi inizjattivi fid-djar residenzjali għall-anzjani. Fosthom tfasslet skeda ta' tagħlim tul il-ħajja fi 8 djar residenzjali tal-gvern. Fis-sena 2018 ġie mnhiedi il-proġett Making Homes Fun fejn grupp ta' carers mill-homes ġew imħarrġa dwar kif jorganizzaw attivitajiet għar-residenti, inkluż persuni bid-dimensja. Kull dar residenzjali tiġi allokata carer biex tikkoordina attivitajiet 3 darbiet fil-ġimgħa. Fid-djar residenzjali ġie ippjanat il-proġett ARTS in Residential Homes li għandu jibda f'Jannar 2019. Dan il-proġett qed jinolvi artisti fi proġetti kreattivi mar-residenti.

**Statistika**

Numru ta' membri fiċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva

| Membri fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum | Membri fiċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva | Numru totali ta' membri |
|---|---|---|
| 1281 | 574 | 1855 |

**Parteċipanti fis-sessjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja**

| Xahar | Numru ta' Parteċipanti |
|---|---|
| Jannar | 968 |
| Frar | 934 |

| | |
|---|---|
| Marzu | 964 |
| April | 2674 |
| Mejju | 2507 |
| Ġunju | 1878 |
| Lulju | 2201 |
| Awissu | 2952 |
| Settembru | 1728 |
| Ottubru | 2004 |
| Novembru | 2882 |
| Diċembru | 1465 |

Statistika *Making Homes Fun* (beda minn Ottubru 2018)

| | **Djar Residenzjali** | **No. of individual sessions** | **No. of group sessions** | **Total no. of sessions** | **Total number of residents** |
|---|---|---|---|---|---|
| Ottubru | Msida | 63 | 17 | 76 | 135 |
| | Mosta | 3 | 13 | 16 | 33 |
| | Mtarfa | 3 | 15 | 18 | 88 |
| | Mellieha | 0 | 1 | 7 | 8 |
| Novembru | Msida | 12 | 12 | 24 | 81 |
| | Mosta | 0 | 14 | 14 | 34 |
| | Mtarfa | 2 | 13 | 15 | 94 |
| | Mellieha | 0 | 5 | 5 | 123 |
| Diċembru | Msida | 0 | 15 | 15 | 68 |
| | Mosta | 0 | 9 | 9 | 33 |
| | Mtarfa | 2 | 8 | 10 | 50 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Mellieha | 2 | 16 | 18 | 123 |

**Servizz tat-Telecare**

**Telecare Plus**

Telecare Plus huwa servizz li jipprovdi serħan il-moħħ lill-anzjani biex kemm jista' jkun jibqgħu joqgħodu f'djarhom u fil-komunità. Dan huwa l-ewwel għajnuna f'każ ta' inċident fid-dar. Dan is-servizz jinkonsisti f'apparat li jitwaħħal mal-linja fissa tat-telefon tal-'Go'. Miegħu jingħata wkoll pendent biex jintlibes mill-anzjan. L-operaturi jieħdu azzjoni fil-pront u kif meħtieg meta dawn jigu ikkuntattjati permezz tal-pendent mill-klijent f'każ ta' bżonn jew inċident fid-dar. L-operaturi jaħdmu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum fuq bażi ta' sħift biex ikunu dejjem qrib il-klijenti għal l-ewwel għajnuna li tista' tinqala. Kull każ huwa differenti skont il-bżonn tal-anzjan. L-operaturi jaġixxu skond it-talba li jkun irid il-klijent bħal per eżempju tabib, ambulanza, xi sejħa għal xi ġirien jew biex jikkuntatjaw il-qraba tagħhom għall-ewwel għajnuna.

**L-ispiża għal dan is-servizz**

Għal dawk li m'għandhomx karta roża: Ħlas ta' 25 Euro depożitu ta' darba fejn tiġi rifonduta mat- tmiem tas-servizz u 4 Euro kull xahar kera għas-servizz.

Għal dawk li għandħom il-karta roża u jikkwalifikaw jew inkella l-Karta safra u jkunu dijabetiċi : Ħlas ta' 25 Euro depositu darba, li tigi rifonduta mat-tmien tas-servizz u ma titħallas ebda kera.

Minn din is-sena wkoll kien hemm tibdil għal minn għandu tfal b'diżabilita' taħt is-sittin sena u joqgħodu miegħu, dawn ukoll setgħu jgawdu s-sussidju fuq il-ħlas tas-servizz, iġifieri dawn ma jħallsux kera għas-servizz.

**Statistika**

Bħala statistika hawn taħt, wieħed jista' jara xahar b'xahar l-ammont ta' klijenti li ħadu is-servizz.

| Jannar | Frar | Marzu | April | Mejju | Ġunju | Lulju | Awissu | Sett | Ott | Nov | Diċ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8133 | 8086 | 8049 | 8004 | 8070 | 8062 | 8070 | 8078 | 8113 | 8087 | 8090 | 8061 |

**Rakkomandazzjonjiet għal-servizz aħjar**

Bħal dejjem l-amministrazzjoni tara biex kull l-applikazzjoni ma ddumx ma tinħadem, f'kull telefonata tiġi spjegata kif u meta jista' l-klijent jiġi ikkuntatjat għal appuntament biex jitwaħħal is-servizz. Dan dejjem naraw li jsir fl-iqsar żmien possibbli. Rakkomandazzjoni oħra hi jekk jista' jkun is-servizz ikun miftuħ għal aktar linji fissi oħrajn.

**Servizz ta' Night Shelter**

Is-servizz tan-Night Shelters huwa servizz ieħor għall-anzjani sabiex ikompli jgħinhom jibqaw jgħixu fil-Komunità. L-għan ta' dan is-Servizz huwa li joffri kenn sigur għal-dawk l-Anzjani li jgħixu waħedhom u li matul-il-lejl ma jħossuhomx siguri li jorqdu waħedhom minħabba diversi raġunijiet.

*Lokalitajiet:* Preżentament hawn ħames Night Shelters li jinsabu erbgha f'Malta u wieħed f'Għawdex. In-Night Shelters jgħatu sapport kemm lill-benefiċjarji kif ukoll li dawk il-persuni li jieħdu ħsiebhom.

*Night Shelters bil-lokalita' u data ta' ftuħ*:

Żejtun Night Shelter infetaħ fl-14 ta' Novembru 2010. Huwa mmexxi mill-Kunvent ta' Ġesu Nazzarenu Żejtun. Jipprovdi 8 sodod u s-servizz huwa għan-nisa biss.

Mellieħa Night Shelter infetaħ fl-24 ta' Frar 2011. Dan immexxi mill-Maniġment tad-Dar tal-Mellieħa. Hemm 8 sodod u s-servizz huwa kemm għal-irġiel u anke għan-nisa.

SVPR Night Shelter infetaħ fl-20 ta' Lulju 2012. Huwa mmexxi mill-Maniġment ta' SVPR, bi 8 sodod u s-servizz jingħata lill-irġiel u anke lin-nisa.

Għajnsielem Night Shelter infetaħ fis-27 ta' Marzu 2015. Huwa mmexxi mid-Dipartiment ta' l-Anzjani li jipprovdi Careworkers li jaħdmu fuq shift. Għandu 9 soddod u s-servizz huwa għal-irġiel u anke għan-nisa.

Casa San Giuseppe Night Shelter infetaħ fis-7 ta' Novembru 2018. Dan mmexxi mill-Maniġment ta' l-istess dar.

**Statistika**

| **Night Shelters** | **Sa Diċembru 2018** |
|---|---|
| Anzjani li qed jattendu | 26 persuni |
| Applikazzjonijiet ġodda li daħlu fis-sena 2018 | 57 applikazzjonijiet |
| Waiting List | Nil |
| *Applikazzjonijiet pendenti | 7 applikazzjonijiet |
| *Applikazzjonijiet "On Hold" | 41 "On Hold" |
| Benefiċċjarji minn 2010-2018 | 93 Benefiċċjarji |

*Applikazzjonijiet Pendenti: Qed jistennew li jsir l-assessjar mill-Commcare/SW jew preżentament l-applikanti qegħdin rikoverati fi Sptar u l-assessment ma setax issir.

*Applikazzjonijiet "On Hold": Applikanti li kienu fil waiting list gew kollha kkontattjati u ġew offruti servizz ta' Night Shelter fejn kien hemm vakant.Kien hemm minnhom irrifjutaw is-servizz u kien hemm fejn riedu jibqghu "On Hold".

**Trasport**

Is-Servizz tat-Trasport kompla jingħata lill-Membri li jattendu n-Night Shelter ta' Għajnsielem Għawdex. Filwaqt li n-Night Shelter ta' SVPR kompla jgħati servizz limitat lill-Membri li jgħixu fil-viċinanzi tan-Night Shelter ta' SVPR.

## 10. DIRETTORAT TAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA

Id-Direttorat tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija twaqqaf f'Ġunju 2015 sabiex jipprovdi pariri strateġiċi lis-Segretarju Permanenti u finalment lill-Ministru, dwar materji li jikkonċernaw is-simplifikazzjoni tal-proċeduri fi ħdan id-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru. Id-Direttorat jaħdem ukoll fil-qrib mal-kapijiet tad- dipartimenti u entitajiet tal-Ministeru sabiex jiffurmula u jissottometti rakkomandazzjonijiet dwar reviżjoni ta' proċeduri u jsegwu inizjattivi li jwasslu għal simplifikazzjoni.

Id-Direttur ta' dan id- Dipartiment huwa l-aġent tal-bidla fil-Ministeru tal-Famija u Solidarjetà Soċjali, biex imexxi b'mod strateġiku u olistiku, inizjattivi ta' bidla fid-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru, b'attenzjoni partikolari fuq simplifikazzjoni ta' proċeduri varji kif ukoll permezz tal-użu tal-ICT. B'mod ġenerali, id-Direttur jaġixxi bħala punt ta' riferenza fil-Ministeru f'dak li għandu x'jaqsam simplifikazzjoni, speċjalment f'dawk l-oqsma tas-servizzi li għandhom x'jaqsmu direttament mal-operat tad-diversi dipartimenti u entitajiet kif ukoll tal-klijenti tal-istess Ministeru.

Id-Direttorat flimkien mal-Information Management Unit fl-istess Ministeru jħejji u jmexxi programm ta' ħidma (Pjan ta' Simplifikazzjoni tal-Burokrazija) dwar simplifikazzjoni tal-burokrazija fil-Ministeru. Id-Direttorat jaħdem ukoll fil-qrib maċ-Chief Information Officer fl-istess Ministeru u l-MITA sabiex jisfrutta l-potenzjal tal-ICT biex jissimplifika proċeduri u prassi ta' xogħol.

Fl-istess waqt id-Direttorat jimmonitorja d-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi sabiex jassigura li jkunu konformi mal-obbligi u l-impenji kif maqbula fil-programm ta' ħidma ħalli jiżgura implimentazzjoni fil-ħin. Għan importanti ieħor tad-Direttorat huwa li jassisti l-Ministeru u d-dipartimenti u entitajiet itejbu u jżommu standards ta' servizz ta' kwalità għolja permezz ta' simplifikazzjoni ta' proċeduri.

Minn żmien għal żmien, id-Direttorat flimkien mal-IMU fl-istess Ministeru, jikkummissjona rapporti mingħand entitajiet jew aġenziji tal-Gvern, kif ukoll jirrakkomanda azzjoni li twassal għal kisbiet fl-effiċjenza kif ukoll servizz aħjar u aktar sempliċi għad-diversi klijenti tal-Ministeru.

**Miżuri ta' Simplifikazzjoni**

Fis-sena 2018, il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali wettaq tmien miżuri ta' simplifikazzjoni bl-akbar miżura tkun dik implimentata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fejn tneħħa l-bżonn li persuna li tbati bil-marda tad-dijatbete u tibbenifika mill-Għajnuna Medika bla Ħlas, ma jkollhiex aktar il-bżonn li ġġedded il-Karta Roża darba kull sena, iżda minflok nħarġitilha waħda ta' darba. B'din il-miżura bbenefikaw madwar 4,000 ruħ.

Inizjattiva oħra importanti kienet l-introduzzjoni tal-POYC Web Service, fejn id-Dipartiment tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) kif ukoll id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, issa għandhom aċċess dirett u fil-pront għas-sistemi ta' xulxin. B'hekk, dawn l-entitajiet għandhom l-informazzjoni kollha meħtieġa f'waqtha dwar il-benefiċjarji tagħhom. Iż-żewġ entitatijiet qed jikkordinaw aħjar bejniethom u b'hekk żdiedet l-effiċjenza.

Miżura oħra ta' ċerta importanza kienet it-tneħħija tal-obbligu li persuna tissottometti ċertifikat mediku ta' anqas minn erbat'ijiem ta' mard lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Perjodu ta' inqas minn erbat'ijiem ta' mard ma jikkostitwixix talba (claim) għall-Benefiċċju tal-Mard. Għaldaqstant, id-Dipartiment m'għandux bżonn ta' dawn iċ-ċertifikati biex jiġu pproċessati.

Permezz ta' din il-miżura tnaqqas konsiderevolment l-iskariġġ tal-pubbliku li jipprezenta dawn iċ-ċertifikati fl-uffiċini distrettwali tad-Dipartiment jew fir-Regional Hubs tal-Aġenzija Servizz.Gov, kif ukoll iffrankar ta' spejjeż żejda ta' pustaġġ għal min jibgħathom bil-posta. Tajjeb jingħad illi jekk min iħaddem jesiġi li jkollu kopja taċ-ċerifikat mediku, dan xorta irid jingħata lilu mill-impjegat.

Żewġ miżuri interni li kienu implimentati matul l-2018 kienu jolqtu lill-impjegati tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Waħda minn dawn il-miżuri kienet l-introduzzjoni ta' proċess awtomatiku għad-deċiżjonijiet tal-Bord Mediku tal-Pensjoni tal-Invalidità. Permezz ta' din il-miżura tneħħa għalkollox il-bżonn tal-fajl manwali kif ukoll l-intervent tal-assessur u l-verifikatur.

B'hekk, proċess li kienu jieħu minn erbgħa sa ħames ġimgħat biex tkun komunikata d-deċiżjoni tal-Bord Mediku lill-persuna, issa qed tkun komunikata f'dik il-ġimgħa stess li jkun tlaqqa' l-Bord. Il-miżura interna l-oħra kienet l-introduzzjoni ta' sistema li tirrikonċilja b'mod awtomatiku l-ġbir ta' ħlasijiet żejda ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

Matul is-sena 2018 komplew jiżdiedu servizzi ġodda onlajn fil-MyServices fil-websajt tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Il-MyServices ġodda jippermettu lill-utent li bl-użu tal-e-ID jibdel l-indirizz tiegħu sakemm dan l-indirizz jaqbel eżatt ma'dak li jidher fuq il-Karta tal-Identità tal-utent, idaħħal jew ibiddel id-dettalji tal-kont bankarju (IBAN) kif ukoll iħallas lura pagmenti ta' ħlasijiet żejda ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Dawn il-miżuri jeliminaw il-bżonn li persuna iżżur l-uffiċini distrettwali tad-Dipartimenti.

Miżura oħra li tista' tgħid intemmet l-ewwel fażi tagħha kienet aġġudikata kienet it-tender għall-proviżjoni ta' sistema elettronika ċentrali għall-użu tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Din is-sistema se tkun qed tintegra l-proċessi kollha fi ħdan il-Dipartiment li bħalissa jsiru separati minn xulxin u b'mod manwali. B'hekk ser tiżdied l-effiċjenza fl-operat bil-għan li l-klijent jingħata servizz aħjar.

## Key Performance Indicators

Matul l-2017, id-Direttorat tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija ikkoordina l-implimentazzjoni ta' żewġ Key Performance Indicators tal-istess Ministeru. Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet l-introduzzjoni ta' kunċett ta ħinijiet ġodda dipartimentali fil-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ibbażat fuq il-ħtiġiet tal-pubbliku bl-oġġettiv li uffiċini varji jibdew jiftħu b'sigħat estiżi mit-Tnejn sal-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt filgħodu.

Il-KPI l-oħra kienet it-twaqqif ta' One-Stop Shop fejn il-pubbliku jsib is-servizzi ewlenin ta' customer care li jiġi bihom u li huma offruti mill-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Il-One-Stop Shop ingħata l-isem ta' Ċentru Servizz Familja u mistenni jiftaħ uffiċjalment għall-pubbliku fil-bidu tal-2019.

## 11. IMU – INFORMATION MANAGEMENT UNIT

Riżorsa fundamentali fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (MFCS) hija l-użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni – (ICT). L-attenzjoni primarja hija fit-titjib tal-mod ta' kif il-Ministeru juża t-teknoloġija bħala bażi soda u effettiva sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu. Il-mod tajjeb ta' kif wieħed iħaddem l-ICT u jinvesti b'mod xieraq f'dan il-qasam, jipprovdi l-MFCS bl-opportunità li jittrasforma l-mod ta' kif isiru l-proċeduri u prattiċi ta' xogħol. Waqt li wieħed iżomm dan f'rasu, l-għan primarju tal-Information Management Unit (IMU) huwa li jagħti direzzjoni strateġika u jamministraha sabiex tiġi aċċertata li d-*data* tiġi trasformata f'informazzjoni bħala riżorsa strateġika.

### Servizzi Onlajn u Simplifikazzjoni tal-Burokrazija

Id-direzzjoni tal-Ministeru hija li jkompli jtejjeb il-firxa tas-servizzi onlajn għall-pubbliku. L-IMU b'kollaborazzjoni mal-MITA kompla bil-programm ta' ħidma biex jespandi fuq is-servizzi eżistenti kif ukoll inizjattiva ta' simplifikazzjoni tal-burokrazija, fejn il-benefiċjarji ma jkollhomx bżonn japplikaw għall-intitolament tal-benefiċċju tagħhom.

Barra minn hekk, l-impenn tagħna huwa dak li nipprovdu informazzjoni lill-pubbliku. Permezz tas-siti elettroniċi tal-Ministeru, huwa żgurat li l-pubbliku jiġi pprovdut b'informazzjoni li hija miżmuma tajjeb, aġġornata u ta' standard għoli fi kwalunkwe ħin. Bħala kompitu li għadu għaddej, l-IMU qed ifittex li jidentifika, itejjeb u jestendi komponenti ta' siti eżistenti, jew ifittex oqsma tan-negozju speċifiċi sabiex joffri servizzi ġodda permezz tas-sit elettroniku.

Tkompla l-programm ta' ħidma dwar simplifikazzjoni tal-burokrazija fil-Ministeru. Dan sar sabiex jisfrutta l-potenzjal tal-ICT biex jissimplifika proċeduri u prattiċi ta' xogħol u sabiex imexxi b'mod strateġiku u ħolistiku, inizjattivi ta' bidla fid-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru, b'attenzjoni partikolari fuq simplifikazzjoni ta' proċeduri varji kif ukoll permezz tal-użu tal-ICT.

### Sapport Tekniku u Amministrattiv

L-IMU joffri l-ewwel linja ta' sapport għal servizzi tal-ICT lill-ħaddiema kollha fi ħdan il-portafoll tal-Ministeru. L-iskop hu li jipprovdi *helpdesk* tal-ICT sabiex jilqa' u jidentifika mistoqsijiet u talbiet mibgħuta mid-dipartimenti.

Barra minn hekk, ix-xiri tat-tagħmir tal-ICT għad-dipartimenti jiġi effettwat ċentralment mill-IMU. Dan il-mekkaniżmu jiżgura aktar kontroll fuq in-nefqa tal-ICT filwaqt li jippermetti lil-IMU jiżgura li l-bejjiegħa jfornu servizzi u prodotti skont l-ispeċifikazzjonijiet, kuntratti ta' servizz, u/jew obbligazzjonijiet kuntrattwali.

L-IMU huwa involut ukoll fl-immaniġġar tal-fornituri u l-koordinazzjoni ta' tiswijiet fuq apparat elettroniku li jitwettaq mill-fornituri terzi parti. L-IMU jipprepara l-apparat għal ġbir mill-fornitur, iżomm kont tiegħu u jiżgura li l-apparat huwa msewwi kif suppost u rritornat lill-utent/i.

Barra minn hekk, sabiex jirrispondi għad-dipendenza dejjem akbar fuq l-ICT, wieħed għandu jipprovdi u jmantni servizz ta' operazzjoni reżiljenti u affidabbli b'sapport tal-objettivi tal-organizzazzjoni. Il-prijorità ewlenija hija għalhekk li jiġi żgurat li l-investiment tal-MFCS fuq soluzzjonijiet tal-ICT huwa protett b'mod xieraq. Dan isir permezz ta' oqsma kuntrattwali li bħalissa huma għaddejin. Dan jiggarantixxi li l-provvista tas-servizz miftiehem u tas-sapport jiġu provduti b'mod sigur, effiċjenti u bl-inqas spejjeż.

Arranġamenti kuntrattwali jkopru l-ispettru sħih tas-servizzi tal-ICT inklużi l-immaniġġar tan-network, is-sapport tad-desktop kif ukoll sapport u żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni. Meta wieħed jieħu kemm jista' mill-fornituri tas-servizz magħżula u mill-użu effettiv tat-teknoloġija, allura l-effiċjenza tiżdied u l-ispejjeż jonqsu, u b'hekk jinħolqu soluzzjonijiet li jipprovdu l-aqwa valur għall-flus għal żmien fit-tul. Il-formolazzjoni ta' numru ta' kuntratti ta' manteniment u sapport relatati ma' *hardware* u/jew sistemi ta'

informazzjoni li huma implementati fi ħdan il-Ministeru jew id-Dipartimenti tiegħu jaqgħu wkoll fil-kompetenza tal-IMU.

**Governanza dwar l-ICT**

Il-Governanza dwar l-ICT hija funzjoni kontinwa integrata fl-operazzjonijiet kollha tal-Ministeru. Fl-eżekuzzjoni tal-Governanza dwar l-ICT, l-IMU jipprovdi tmexxija u kontroll permezz tar-regolamenti u proċeduri neċessarji. Fost dawn ir-regolamenti, wieħed isib it-tnedijiet ta' Qafas tal-Governanza dwar l-ICT għall-adozzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni madwar l-MFCS, li tikkonsisti f'numru ta' Regolamenti tal-Gvern dwar l-ICT. L-IMU, permezz tal-Governanza dwar l-ICT qed ifittex li jipprovdi lid-dipartimenti fi ħdan l-MFCS b'direzzjoni sabiex dawn jimplimentaw il-governanza dwar l-ICT fl-isferi ta' kontabilità u responsabilità tagħhom.

**Programm ta' Bdil tal-*Hardware***

Tul din l-aħħar sena kompla l-programm biex b'mod iktar sistematiku jibda jinbidel il-*hardware* antik tal-utenti tal-Ministeru u d-Dipartimenti fejn fil-passat dan it-tibdil kien isir però każ b'każ. Dan it-tibdil sistematiku ser jibqa' jsir tul is-snin li ġejjin.

***Websites***

Sar żvilupp u s-sapport ta' *websites*. Minbarra li l-*portal* tal-internet tal-Ministeru jiġi aġġornat b'mod regolari, l-IMU assista d-Dipartimenti fit-tnedija ta' *websites* ġodda jew l-immodernizzar tal-pjattaforma teknoloġika tagħhom.